# PJAN SOĊJALI GĦALL-FAMILJA 2025 - 2030

Dokument ta' Politika

**MEJJU 2025**

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJAL U D-DRITTIJIET TAT-TFAL

FAMILJA
INSAWRU L-FUTUR TAS-SOĊJETÀ TAGĦNA

# KONTENUT


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni mill-Prim Ministru | 06 |
| Daħla tal-Ministru | 08 |
| Messaġġ mis-Segretarju Permanenti | 10 |
| Sommarju Eżekuttiv | 12 |
| **Il-Viżjoni** | 16 |
| **Kuntest Nazzjonali** | 23 |
| **Prijorità 1: Ġustizzja Soċjali Għall-Familji** | 51 |
| **Prijorità 2: Relazzjonijiet B'Saħħithom** | 63 |
| **Prijorità 3: L-Għoti tas-Setgħa Permezz ta' Għarfien U l-Ħiliet** | 75 |
| **Prijorità 4: Titjib Tar-Rata Tal-Fertilità F'Malta** | 85 |
| Monitoraġġ u Evalwazzjoni | 93 |
| Ħsieb Finali | 97 |

# LISTA TA' FIGURI

| | | |
|---|---|---|
| **Illustrazzjoni 1:** | Politiki u Strateġiji Nazzjonali Diversi | 16 |
| **Illustrazzjoni 2:** | Distribuzzjoni tal-Unitajiet Domestiċi skont id-Daqs tal-Unità Domestika | 23 |
| **Illustrazzjoni 3:** | Rata tal-Fertilità Totali f'Malta u fl-UE | 24 |
| **Illustrazzjoni 4:** | Rata tal-Fertilità Totali u Età Medja tal-Ġenitur li Welled skont is-Sena | 25 |
| **Illustrazzjoni 5:** | Immigrazzjoni Netta | 26 |
| **Illustrazzjoni 6:** | Numru ta' Żwiġijiet u Divorzji skont is-Sena | 27 |
| **Illustrazzjoni 7:** | Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali | 29 |
| **Illustrazzjoni 8:** | Benefiċċji Relatati mat-Tfal | 30 |
| **Illustrazzjoni 9:** | Inċentivi tax-Xogħol u Benefiċċji tal-Qgħad | 30 |
| **Illustrazzjoni 10:** | Nefqa Grossa fuq il-Benefiċċji Soċjali (€000) skont is-Sena u l-Funzjoni | 31 |
| **Illustrazzjoni 11:** | Investiment fil-Benefiċċji in Natura għall-2025 | 32 |
| **Illustrazzjoni 12:** | Ostaklu Ewlieni għar-Rikonċiljazzjoni bejn ix-Xogħol u l-Ħajja tal-Familja | 33 |
| **Illustrazzjoni 13:** | Rata ta' Impjieg Skont l-Età u s-Sess fl-2023 | 36 |
| **Illustrazzjoni 14:** | Differenza fil-Pagi bejn il-Ġeneri | 36 |
| **Illustrazzjoni 15:** | Sehem ta' Rġiel u Nisa skont l-Impjieg | 37 |
| **Illustrazzjoni 16:** | Rata tal-Inflazzjoni f'Malta u fiż-Żona tal-Euro | 43 |
| **Illustrazzjoni 17:** | Twelid Ħaj skont is-Sena tat-Twelid tal-Omm | 44 |
| **Illustrazzjoni 18:** | Individwi li qed jirċievu Trattament għad-Dipendenza (skont ir-Reġjun) 2023 | 45 |

# INTRODUZZJONI MILL-PRIM MINISTRU



Dan il-Pjan Soċjali għall-Familja jibni fuq pedament sod ta' impenn soċjali li żviluppajna u ħadna ħsieb tul is-snin. Il-mudell soċjali tagħna huwa mmexxi mill-prinċipju li kull persuna jixraqilha s-sapport u d-dinjità, u huwa mfassal biex jilħaq lill-individwi u lill-familji f'kull stadju tal-ħajja, b'mod partikolari lil dawk li jinsabu l-aktar fil-bżonn.

Il-familji huma ċ-ċentru tas-soċjetà tagħna, u dan il-Pjan ipoġġihom fiċ-ċentru tal-politika pubblika. Huwa mibni fuq pilastri essenzjali li jġorru l-valuri kollettivi tagħna ta' ġustizzja soċjali, ugwaljanza u solidarjetà. Soċjetà ġusta tfisser li niżguraw opportunitajiet indaqs għall-familji kollha, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, l-oriġini, jew l-identità tagħhom. Tfisser ukoll li nneħħu l-ostakli b'mod attiv sabiex il-familji kollha jkunu jistgħu jirnexxu u jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja komunitarja. Billi nsaħħu l-komunitajiet u ntejbu l-aċċess għar-riżorsi essenzjali li jeħtieġu l-familji, nistgħu nsaħħu l-koeżjoni soċjali, ir-reżiljenza, u l-benesseri. Dan mhux obbligu tal-gvern biss. Progress sostenibbli jiddependi fuq impenn kondiviż minn kull settur tas-soċjetà.

Il-Pjan Soċjali għall-Familja għandu l-għan li jippromwovi l-ġustizzja u l-inklużjoni, isaħħaħ ir-relazzjonijiet u l-benesseri tal-familja, jipprovdi sapport permezz t'għarfien u ħiliet għall-ħajja, u jindirizza l-kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi usa' li jaffettwaw il-ħajja tal-familja. Permezz ta' approċċ immirat u personalizzat, il-Pjan jipprovdi qafas ċar u bilanċjat għall-azzjoni, u jiżgura li l-familji kollha jiġu apprezzati, sostnuti u msaħħa sabiex jagħrfu u jieħdu vantaġġ minn kull opportunità.

Napprezzaw bis-sħiħ il-fehmiet u l-kontributi miġbura matul il-proċess estensiv ta' konsultazzjoni. Dan il-Pjan Soċjali għall-Familja jirrifletti sforz kollettiv u responsabbiltà komuni. Jirrappreżenta impenn nazzjonali rinnovat biex jissaħħu l-familji, jiġu appoġġjati r-realtajiet differenti tagħhom, u jinbena futur fejn kull familja tista' tiffjorixxi b'dinjità u tama.

**Ono. Dott Robert Abela**
Prim Ministru ta' Malta

# DAĦLA
# TAL-MINISTRU

Il-familji huma l-għeruq li minnhom tikber is-soċjetà tagħna, u li jrawmu kemm il-benessri personali kif ukoll dawk kollettivi. Il-Gvern jibqa' sod fl-impenn tiegħu li jappoġġja lill-familji kollha, b'rikonoxximent tal-irwol vitali tagħhom fit-tisħiħ tal-istabbiltà soċjali, il-koeżjoni, u l-prosperità tul il-ħajja. Hekk kif id-dinamika tas-soċjetà tkompli tevolvi tul iż-żmien, huwa essenzjali li l-politiki nazzjonali tagħna jibqgħu jirriflettu r-realtajiet li dejjem jinbidlu u jindirizzaw b'mod ġust, inklussiv u b'viżjoni fit-tul il-bżonnijiet varji tal-familji kollha.



Il-Pjan Soċjali għall-Familji 2025-2030 jippreżenta l-viżjoni strateġika tal-Gvern biex isaħħaħ u jagħti s-setgħa lill-familji, irrispettivament mill-kompożizzjoni jew l-isfond tagħhom.

Abbażi ta' tliet prinċipji ewlenin: il-benessri soċjali, id-diversità, u r-reżiljenza, il-Pjan jinkludi miżuri konkreti mfassla biex jappoġġjaw lill-familji kollha f'kull forma tagħhom.

- Il-benessri soċjali tal-familji huma meqjusa bħala pedament importanti għal-kwalità tal-ħajja tal-individwu kif ukoll fit-tiswir ta' soċjetà b'saħħitha u magħquda. Essenzjali għal din il-viżjoni huma r-relazzjonijiet ta' imħabba u appoġġ, l-aċċess għal dħul adegwat, il-promozzjoni ta' stil ta' ħajja san, u l-bilanċ sostenibbli bejn ix-xogħol u l-ħajja. Kull wieħed minn dawn huwa element fundamentali li jippermetti lill-familji jiffjorixxu.

- Billi jħaddan id-diversità, il-Gvern jafferma mill-ġdid id-dedikazzjoni bla waqfien għat-trawwim ta' soċjetà msejsa fl-ugwaljanza, id-dinjità, u l-opportunità għal kulħadd. Kull familja jistħoqqilha l-opportunità li tiffunzjona b'mod effettiv u tgħix b'dinjità.

- Ir-reżiljenza hija daqstant importanti. Il-familji għandhom ikunu kapaċi jadattaw u jirkupraw mid-diffikultajiet. Billi jiżgura l-aċċess għal servizzi essenzjali, isaħħaħ in-networks komunitarji, u jipproteġi l-membri li jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' żvantaġġ, dan il-Pjan Soċjali jipprovdi lill-familji bl-appoġġ li jeħtieġu biex jinnavigaw l-isfidi tal-ħajja.

Ninsab fiduċjuż li dan il-Pjan Soċjali għall-Familji 2025–2030 se sservi bħala pass ċentrali lejn it-tiswir ta' soċjetà aktar inklużiva, ta' kompassjoni, u ġusta — waħda fejn il-familji jibqgħu ċentrali għal-benessri u l-iżvilupp tan-nazzjon tagħna.

Flimkien, għandna l-opportunità li noħolqu viżjoni ġdida u nsaħħu r-rwol tal-familji f'dinja li qed tinbidel, filwaqt li niżguraw li ħadd ma jitħalla lura.

**Ono. Dott Michael Falzon**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

# MESSAĠĠ MIS-SEGRETARJU PERMANENTI



Il-familji f'Malta qed jiffaċċjaw realtà dejjem aktar kumplessa u li qed tevolvi, frott tal-bidliet soċjali, ekonomiċi u demografiċi li qed iseħħu. Dawn il-bidliet qed jenfasizzaw l-importanza li dejjem qed tikber ta' politiki sensittivi, inklużivi, li jsaħħu l-benessri tal-familja, u jikkontribwixxu għal soċjetà reżiljenti tul iż-żmien.

Il-Pjan Soċjali għall-Familji 2025–2030 jirrappreżenta impenn nazzjonali biex il-familji jibqgħu fiċ-ċentru tal-aġenda soċjali u ta' żvilupp ta' pajjiżna. Dan il-Pjan huwa mibni fuq l-għarfien li familji b'saħħithom huma l-pedament ta' soċjetà koerenti u prospetta, u permezz ta' inizjattivi innovattivi u bbażati fuq evidenza jirrispondi b'mod strateġiku għall-isfidi li qed jiffaċċjaw il-familji llum.

Dan il-Pjan Soċjali ġie mfassal b'attenzjoni kbira wara proċess ta' konsultazzjoni estensiv, sabiex jiżgura li l-vuċijiet tal-familji, tal-prattikanti, tas-soċjetà ċivili u tal-partijiet interessati kollha jkunu ġew verament milqugħa u riflessi b'mod sinifikanti. Jiġbor fih viżjoni kondiviża: li kull familja f'Malta tgħix b'dinjità, sigurtà, u tama għall-futur aħjar.

Imsejjes fuq analiżi evidenzjata tal-kuntest nazzjonali u infurmat mill-feedback miġbur matul il-proċess ta' konsultazzjoni, il-Pjan jidentifika erba' temi ewlenin—ġustizzja soċjali, relazzjonijiet b'saħħithom, tisħiħ permezz ta' għarfien u ħiliet, u t-tkabbir tar-rata ta' fertilità ta' Malta.  Dawn it-temi jiggwidaw il-miżuri konkreti li għandhom jiġu implimentati biex jappoġġjaw lill-familji fil-forom kollha tagħhom.

Aktar minn strument ta' politika, il-Pjan Soċjali għall-Familji 2025–2030 jirrappreżenta qafas ta' azzjoni prattiku u parteċipattiv—allinjat mal-Viżjoni Soċjali Għal Malta 2035.

Mhux biss għandu l-għan li jipproteġi lill-familji, iżda wkoll li jipprovdi r-riżorsi, l-għarfien, u l-appoġġ li għandhom bżonn biex jirnexxu f'dinja li qed tinbidel kontinwament, kemm issa kif ukoll fil-futur.

**Sur Mark Musu'**
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-Pjan Soċjali għall-Familji 2025–2030 għandu l-għan li jsaħħaħ il-benessri u r-reżiljenza tal-familji f'Malta billi jirreaġixxi għall-bżonnijiet dinamiċi tagħhom b'mod inklużiv u ġust. Iggwidat mill-Viżjoni Soċjali Għal Malta 2035, il-Pjan jirrikonoxxi l-familja bħala l-pedament tas-soċjetà u jfittex li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja billi joffri appoġġ imfassal skont l-istadji differenti tal-ħajja u it-tipi diversi ta' familji.

L-għan ġenerali huwa li kull familja, irrispettivament mill-forma jew l-isfond tagħha, tkun sostnuta biex tirnexxi u tikkontribwixxi għal soċjetà ta' kompassjoni u inklużiva.

Il-Pjan huwa mibni fuq erba' prijoritajiet strateġiċi ewlenin:

- **Ġustizzja Soċjali għall-Familji:** It-tisħiħ tal-appoġġ għall-familji f'sitwazzjonijiet ta' żvantaġġ u l-iżgurar t'aċċess ekwu għal opportunitajiet u riżorsi.
- **Relazzjonijiet b'Saħħithom:** It-trawwim ta' dinamika pożittiva fil-familja u tal-benesseri emozzjonali permezz ta' gwida, appoġġ, u tnaqqis ta' sorsi ta' stress.
- **L-Għoti tas-Setgħa Permezz ta' Għarfien u Ħiliet:** Il-familji jiġu mgħammra b'ħiliet essenzjali tal-ħajja biex jiffaċċjaw l-isfidi u jsawru soċjetà aktar mgħallma u reżiljenti.
- **Titjib tar-Rata tal-Fertilità ta' Malta:** L-indirizzar tal-ostakli soċjoekonomiċi li jinfluenzaw l-ippjanar tal-familja u t-tkabbir demografiku.

Biex il-Pjan ikun verament imsejjes fuq realtajiet tal-ħajja li qed jiffaċċja l-poplu, sar proċess komprensiv ta' pre-konsultazzjoni. Dan kien jinkludi avveniment inizjali tal-partijiet interessati fl-2022, laqgħat bilaterali ma' diversi Ministeri matul l-2023–2024, u forum finali tal-partijiet interessati fil-bidu tal-2025. Dawn id-diskussjonijiet esploraw kwistjonijiet ewlenin bħall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja personali, il-protezzjoni soċjali, l-akkomodazzjoni, u l-bidliet fid-dinamika tal-ħajja tal-familja – b'attenzjoni partikolari fuq il-ġenituri li jaħdmu, dawk bi dħul wieħed biss, u gruppi żvantaġġati.





# IL-VIŻJONI

*Il-Pjan Soċjali għall-Familja huwa ddedikat għat-trawwim ta' soċjetà fejn kull familja tista' tiffjorixxi.*

*Billi jagħti prijorità lill-inklużività, lir-reżiljenza, u lill-benesseri, il-Pjan Soċjali għall-Familja jipprevedi futur fejn il-familji jirċievu appoġġ imfassal apposta għalihom, jikkontribwixxu b'mod sinifikattiv lejn il-komunitajiet tagħhom, u jsawru b'mod kollettiv soċjetà ħanina u ekwa għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.*

Il-familji huma l-bażi ta' soċjetà prospera, u jsawru pedament għal-benesseri soċjali, emozzjonali, u ekonomiku. Il-familji jgħaddu l-valuri, ir-responsabbiltà, u n-normi soċjali minn persuna għal oħra, u jinfluwenzaw il-benesseri soċjetali preżenti kif ukoll l-iżvilupp ta' ġenerazzjonijiet futuri. It-tisħiħ tal-familji jwassal għal soċjetà aktar b'saħħitha b'mod ġenerali, filwaqt li jiżgura l-istabbiltà, ir-reżiljenza, u sens ta' appartenenza għaċ-ċittadini kollha. Il-Pjan Soċjali għall-Familja 2025-2030 ifittex li jagħti s-setgħa lill-familji, u jippermettilhom jadattaw kemm għall-isfidi kurrenti kif ukoll dawk futuri, filwaqt li jiżgura li r-rwol vitali tagħhom fis-soċjetà jkun appoġġjat u rikonoxxut bis-sħiħ.

**Lejn il-Viżjoni Soċjali għal Malta 2035**

Il-Pjan Soċjali għall-Familja huwa mibni fuq il-Viżjoni Soċjali għal Malta 2035, li tipprevedi soċjetà fejn il-familji, irrispettivament mill-istruttura tagħhom, jkunu reżiljenti, setgħana, u appoġġjati biex jegħlbu l-isfidi tal-ħajja. Il-Viżjoni Soċjali tistabbilixxi s-sisien għat-tisħiħ tal-benesseri soċjoekonomiċi u psikosoċjali tal-familji permezz ta' servizzi aċċessibbli u inklużivi, li jiżguraw li ħadd ma jinqabeż.

Biex nibnu fuq dan il-pedament, iridu jiġu żviluppati interventi konkreti ħalli jindirizzaw dinamiċi li qed jevolvu u sfidi kontemporanji. Minħabba l-impatt tal-bidliet demografiċi — bħar-rati tal-fertilità, l-istennija tal-għomor, u l-migrazzjoni — il-politiki tal-Gvern iridu jkunu adattabbli u progressivi.

F'dan il-kuntest, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal nieda dokument ta' diskussjoni pubblika f'Mejju 2024 biex jiggwida l-iżvilupp tal-Pjan Soċjali għall-Familja 2025-2030 li jkompli jappoġġja u jsaħħaħ l-unità tal-familja fis-soċjetà Maltija, f'allinjament mal-prinċipji deskritti fil-Viżjoni Soċjali għal Malta 2035.

Huwa importanti ħafna li l-Pjan Soċjali għall-Familja jibni fuq il-pedament stabbilit minn politiki u strateġiji nazzjonali ewlenin oħra (xi uħud minnhom jidhru fl-illustrazzjoni iktar 'l isfel), li jintegraw il-prinċipji u l-objettivi tagħhom biex joħolqu qafas komprensiv li jappoġġja l-benesseri u r-reżiljenza tal-familja.




**Illustrazzjoni 1:** Politiki u Strateġiji Nazzjonali Diversi

## L-Approċċ Tagħna – X'nafu S'issa

Il-familji huma affettwati direttament u indirettament, minn politiki f'ħafna oqsma setturi fi ħdan il-qasam soċjali u lil hinn minnu. L-iżvilupp tal-Pjan Soċjali għall-Familja jirrikjedi fehim ċar tal-isfidi kurrenti u dawk possibbli fil-futur. Wara serje ta' konsultazzjonijiet interni, saret riċerka sekondarja bir-reqqa u bbażata fuq l-evidenza sabiex tfittex teżamina d-data disponibbli u fix-xejriet disponibbli dwar is-sitwazzjoni kurrenti tal-kuntest nazzjonali. Dan irriżulta fl-identifikazzjoni ta' għadd ta' sfidi eżistenti ffaċċjati mill-familji f'Malta. Is-sejbiet ewlenin huma ppreżentati f'Kapitlu 2.

## Fil-Livell ta' Qabel il-Konsultazzjoni

Fl-2022, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal organizza avveniment ta' pre-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin. L-għan ewlieni tal-fażi ta' pre-konsultazzjoni kien li jgħin biex jinftiehmu aħjar ir-realtajiet u l-esperjenzi tal-familji bl-objettiv li jiġu identifikati, iddefiniti u analizzati l-kwistjonijiet, l-isfidi, l-ostakli, it-tħassib u l-opportunitajiet ewlenin li huma previsti fit-terminu medju u dak twil. Matul l-avveniment ta' pre-konsultazzjoni, ġew enfasizzati diversi punti ewlenin rigward l-isfidi u l-bżonnijiet tal-familji fis-soċjetà Maltija. Il-ġenituri li jaħdmu jiffaċċjaw diffikultajiet biex **jibbilanċjaw ix-xogħol mar-responsabbiltajiet tal-familja**, partikolarment minħabba obbligi finanzjarji u nuqqas ta' ħin għall-attivitajiet extrakurrikulari tat-tfal. Il-pressjonijiet finanzjarji għandhom impatt fuq l-unitajiet domestiċi b'sors ta' dħul wieħed, u hemm **diskrepanza bejn id-daqs tal-familja mixtieq u dak attwali** minħabba r-restrizzjonijiet tax-xogħol u dawk finanzjarji. **Is-suq tal-akkomodazzjoni** li qed ikompli jikber **qed joħloq sfidi ambjentali u soċjetali**, filwaqt li fatturi esterni bħall-COVID-19 u avvenimenti globali jaffettwaw il-ħajja tal-familja. Ġie enfasizzat li **min iħaddem għandu jkun inċentivat jew mitlub** biex jikkunsidra aktar il-bżonnijiet tal-familja, u hemm sejħa għal arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli. Il-politiki tal-familja adegwati, inkluż il-**leave tal-ġenituri**, huma investimenti kruċjali. Ġew enfasizzati wkoll l-integrazzjoni kulturali, i**r-riformi edukattivi li jiffokaw fuq il-ħiliet għall-ħajja**, u r-rikonoxximent tal-irwol tan-nanniet fil-familji.

**Id-dipendenza diġitali, il-litteriżmu medjatiku, u l-ambjenti tajbin għat-tfal** ġew enfasizzati fir-rigward tal-impatt tat-teknoloġija fuq il-familji. Fis-settur soċjali, hemm bżonn ta' professjonisti mħarrġa u sistemi tal-qorti tal-familja li jaġixxu fil-waqt, flimkien ma' bidliet

leġiżlattivi biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati inkluż l-aljenazzjoni tal-ġenituri. Dawn id-diskussjonijiet issottolinjaw il-bżonn ta' appoġġ komprensiv, riformi tal-politiki u bidliet soċjetali biex jiġu żgurati l-benesseri u r-reżiljenza tal-familji f'Malta.

**Konsultazzjonijiet Bilaterali Ulterjuri**

Fl-2023 u l-2024, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal kompla l-isforzi tiegħu biex jiġbor fehim profond u feedback dwar kwistjonijiet relatati mal-familja billi wettaq serje ta' laqgħat ta' qabel il-konsultazzjonijiet bilaterali. Dawn il-laqgħat kienu partikolarment iffokati biex jinvolvu l-Ministeri u l-entitajiet tal-Gvern ħalli jfittxu aktar fil-fond dwar aspetti speċifiċi tal-benesseri tal-familja, l-isfidi, u l-interventi tal-politika potenzjali. L-għan kien li jinġabar input dettaljat, jiġu skambjati l-ideat, u jitfittex għarfien espert minn diversi setturi tal-gvern biex jiġi kkaratterizzat l-iżvilupp ta' politiki komprensivi u effettivi.

B'mod partikolari, id-diskussjonijiet koprew temi marbuta mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, is-sistemi ta' appoġġ soċjali, ix-xejriet demografiċi, il-bżonnijiet edukattivi b'rabta mal-ħiliet, l-akkomodazzjoni, ir-rwol tal-leġiżlazzjoni fl-appoġġ tal-familji u r-relazzjonijiet familjali. Dawn l-impenji bilaterali servew bħala pjattaformi kruċjali għall-kollaborazzjoni, il-kondiviżjoni tal-għarfien, u l-kokreazzjoni ta' strateġiji biex itejbu l-benesseri u r-reżiljenza tal-familja fi ħdan is-soċjetà Maltija.

Il-feedback miġbur mid-diskussjonijiet imsemmija hawn fuq kien analizzat u kkontribwixxa għat-tfassil ta' dan l-abbozz tad-Dokument ta' Konsultazzjoni għall-Pjan Soċjali għall-Familja 2025-2030.

F'Jannar 2025 sar avveniment finali ta' pre-konsultazzjoni għall-partijiet ikkonċernati ewlenin, li nġabru biex jiddiskutu firxa ta' miżuri konkreti u interventi potenzjali. Dawn id-diskussjonijiet kellhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-miżuri li ġew ippreżentati issa f'dan id-dokument, li jirriflettu l-input kollettiv u l-fehim profond kondiviż matul l-avveniment.

## 1.1 ALLURA, X'INHU L-PJAN?

Il-ħajja tal-familja hija xenarju kumpless affettwat minn diversi setturi, politiki, u ċirkostanzi tal-ħajja, li jagħmluha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jitfassal pjan wieħed li kapaċi jindirizza l-isfidi u l-fatturi bi sfumaturi differenti "kollha" li jaffettwaw lill-familji.

F'dawn l-aħħar snin, minn perspettiva ta' politika pubblika, il-promozzjoni tal-benesseri tal-familji kienet responsabbiltà kondiviża bejn Ministeri, entitajiet u aġenziji tal-Gvern differenti. Filwaqt li jirrikonoxxi din il-kumplessità, il-Pjan Soċjali għall-Familja għandu l-għan li jservi bħala pedament biex jindirizza l-lakuni ewlenin għat-titjib tal-benesseri familjali, partikolarment għall-familji fl-aktar sitwazzjonijiet żvantaġġati.

Filwaqt li jirrikonoxxi l-bżonn għal approċċi diversi u mmirati, dan il-pjan iħejji l-kundizzjonijiet biex titrawwem ir-reżiljenza, jiġi offrut l-appoġġ, u jinħoloq ambjent li jwassal għall-benesseri ġenerali tal-familji. Permezz tal-inizjattivi ffokati tiegħu, hu jipprova jerfa' lil dawk li qed jiffaċċjaw xi avversità, u jiżgura li n-natura multidimensjonali tal-ħajja tal-familja tingħata rispons komprensiv u ħanin.

## 1.2 L-OBJETTIVI STRATEĠIĊI

Il-Pjan Soċjali għall-Familja jirrispondi għall-bżonnijiet diversifikati u li qed jevolvu tas-soċjetà tagħna, u li jindirizza l-isfidi u d-diffikultajiet ewlenin iffaċċjati mill-familji, speċjalment dawk fis-sitwazzjonijiet l-aktar żvantaġġati.

Billi jirrikonoxxi u jadatta għax-xenarju dinamiku tad-domandi soċjetali, il-Pjan Soċjali għandu jipprovdi appoġġ komprensiv. Dan huwa partikolarment kruċjali minħabba ċ-ċirkostanzi internazzjonali li kontinwament jinfluwenzaw ir-realtajiet tagħna.

Dan jinvolvi mhux biss l-indirizzar tal-isfidi immedjati iżda wkoll it-trawwim ta' titjib sostenibbli fil-benesseri tal-familji f'ċirkostanzi varji.

L-għan komprensiv huwa t-titjib tal-kwalità tal-ħajja għall-familji permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri mfassla, gwidati mill-prinċipji tal-ġustizzja soċjali. L-impenn għall-ġustizzja soċjali jissottolinja l-isforzi tal-pjan dedikati għall-ekwità, l-ugwaljanza, u l-inklużività fl-approċċ tiegħu biex jappoġġja lill-familji.

L-orjentazzjoni ta' dan il-pjan hija mmirata biex trawwem mentalità proattiva u preventiva, b'enfasi fuq il-kultivazzjoni tal-punti b'saħħithom ta' vantaġġ u r-reżiljenza tal-familja. Dan l-approċċ qed jingħata prijorità biex jiskoraġixxi l-okkorrenza tal-problemi, filwaqt li jimmira li jneħħi fatturi negattivi jew jimmitiga l-impatt tal-fatturi eżistenti li jaffettwaw b'mod avvers negattiv il-funzjonament tal-familja.

L-għan aħħari ta' dan il-Pjan Soċjali għall-Familja huwa li jagħti s-setgħa lill-familji u jtejjeb il-benesseri ġenerali tagħhom permezz ta':

1. L-implimentazzjoni ta' interventi mfassla għall-isfidi dejjem qed jinbidlu u skont id-diversità tal-familja.

2. L-appoġġ ta' ambjent li jappoġġja joffri sostenn lill-familji (partikolarment matul is-snin tat-trobbija tat-tfal) matul il-kors tal-ħajja (partikolarment matul is-snin tat-trobbija tat-tfal) ; u
3. Il-forniment tas-servizzi ta' appoġġ, il-ħiliet u l-abbiltajiet neċessarji biex l-isfidi jiġu ġestiti aħjar.

### 1.2.1 Rispons għal Rata tal-Fertilità li qed Tonqos

Il-Pjan Soċjali għall-Familja jippreżenta wkoll direzzjoni strateġika mill-Gvern biex tigi indirzzata r-rata tal-fertilità baxxa li qed tippersisti u t-tnaqqis demografiku ta' Malta (dan se jiġi spjegat f'aktar dettall fil-kapitli sussegwenti). Bħala pass kruċjali, il-pjan jagħti prijorità lil miżuri komprensivi biex jindirizza l-isfidi demografiċi u jipprova joħloq kundizzjonijiet li jwasslu għat-tkabbir tal-familja. Dan l-approċċ multidimensjonali jissottolinja l-impenn tal-Gvern biex ireġġa' lura x-xejra tar-rati tal-fertilità baxxa u jrawwem popolazzjoni sostenibbli u li tirnexxi f'Malta qalb familji msaħħa.

## 1.3 TLIET PILASTRI LI JIGGWIDAW IL-PJAN SOĊJALI GĦALL-FAMILJA

Billi jibni fuq l-inizjattivi tal-politika eżistenti, il-Pjan Soċjali għandu l-għan li jħaddan il-prinċipju li ma jintesa ħadd u li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-familji billi jipprovdi appoġġ xieraq. F'dan ir-rigward, il-pjan jiffoka fuq it-tliet pilastri ewlenin li ġejjin:

### Benesseri Soċjali tal-Familja

Il-benesseri[1] huwa kunċett multidimensjonali li għandu jiġi kkunsidrat minn perspettivi differenti, jiġifieri dawk fiżiċi, soċjali, ekonomiċi u psikoloġiċi. Il-benesseri soċjali għandhom impatt fuq il-kwalità tal-ħajja tal-individwi fi ħdan il-familja u għandu impatt dirett fuq il-benesseri soċjali tas-soċjetà kollha kemm hi. Minkejja diversità dejjem akbar fil-forom tal-koppji u tal-familji, il-bażi għall-benesseri soċjali tal-familji tinsab **f'relazzjonijiet familjali** u **f'ambjent** ta' appoġġ u li jagħtu sodisfazzjoni.

Ir-riċerka[2] tindika wkoll li l-benesseri u s-sodisfazzjon tal-ħajja għall-familji huma konnessi ma' għadd ta' fatturi oħra inkluż l-adegwatezza tal-introjtu, l-istili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, l-ambjent naturali u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, fost oħrajn.

### Diversità

Meta nibnu fuq ir-realtajiet u l-isfidi kontemporanji tal-lum, huwa kruċjali li nirrikonoxxu wkoll li l-forom diversi tal-familja jiffaċċjaw sfidi differenti.

Filwaqt li jsaħħu l-isforz biex jappoġġjaw familji li għandhom karatteristiċi, valuri u ċirkostanzi differenti, l-inizjattivi u s-servizzi tal-politika jeħtieġ li jżommu f'moħħhom u jindirizzaw il-fatt li l-formazzjonijiet tal-familja qed isiru dejjem aktar diversi. Tabilħaqq, pjan effettiv, realistiku, prattiku u inklużiv għall-familji jiddependi wkoll fuq ir-rikonoxximent u l-aċċettazzjoni tal-isfidi u dimensjonijiet diversi ta' tipi varji ta' familji, flimkien mar-rikonoxximent tal-bżonnijiet differenti tal-familji biex jiffunzjona b'mod effettiv għall-benefiċċju tas-soċjetà kollha kemm hi, primarjament għall-familja.

Filwaqt li jista' jkun hemm stigmatizzazzjoni, emarġinazzjoni u segregazzjoni minħabba d-diversità tal-ħajja familjali, l-approċċ ta' dan il-qafas tal-politika huwa wieħed ta' rispett u inklużjoni biex inkomplu nibnu fuq l-impatti pożittivi miksuba.

### Reżiljenza

Ir-reżiljenza[3] hija l-bażi tal-funzjonalità tal-familja meta tiffaċċja stress u avversità. Huwa importanti li l-familji jkollhom il-kapaċità neċessarja biex jifilħu għal u jirkupraw minn sfidi tal-ħajja problematiċi. L-ambjent fi ħdan il-familja u l-ambjent ta' madwar il-familja jistgħu kemm itaffu kif ukoll jintensifikaw l-effetti tal-avvenimenti li qed iseħħu.

Il-familji jirrikjedu aċċess għal ħtiġijiet bażiċi ta' kwalità bi prezz affordabbli, partikolarment fejn hemm membri vulnerabbli fi ħdan il-familja, bħat-tfal, persuni akbar fl-età u persuni b'diżabbiltà u/jew sfidi ta' saħħa mentali kronici.

Sabiex tkun żgurata r-reżiljenza, huwa ferm importanti li jkompli jiġi pprovdut ambjent madwar il-familja li jista' jegħleb il-vulnerabbiltajiet u l-iżvantaġġi strutturali. Dan huwa sinifikanti speċjalment f'każijiet ta' familji esposti għall-faqar u l-esklużjoni soċjali, id-deni u l-abbuż, li jista' jkollhom impatti negattivi fit-tul fuq it-tfal anke fil-ħajja adulta tagħhom.

## 1.4 RIŻULTATI MISTENNIJA

Il-ħajja tal-familja qed issir dejjem aktar diversa u kumplessa, u qed tħalli lill-familji esposti għal forom differenti ta' fatturi ta' stress. Il-Kapitlu 2 se jippreżenta l-aktar punti

[1] *Il-kunċett ta' benesseri jintuża xi kultant b'mod interkambjabbli mal-kunċett ta' kwalità tal-ħajja jew sodisfazzjon tal-ħajja.*
[2] *Scerri, C. S., Lanfranco, I. G., u Abela, A. (2019). Family wellbeing: a look at Maltese families. F'S. Vella, R. Falzon u A. Azzopardi (Edituri), Perspectives on Wellbeing (pp. 63-78). Leiden: Brill.*

prinċipali b'saħħithom u dawk dgħajfin tal-kuntest nazzjonali, kif ukoll l-opportunitajiet u t-theddid emerġenti ewlenin. Abbażi ta' din l-analiżi, u wara li jitqies il-feedback miġbur waqt is-sessjonijiet ta' pre-konsultazzjoni, il-Pjan Soċjali għall-Familja jagħti prijorità lill-**erba' temi ewlenin** li ġejjin, li fuqhom għandhom jitfasslu l-azzjonijiet u l-miżuri meħtieġa.

1. **Ġustizzja Soċjali għall-Familji:** Biex ikomplu jiġu pprovduti u jitjiebu l-appoġġ u s-servizzi adegwati lill-familji f'sitwazzjonijiet żvantaġġati. Il-familji b'membri li għandhom bżonnijiet speċifiċi jirrikjedu appoġġ addizzjonali. Permezz tat-titjib tal-benessri soċjali ġenerali, il-familji kollha għandu jkollhom l-assistenza u l-opportunitajiet neċessarji biex jirnexxu.

2. **Relazzjonijiet b'Saħħithom:** Biex jitrawwem ambjent pożittiv fil-familja li jgħin lill-individwi jimmaniġġjaw l-istress tal-ħajja b'mod aħjar permezz tal-faraġ, gwida, u qawwa li joffru dawn ir-relazzjonijiet. Relazzjonijiet familjari b'saħħithom itejbu u jwasslu għall-ġid u benessri tul il-ħajja.

3. **L-Għoti tas-Setgħa permezz tal-Għarfien u l-Ħiliet:** Biex tingħata prijorità lill-iżvilupp tal-abbiltajiet fundamentali u biex il-familji jkunu jistgħu jinnavigaw l-isfidi u jaħtfu l-opportunitajiet. It-tisħiħ tal-familji permezz ta' ħiliet bażiċi essenzjali, se jwaqqaf il-pedament għat-transizzjoni lejn soċjetà mgħallma u ta' livell iktar avvanzat.

4. **Titjib tar-Rata tal-Fertilità ta' Malta:** Biex jiġu indirizzati diversi fatturi soċjoekonomiċi li jinfluwenzaw l-ippjanar tal-familja

L-identifikazzjoni tat-temi ta' prijorità ewlenin fi ħdan il-Pjan Soċjali għall-Familja huwa kruċjali biex l-isforzi u r-riżorsi ffokati jiġu ddireġuti lejn oqsma ta' impatt sinifikanti. It-temi ewlenin deskritti f'dan il-pjan iduru madwar it-titjib tal-benesseri tal-familja, it-trawwim tar-reżiljenza, u l-indirizzar tal-isfidi f'livelli varji.

L-għażliet tal-Politika meħuda mill-Gvern fis-snin reċenti sawru l-ħajja tal-familji f'diversi modi. Il-kapitlu li jmiss se jipprovdi analiżi bbażata fuq l-evidenza tal-kuntest nazzjonali kurrenti permezz ta' statistika li se tenfasizza l-isfidi u l-bżonnijiet tal-familji eżistenti u emerġenti. Din l-analiżi hija l-punt tat-tluq biex jissaħħaħ il-proċess għat-tfassil tal-politika li se jwassal għall-bini ta' qafas kunċettwali biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa.



[3] *Ir-reżiljenza tirreferi għall-abbiltà li wieħed jirkupra u jadatta b'mod pożittiv meta jkun qed jiffaċċja l-avversità jew fatturi ta' stress sinifikanti. Din tinvolvi li wieħed jerġa' lura fuq saqajh wara sitwazzjonijiet diffiċli, jieħu ħsieb il-benesseri tiegħu, u jirnexxi minkejja l-isfidi. Din id-definizzjoni ġejja minn: Masten, A. S. (2018). Resilience Theory and Research on Children and Families: Past, Present, and Promise. Journal of Family Theory & Review.*






# KUNTEST NAZZJONALI

Il-familji f'Malta għaddew minn bidliet sinifikanti u bla preċedent matul is-snin. Il-Gvern kien sod fl-impenn tiegħu li jsaħħaħ lill-familji, b'rikonoxximent tal-irwol imprezzabbli tagħhom fis-soċjetà tagħna. Fl-aħħar deċennju, il-Gvern implimenta firxa ta' politiki, miżuri, u inizjattivi mmirati biex jipprovdu appoġġ kruċjali lil kull familja, speċjalment dawk li qed jiffaċċjaw it-tbatija u l-avversità. Dan il-kapitlu se jenfasizza l-kuntest tal-politika nazzjonali kurrenti u permezz ta' approċċ ibbażat fuq l-evidenza, se jipprovdi analiżi bir-reqqa biex jenfasizza l-isfidi primarji li qed jiffaċċjaw il-familji.

## 2.1 DEMOGRAFIJA

Fis-snin reċenti, Malta rat tkabbir sinifikanti fil-popolazzjoni. Fl-2010, il-popolazzjoni rreġistrata kienet ta' 414,027[4]. Sal-2021, iċ-Ċensiment tal-Popolazzjoni u d-Djar indika żieda għal 516,000[5] individwu li qed jgħixu f'210,000 abitazzjoni privata. Sa Jannar 2024, il-popolazzjoni laħqet stima ta' 563,443, li tirrifletti żieda ulterjuri ta' 3.95% meta mqabbla mal-2023[6].

L-Illustrazzjoni 2 hawn isfel turi d-distribuzzjoni tal-unitajiet domestiċi skont id-daqs (jiġifieri skont l-għadd ta' persuni għal kull unità domestika) bejn l-2016 u l-2023. L-unitajiet domestiċi magħmula minn żewġ persuni jikkostitwixxu l-maġġoranza, segwiti mill-unitajiet domestiċi b'persuna waħda. In-numru ta' unitajiet domestiċi bi tliet persuni baqa' stabbli, filwaqt li kien hemm tnaqqis fl-unitajiet domestiċi b'erba' persuni. B'kuntrast ma' dan, ġiet osservata żieda żgħira fl-unitajiet domestiċi b'ħames persuni. Dawn ix-xejriet[7] jallinjaw mat-tnaqqis ġenerali fir-rati tal-fertilità ta' Malta.

**Illustrazzjoni 2:** Distribuzzjoni tal-Unitajiet Domestiċi skont id-Daqs tal-Unità Domestika




| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2016 | 25.8 | 30.5 | 19.1 | 17.1 | 5 | 2.5 |
| 2023 | 27.9 | 32 | 19.4 | 13.8 | 5.8 | 1.1 |

**Daqs tal-Unità Domestika**

[4] *Il-Eurostat. Population on 1 January by age and sex. Kodiċi tad-data online: demo_pjan.*
[5] *L-NSO. Census of Population and Housing 2021: Final Report: Health, education, employment and other characteristics (Volume 3). Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/themes_publications/census-of-population-and-housing-2021-final-report-health-education-employment-and-other-characteristics/. Aċċessat fil-21/3/2024.*
[6] *L-NSO. Il-Jum Dinji tal-Popolazzjoni: 11 ta' Lulju 2023. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/il-popolazzjoni/world-population-day-11-july-2023/. Aċċessat fit-08/01/2024.*
[7] *Il-Eurostat. Distribution of households by household size. Kodiċi tad-data online: ilc_lvph03.*

### 2.1.1 Fertilità

Ir-rata tal-fertilità totali ta' Malta[8] esperjenzat tnaqqis qawwi matul dawn l-aħħar 50 sena. Fl-1977, ir-rata tal-fertilità totali kienet ta' 2.14-il wild għal kull mara, ftit aktar mil-livell ta' sostituzzjoni ta' 2.1.[9] Sal-2023, din kienet niżlet għal 1.06 ulied għal kull mara, l-aktar r-rata tal-fertilità l-aktar baxxa fl-Ewropa u waħda mill-aktar baxxi globalment. Barra minn hekk, Malta rat tnaqqis fit-tul fir-rata kruda tat-twelid kull elf resident, li naqset minn 9.6 fl-2015 għal 8.1 fl-2023.[10]

Din ix-xejra demografika hija kawża għal tħassib kurrenti u futur. Ir-rata tal-fertilità li qed tonqos taffettwa l-istruttura tal-popolazzjoni, li min-naħa tagħha għandha impatt fuq is-suq tax-xogħol u l-kompetittività ġenerali tal-ekonomija nazzjonali. Barra minn hekk, din ix-xejra tikkontribwixxi għall-isfidi tas-sostenibbiltà fit-tul li jiffaċċjaw is-sistemi tal-pensjonijiet. Tabilħaqq, meta r-rata tal-fertilità medja tinżel għal 1.5, din tista' timmarka livell limitu kritiku, li jista' jikkawża ċiklu vizzjuż li jkompli jindika tnaqqis rati tal-fertilità, u jżid it-tnaqqis tar-rati tat-twelid futuri.

**Illustrazzjoni 3:** Rata tal-Fertilità Totali f'Malta u fl-UE




| | 1970 | 1980 | 1990 | 2000 | 2010 | 2012 | 2014 | 2016 | 2018 | 2020 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| EU | 2.37 | 1.85 | 1.57 | 1.45 | 1.57 | 1.54 | 1.54 | 1.57 | 1.54 | 1.51 | 1.46 | 1.38 |
| Malta | 2 | 1.99 | 2.04 | 1.7 | 1.44 | 1.42 | 1.38 | 1.37 | 1.23 | 1.13 | 1.08 | 1.06 |

*Sors: Il-Eurostat,[11] L-OECD,[12] u Data Commons[13]*

[8] *Il-Eurostat jiddefinixxi r-Rata tal-Fertilità Totali bħala "l-għadd medju ta' tfal li jitwieldu ħajjin minn mara f'ħajjitha jekk tibqa' ħajja u tgħaddi mis-snin tagħha li fihom jista' jkollha t-tfal b'mod konformi mar-rati tal-fertilità skont l-età ta' sena partikolari." Kodiċi tad-data online: tps00199.*

[9] *OECD Factbook 2015-2016: Economic, environmental and social statistics. Disponibbli fuq: https://www.oecd.org/en/publications/oecd-factbook-2015-2016_factbook-2015-en.html. Aċċessat fis-16/01/2024.*

[10] *Il-Eurostat. Leavee births and crude birth rate. Kodiċi tad-data online: tps00204.*

[11] *Il-Eurostat. Rata tal-Fertilità Totali. Kodiċi tad-data online: tps00199.*

[12] *L-OECD. Factbook 2015-2016: Economic, environmental and social statistics. Disponibbli fuq: OECD Factbook 2015-2016 | OECD. Aċċessat fis-16/01/2024.*

[13] *Data Commons. Malta Demographics. Disponibbli fuq: Malta - Demographics - Place Explorer - Data Commons. Aċċessat fis-16/01/2024.*

Ir-rata tal-fertilità hija indikatur ewlieni tal-benesseri tal-familja, hekk kif tirrifletti l-isfidi potenzjali li l-adulti jafu jiffaċċjaw meta jippruvaw jibbilanċjaw ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja, kif ukoll il-limitazzjonijiet strutturali usa' li jwaqqfuhom milli jkollhom kemm jixtiequ tfal kemm jixtiequ[14]. Minkejja xewqa komuni għal familji ikbar, fejn in-nisa idealment jixtiequ li jkollhom idealment medja ta' 2.0 tfal u l-irġiel 1.86 (ideal personali ġenerali: 1.93)[15], hemm diversi ostakli li jwaqqfu l-persuni milli jkollhom in-numru t'ulied mixtieq tagħhom. Dawn l-isfidi jinkludu tibdil fin-normi soċjali li qed jinbidlu dwar id-daqs tal-familja u diffikultajiet finanzjarji. Il-ġbir ta' data kumissjonat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE, National Commission for the Promotion of Equality)[16] juri li 45.5% tan-nisa li rċevew edukazzjoni u li diġà għandhom wild wieħed ma għandhomx pjanijiet għal aktar tfal, peress li diġà laħqu d-daqs tal-familja ideali tagħhom. Barra minn hekk, porzjon sinifikanti tal-popolazzjoni mistħarrġa (33.9%) għandhom diffikultajiet finanzjarji, jgħixu minn paga għal oħra u ma jistgħux jippjanaw għall-futur, li wkoll għandu impatt fuq id-deċiżjonijiet għall-ippjanar tal-familja.

Aspett notevoli ieħor li għandu jiġi enfasizzat huwa l-età medja tal-ġenituri fi żmien it-twelid. Dan il-fattur kompla jagħti xejra 'l fuq fejn l-età medja tal-ġenituri li jwelldu laħqet it-31.21 sena fl-2023. (Ara l-Illustrazzjoni 4 hawn isfel).

**Illustrazzjoni 4:** Rata tal-Fertilità Totali u Età Medja tal-Ġenitur li Welled skont is-Sena




| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Età Medja fi Żmien it-Twelid | 29.8 | 30 | 30.1 | 30.3 | 30.6 | 30.5 | 30.8 | 30.7 | 30.7 | 30.9 | 31.2 | 31.2 |
| Rata tal-Fertilità | 1.42 | 1.36 | 1.38 | 1.37 | 1.37 | 1.26 | 1.23 | 1.14 | 1.13 | 1.13 | 1.08 | 1.7 |

*Sors: Eurostat*[17]

[14] *L-OECD. Changes in Family Policies and Outcomes: Is there Convergence? Disponibbli fuq: Changes in Family Policies and Outcomes: Is there Convergence? | OECD. Aċċessat fl-10/02/2024.*

[15] *NCPE. Perceptions and Attitudes of Women and Men in Malta towards work-life balance with a specific focus on family size. Disponibbli fuq: NCPE Leaflet - Research work-life balance and family size. Aċċessat fis-07/03/2025.*

[16] *Ibid.*

[17] *Il-Eurostat. Rata tal-Fertilità Totali. Kodiċi tad-data online: tps00199; Indikaturi tal-fertilità. Kodiċi tad-data online: demo_find.*

### 2.1.2 Migrazzjoni

Xejra reċenti li kkontribwiet għal żieda fil-popolazzjoni f'Malta kienet il-migrazzjoni, prinċipalment minn ċittadini ta' pajjiżi terzi (TCNs: Third-Country Nationals), iżda wkoll minn ċittadini tal-UE. Dan wassal biex Malta jkollha l-ogħla densità tal-popolazzjoni [18] (1,595-il persuna għal kull **km**$^2$) fl-UE. Fl-2023, it-total tal-popolazzjoni barranija totali f'Malta kienet ta' 158,368, u ammonta għal 28.1% tal-popolazzjoni totali f'Malta[19], fejn il-maġġoranza tal-barranin fl-età ta' bejn it-30 u 39 sena (32.9%) u 83,119 (60.5%) kienu rġiel. B'mod relattiv mad-daqs tal-popolazzjoni residenti, Malta rreġistrat l-ogħla rata ta' immigrazzjoni minn pajjiżi tal-UE u mhux tal-UE b'76 immigrant għal kull 1,000 persuna fl-2023[20].

**Illustrazzjoni 5:** Immigrazzjoni Netta




| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Immigrazzjoni Netta | 20,960 | 9,728 | 9,947 | 8,606 | 14,714 | 17,375 | 21,225 | 947 | 3,817 | 21,798 | 20,960 |

[18] *Eurostat. Population change - Demographic balance and crude rates at national level. Online data code: demo_gind.*
[19] *NSO. Contrasting population dynamics. Available at: https://nso.gov.mt/contrasting-population-dynamics/. Accessed on 04/03/2025.*
[20] *Eurostat News Article: EU received 4.3 million immigrants in 2023. https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20250328-2*

## Il-Valur tal-Proprjetajiet Jiżdied

Il-valur medju tal-proprjetà f'Malta żdied b'53.42% mill-2015 bil-prezz kurrenti ta' kull metru kwadru ta' proprjetà residenzjali jilħaq it-€3,300 fl-2024, bil-prezzijiet li tipikament ivarjaw bejn €1,500 u €5,500, skont iż-żona u t-tip ta' proprjetà[21]. Fl-istess ħin, l-introjtu annwali minimu meħtieġ biex unità domestika tikkwalifika għal self ipotekarju kien bejn €25,213 u €30,256 fl-2021[22], meta mqabbel ma' €21,040 u €25,247 fl-2018. Dan jissottolinja l-isfida dejjem akbar fl-akkwist tal-akkomodazzjoni, partikolarment għall-individwi żgħażagħ, sakemm ma jkunx hemm intervent mill-gvern jew appoġġ finanzjarju familjali.[23] F'każ li le iż-żgħażagħ jaf jikkunsidraw li jiżżewġu jew jikkoabitaw aktar kmieni, jew li jirrilokaw għal lokalitajiet oħra, biex ikun jista' jkollhom d-dħul komuni meħtieġ b'mod konġunt biex jaffordjaw akkomodazzjoni.

**Illustrazzjoni 6:** Numru ta' Żwiġijiet[27] u Divorzji[28] skont is-Sena




*Sors: Eurostat*

[21] *IMIN Malta. Malta property prices: A complete guide. Disponibbli fuq: Property Prices in Malta in 2025: Costs, Regions and Property Market Dynamics. Aċċessat fis-06/03/2025.*

[22] *Micallef, B. (2022). Minimum Income Required to Purchase a Property: Conceptual Framework and Application to Malta. Disponibbli fuq: https://ccsenet.org/journal/index.php/ijef/article/view/0/47739. Aċċessat fis-06/03/2025.*

[23] *L-Awtorità tad-Djar. The Annual Malta Residential Rental Study-Second Edition. Disponibbli fuq: https://rentregistration.mt/wp-content/uploads/2022/06/Residential-Rental-Study-2nd-edition.pdf. Aċċessat fis-06/03/2025.*

[27] *Il-Eurostat. Indikaturi taż-Żwieġ. Kodiċi tad-data online: demo_nind.*

[28] *Il-Eurostat. Indikaturi tad-Divorzju. Kodiċi tad-data online: demo_ndivind.*

### 2.1.3 Żwieġ u Divorzju

Iż-żwieġ jibqa' jkun istituzzjoni importanti fi ħdan il-kuntest lokali. L-Illustrazzjoni 6 hawn isfel turi l-għadd ta' żwiġijiet u divorzji mill-introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar id-divorzju fl-2011. Fis-snin reċenti, l-għadd ta' żwiġijiet laħaq livell rekord ta' 3,034 fl-2016 iżda dan naqas gradwalment minn dak iż-żmien 'l hawn għal 2,242 fl-2024.[24] B'kuntrast ma' dan, l-għadd ta' divorzji baqa' relattivament stabbli għal xi snin, bl-ogħla ċifri reġistrati ta' 542 każ fl-2022 u 505 każijiet fl-2024[25]. Apparti dawn, kien hemm 111-il separazzjoni fiż-żwieġ fl-2022, filwaqt li ġew irreġistrati 123 separazzjoni fl-2023[26].

### 2.1.4 Anzjanità tal-Popolazzjoni

Minħabba avvanzi soċjoekonomiċi u mediċi sinifikanti f'dawn l-aħħar deċennji, l-individwi qed jesperjenzaw ħajjiet itwal, fi stat itjeb ta' saħħa, għajxien iktar attiv. Malta hija fost il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea bl-ogħla stennija tal-għomor mit-twelid, reġistrata għal 81.6 sena għall-irġiel u għal 85.2 sena għan-nisa fl-2023[29]. Barra minn hekk, il-pajjiż qed iżomm pożizzjoni b'saħħitha f'termini ta' snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa[30] mit-twelid, li tkejlu għal 70.1 sena għall-irġiel u għal 70.3 sena għan-nisa fl-2022[31].

Biex jappoġġjaw koorti żvantaġġati, partikolarment il-persuni akbar fl-età u l-persuni b'diżabbiltà, ġew introdotti għadd ta' servizzi komunitarji, bħal Meals on Wheels, Home Help u Respite Services, fost l-oħrajn, ġew introdotti biex jippromwovu l-għajxien indipendenti.

Minkejja dan l-investiment sostanzjali, it-tixjiħ tal-popolazzjoni b'mod rapidu wassal għal domanda akuta għal dawn is-servizzi. F'każ li ma jkunx hemm espansjoni, id-domanda li dejjem qed tikber, tista' taqbeż il-kapaċità tas-servizz, u b'hekk titnaqqas id-disponibbiltà tas-servizzi. Il-persuni akbar fl-età b'komorbiditajiet multipli jistgħu wkoll jitfgħu responsabbiltajiet ta' kura addizzjonali fuq il-familji tagħhom, u b'hekk issir aktar ta' sfida biex jiġu bbilanċjati l-għoti tal-kura u x-xogħol.

Ix-xejra tat-tixjiħ demografiku se toħloq diversi sfidi fis-snin li ġejjin, partikolarment għall-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet, u ż-żieda fil-pressjonijiet fuq il-kapaċità tas-sistemi tal-Kura tas-Saħħa u tal-Kura fit-Tul (**LTC**: Long-Term Care).

24 *Il-Parlament ta' Malta. PQ 24430. Disponibbli fuq: Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24430.*
25 *Il-Parlament ta' Malta. PQ 24364. Disponibbli fuq: Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 24364.*
26 *Parlament ta' Malta. PQ 15224. Available at: Twegiba ghall-mistoqsija parlamentari numru 15224.*
29 *Il-Eurostat. Life expectancy. Kodiċi tad-data online: demo_r_mlifexp.*
30 *Il-Eurostat jiddefinixxi is-snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa bħala l-għadd ta' snin li persuna hija mistennija tkompli tgħix f'kundizzjoni tajba ta' saħħa. Dan huwa bbażat fuq prevalenza (proporzjonijiet) speċifiċi għall-età tal-popolazzjoni f'kundizzjoni ta' saħħa tajba u mhux tajba u fuq informazzjoni dwar il-mortalità speċifika għall-età. Kundizzjoni ta' saħħa tajba hija ddefinita bħala waħda mingħajr limitazzjoni fil-funzjonament u mingħajr diżabbiltà. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq: Glossary: Healthy life years (HLY) - Statistics Explained.*
31 *Il-Eurostat. Healthy life years at birth. Kodiċi tad-data online: tps00150.*

### 2.1.5 Pensjonijiet

Il-pensjonijiet huma s-sors ewlieni ta' introjtu għall-persuni akbar fl-età. Sal-aħħar tal-2023,[32] kien hemm 74,995 persuna f'Malta li kienu qed jirċievu pensjoni tal-irtirar. Fosthom, l-irġiel kienu jikkostitwixxu 68.74% tat-total. Barra minn hekk, 2,663 individwu kienu benefiċjarji ta' pensjoni tal-invalidità, filwaqt li 18,497 persuna kienu qed jirċievu pensjonijiet tar-romol, bin-nisa jammontaw għal 97.1% ta' dan il-grupp. Fl-2023 tħallsu aktar minn 917-il miljun ewro f'pensjonijiet kontributorji.[33] Fis-snin reċenti, ġew implimentati diversi inizjattivi biex isostnu annwalment l-introjtu annwali tal-pensjoni, filwaqt li jiżguraw ukoll is-sostenibbiltà. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex l-adegwatezza tal-introjtu tkompli titjieb waqt is-snin tal-pensjoni.

## 2.2 SISTEMA TA' PROTEZZJONI SOĊJALI LI TAPPOĠĠJA LILL-FAMILJI

Is-Sistema ta' Protezzjoni Soċjali ta' Malta hija mfassla biex tipproteġi lill-individwi, il-familji, u l-benesseri soċjetali kontra firxa ta' riskji soċjali. Dawn ir-riskji, bħall-faqar, l-esklużjoni soċjali, il-mard, id-diżabbiltà, l-anzjanità u l-qgħad, jista' jkollhom impatt drammatiku fuq il-ħajja tal-individwi u l-komunitajiet. Is-sistema ta' protezzjoni soċjali nazzjonali tipprovdi xibka ta' sikurezza multidimensjonali permezz ta' kombinazzjoni ta' benefiċċji **finanzjarji** u **in natura**, flimkien ma' **servizzi soċjali** essenzjali. Meta toffri dan l-appoġġ komprensiv, is-sistema ta' protezzjoni soċjali mhux biss tipproteġi lill-individwi u lill-familji żvantaġġati, iżda tikkontribwixxi wkoll għall-koeżjoni soċjali ta' Malta u għall-benesseri ġenerali. Dan l-approċċ olistiku jrawwem soċjetà aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti fejn kulħadd ikollu l-opportunità li jirnexxi.

**Illustrazzjoni 7:** Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali

| Pensjonijiet Kontributorja | Benefiċċji tal-Familja | Għotjiet u Bonusijiet | Benefiċċji Mhux Kontributorji | Assistenza Medika |
|---|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Invalidità | Benefiċċju tal-Enerġija | Għotja għall-Irtirar għal min Mhuwiex Pensjonant | Pensjoni tal-Età | Għotja għal Korriment |
| Pensjoni tal-Irtirar | Għotja għaż-Żwieġ | Għotja għaċ-Ċittadini Anzjani | Allowance għal Carer | Benefiċċju għal Korriment |
| Pensjoni tar-Romol | Benefiċċji tal-Maternità | Bonusijiet Statutorji (bonus għall-għoli tal-ħajja, bonus kull sitt xhur, bonus speċjali kull ġimgħa) | Assistenza għad-Diżabbiltà | Pensjoni għal Korriment |
| Pensjoni tas-Superstiti | Benefiċċji tal-Adozzjoni | Benefiċċju Addizzjonali għall-Għoli tal-Ħajja | Assistenza Soċjali | Għotja għall-Ħalib |
| | Allowance Supplimentari | | Assistenza Soċjali għal Ġenituri Waħedhom | Assistenza għall-Mard |
| | | | Assistenza għal Persuna Dipendenti mid-Droga | Benefiċċju tal-Mard |
| | | | Tnaqqis Gradwali tal-Assistenza għal Qgħad | Għajnuna għal-Lebbra |
| | | | | Għajnuna għat-Tuberkolożi |

[32] L-NSO. *In-Nefqa tal-Gvern fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali: Jannar-Diċembru tal-2023. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/uncategorized/in-nefqa-tal-gvern-fuq-il-beneficcji-tas-sigurta-socjali-jannar-dicembru-tal-2023/.*

[33] *NSO. Government Expenditure on Social Security Benefits: January-December 2023. Available at: https://nso.gov.mt/social-protection/government-expenditure-on-social-security-benefits-january-december-2023/. Accessed on 07/03/2025.*

### Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali (Benefiċċji Finanzjarji)

L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (il-Kap. 318) fost l-oħrajn, jistabbilixxi skema tal-assigurazzjoni soċjali li tipprovdi benefiċċji fi flus għal diversi avvenimenti tal-ħajja, inkluż iż-żwieġ, il-maternità, it-tfulija, il-mard, il-qgħad, l-irmulija, l-istat ta' orfni, l-irtirar, l-invalidità, u l-korrimenti u l-mard relatati max-xogħol. L-Illustrazzjonijiet 7, 8, u 9 hawn isfel jirrappreżentaw il-benefiċċji ewlenin[34] li jeżistu bħalissa u li għandhom impatt fuq il-ħajja tal-familja:

**Illustrazzjoni 8:** Benefiċċji Relatati mat-Tfal

| Benefiċċji Relatati mat-Tfal | |
|---|---|
| | Bonus għat-Twelid/l-Adozzjoni tat-Tfal |
| | Benefiċċju għal Tfal fil-Kura – Foster Care / Residenzjali |
| | Allowance tat-Tfal |
| | Allowance għal Tfal taħt Foster Care |
| | Allowance tat-Tfal – Tfal bejn is-16 u l-21 sena |
| | Suppliment għall-Allowance tat-Tfal |
| | Allowance għall-Tfal b'Diżabilità |
| | Allowance ta' Ltim |
| | Allowance Supplimentari ta' Ltim |

**Illustrazzjoni 9:** Inċentivi tax-Xogħol u Benefiċċji tal-Qgħad

| Inċentivi għax-Xogħol u Benefiċċji tal-Qgħad | |
|---|---|
| Relatati mal-Qgħad | Benefiċċji Relatati max-Xogħol |
| Benefiċċju Speċjali għall-Qgħad | Benefiċċju ta' Waqt l-Impjieg |
| Assistenza Sussidjarja għall-Qgħad | Skema għat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji |
| Assistenza għall-Qgħad | |
| Benefiċċju tal-Qgħad | |

L-infiq fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali ammonta għal €1,308.2 miljuni bejn Jannar u Diċembru 2023, 8.3% ogħla mis-sena preċedenti.[35] Ġiet irrapportata nefqa ogħla kemm għall-Benefiċċji Kontributorji kif ukoll għal dawk Mhux Kontributorji. L-infiq tal-Gvern fuq il-Benefiċċji Kontributorji ammonta għal €1,038.7 miljun, żieda ta' 7.5% mill-2022. Ġew allokati €269.5 għall-Benefiċċji Mhux Kontributorji, li jirrappreżentaw żieda ta' 11.1% meta mqabbla mas-sena preċedenti.[36] L-Illustrazzjoni 10 hawn isfel turi n-nefqa grossa tal-Gvern fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali matul dawn l-aħħar snin.

34 *Għal aktar informazzjoni dwar kull benefiċċju, jekk jogħġbok ara l-Anness 1.*

35 *L-NSO. In-Nefqa tal-Gvern fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali: Jannar-Diċembru tal-2023. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/uncategorized/in-nefqa-tal-gvern-fuq-il-beneficcji-tas-sigurta-socjali-jannar-dicembru-tal-2023/. Aċċessat fis-07/03/2025.*

36 *Ibid.*

**Illustrazzjoni 10:** Nefqa Grossa fuq il-Benefiċċji Soċjali (€000) skont is-Sena u l-Funzjoni*




| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mhux Kontributorja | 207.3 | 200.2 | 188.5 | 187.2 | 186.3 | 187.1 | 210.5 | 212.5 | 242.5 | 269.5 |
| Kontributorja | 645.6 | 668.2 | 712.2 | 749.7 | 778.9 | 810.9 | 878.3 | 915 | 965.9 | 1,038.7 |

**Benefiċċji Kontributorji (%)**




*Sors: NSO[37] *Din l-illustrazzjoni tinkludi data relatata mal-benefiċċji għall-Kura tas-Saħħa, id-Diżabbiltà u l-Akkomodazzjoni.*

**Benefiċċji Mhux Kontributorji (%)**




*Sors: NSO *Din l-illustrazzjoni tinkludi data relatata mal-benefiċċji għall-Kura tas-Saħħa, id-Diżabbiltà u l-Akkomodazzjoni.*

[37] *Ibid*

### Benefiċċji Soċjali in Natura (Benefiċċji mhux Finanzjarji)

Il-Gvern jipprovdi investiment sostanzjali fil-benefiċċji soċjali in natura biex jappoġġja lill-persuni żvantaġġati, jippromwovi l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jiġġieled kontra r-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Dawn il-benefiċċji in natura jinkludu l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal (ECEC, Early Childhood Education and Care), l-Edukazzjoni, il-Kura tas-Saħħa, il-Kura fit-Tul u l-Akkomodazzjoni. L-Istimi Finanzjarji għall-Baġit 2024,[38] preżentati fit-tabella hawn isfel, jiddeskrivu l-livelli ta' investiment dedikati għall-proviżjoni, it-tħaddim, u l-amministrazzjoni[39] ta' dawn il-benefiċċji *in natura*.

**Illustrazzjoni 11:** Investiment fil-Benefiċċji in Natura għall-2025[40] (Estimi Finanzjarji tal-Baġit)

| BENEFIĊĊJI IN NATURA | VOT RIKORRENTI TOTALI |
|---|---|
| Edukazzjoni (inkluż l-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal) | **€944.4 miljun** |
| Kura tas-Saħħa | **€1.1 biljun** |
| Kura fit-Tul | **€305.2 miljun** |
| Akkomodazzjoni Soċjali | **€55.6 miljun** |

### 2.2.1 Servizzi Soċjali

Is-servizzi soċjali huma responsabbli għas-salvagwardja u l-promozzjoni tal-benesseri tal-adulti u tat-tfal żvantaġġati u jipprovdu firxa wiesgħa ta' servizzi kkoordinati minn assistenti soċjali, fosthom fi ħdan l-ambjent tad-dar.

Fuq livell nazzjonali, is-servizzi ta' assistenza soċjali huma pprovduti minn korpi statutorji bħall-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS, Foundation for Social Welfare Services) li tinkludi aġenziji differenti bħas-Sedqa, l-Aġenzija Appoġġ u l-Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi (ACTS, Agency for Community and Therapeutic Services). L-FSWS tinkludi wkoll Direttorati oħra bħal dawk dedikati speċifikament għall-protezzjoni tal-minuri u għall-kura alternattiva. Tali servizzi jistgħu jieħdu diversi forom skont il-punti b'saħħithom u l-bżonnijiet tal-familja, iżda l-għan komprensiv tagħhom huwa li jgħinu lill-individwi jsiru membri responsabbli u produttivi tas-soċjetà.

38 *Il-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol. Estimi Finanzjarji għall-Baġit 2024. Disponibbli fuq: https://finanzi.gov.mt/bagit-24_fe/.*

39 *Il-forniment, it-tħaddim u l-amministrazzjoni ta' dawn il-benefiċċji in natura jirrikjedu kapaċità politika, teknika u operazzjonali biex jiffunzjonaw sew. F'dan ir-rigward, it-tabella tipprovdi l-Vot Rikorrenti Totali għal kull Ministeru. L-entrata f'linja tal-Edukazzjoni u l-Kura Bikrija tat-Tfal hija parti mill-vot tal-Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol.*

40 *Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol. Estimi Finanzjarji għall-Baġit 2024. Disponibbli fuq: https://finanzi.gov.mt/bagit-24_fe/.*

### 2.2.2 Inċentivi Fiskali għall-Familja

Biex tiġi indirizzata l-isfida tal-introjtu baxx mill-impjieg, li twaqqaf lill-familji milli joħorgu mill-faqar, ġew implimentati diversi miżuri ta' ridistribuzzjoni tal-introjtu matul is-snin.

Dawn jinkludu krediti tat-taxxa, inċentivi, u aġġustamenti għall-livelli tat-taxxa, kollha mmirati biex jappoġġjaw lill-familji, speċjalment dawk f'sitwazzjonijiet żvantaġġati. Minbarra li pprovdew assistenza finanzjarja essenzjali, dawn il-miżuri kellhom ukoll rwol kruċjali fl-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19, billi għenu biex jiġu mmitigati l-effetti tal-inflazzjoni tal-prezzijiet.

## 2.3 Suq tax-Xogħol u Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata

Il-bżonnijiet ekonomiċi u materjali tal-familja jridu jitqiesu fi ħdan il-kuntest tad-dinja tax-xogħol li qed tevolvi u l-importanza tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata li jkun tajjeb għas-saħħa. Studju mwettaq mill-NSO fl-2018 sab li l-ostakli ewlenin fir-rikonċiljazzjoni bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja (Illustrazzjoni 12) irriżultaw minn sigħat tax-xogħol twal (21.8%), segwiti minn ostakli oħra bħan-nuqqas ta' appoġġ mill-impjegaturi u mill-kollegi (9.4%), kompiti imprevedibbli jew diffiċli fuq ix-xogħol (3.7%), xogħol eżiġenti jew eżawrjenti (3.2%) jew minħabba vjaġġar twil lejn ix-xogħol u lura (2.7%)[41]. Sejbiet minn studju tal-NCPE reċenti jsaħħu dan it-tħassib, u jiżvelaw li 62.8% tal-impjegati jiffaċċjaw kunflitti bejn ix-xogħol u l-familja li jagħmluha diffiċli biex iwettqu r-responsabbiltajiet tal-familja tagħhom, filwaqt li 63.9% sabuha diffiċli jikkonċentraw fuq ix-xogħol minħabba dawn il-kunflitti.[42]

**Illustrazzjoni 12:** Ostaklu ewlieni għar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja[43]




[41] *L-NSO. Reconciliation between work and family life: Labour Force Survey 2018. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Reconciliation-between-work-and-family-life-2018.pdf. Aċċessat fl-10/02/2024.*

[42] *NCPE. Perceptions and Attitudes of Women and Men in Malta towards work-life balance with a specific focus on family size. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/NCPE-Research-Study-Perceptions-and-Attitudes-of-Women-and-Men-in-Malta-towards-work-life-balance-with-a-specific-focus-on-family-size.pdf.Aċċessat fil-21/03/2024.*

[43] *L-NSO. Reconciliation between work and family life: Labour Force Survey 2018. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Reconciliation-between-work-and-family-life-2018.pdf. Aċċessat fl-10/02/2024.*

Maġġoranza sostanzjali tal-ħaddiema (83.8%) iqisu l-ħinijiet flessibbli fi xħin jibdew u jispiċċaw bħala importanti, filwaqt li proporzjon ftit aktar baxx, iżda xorta sinifikanti (69.1%) iħares lejn ix-xogħol remote bħala essenzjali.[44] Il-pandemija tal-COVID-19 żiedet b'mod sinifikanti t-telework f'Malta u bejn l-2019 u l-2020, is-sehem tan-nies li kienu qed jaħdmu remote żdied aktar mid-doppju hekk kif l-impjegaturi u l-impjegati segwew ir-rakkomandazzjonijiet tal-awtorità tas-saħħa. Din ix-xejra kompliet anke wara li l-pandemija naqqset mill-intensità. Madankollu, data mill-2022 tindika tnaqqis notevoli, bi 62% tal-individwi impjegati li mhux qed jaħdmu aktar bit-telework, imqabbla ma' 40% fl-2021. [45] Hemm post għal aktar espansjoni tal-arranġamenti tax-xogħol remote, b'aktar minn 70% ta' dawk li x-xogħol tagħhom huwa parzjalment remote u aktar minn 30% ta' dawk b'xogħol kompletament remote li qatt ma użaw tali alternattivi fl-2022.[46] Dan jenfasizza l-bżonn kontinwu għall-promozzjoni tal-opportunitajiet tat-telework u għall-indirizzar ta' ostakli potenzjali għall-adozzjoni tiegħu.

Xejra riċenti tindika titjib ġenerali tar-rati ta' impjieg, b'żieda ta' 5.9% fl-2023.[47] Id-data mill-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol tal-2023 tiżvela rata ta' impjieg ta' 87.1% għall-irġiel u rata ta' 73.2% għan-nisa fit-tielet kwart tal-2023. Filwaqt li tippersisti d-differenza bejn il-ġeneri, din naqset minn 17.8% fl-2020 għal 13.8% fl-2023.[48] Dan jista' jiġi attribwit għal diversi fatturi, inkluż iż-żieda fl-għażliet għall-kura tat-tfal, arranġamenti tax-xogħol flessibbli, u sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fuq il-post tax-xogħol.

Minkejja dawn l-iżviluppi pożittivi inkoraġġanti, din id-data tenfasizza l-bżonn għal sforzi kontinwi biex jiġu promossi l-opportunitajiet għall-karriera u biex jiġu indirizzati parzjalment l-ostakli strutturali ffaċċjati min-nisa, relatati mad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn il-ġenituri.

### 2.3.1 Responsabbiltajiet ta' Kura Mhux Ugwali

Il-familja sservi bħala sors kruċjali ta' appoġġ informali u hija primarjament responsabbli għall-kura tat-tfal, tal-persuni akbar fl-età u ta' membri oħra fil-familja li jkollhom bżonn il-kura. Id-diffikultajiet fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata huma mifruxa, bi kważi żewġ terzi (67.6%) tan-nisa u aktar minn nofs (58.6%) tal-irġiel jirrapportaw diffikultà biex jiġġestixxu r-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-familja.[49]

In-normi kulturali spiss iwasslu għal distribuzzjoni mhux ugwali ta' dawn ir-responsabbiltajiet tal-kura bejn l-adulti f'unità domestika. Id-diviżjoni mhux ugwali tax-xogħol tad-dar tippersisti, bin-nisa jwettqu l-maġġoranza tax-xogħol. Dan huwa partikolarment evidenti fil-kura u fl-edukazzjoni tat-tfal u tan-neputijiet u fil-kura tal-anzjani jew tal-persuni b'diżabbiltà. Passi pożittivi bħall-flexitime, it-telework, u s-sigħat imnaqqsa, inaqqsu l-isfidi għall-kisba tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ħaddiema Maltin.

44 *NCPE. Perceptions and Attitudes of Women and Men in Malta towards work-life balance with a specific focus on family size. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/NCPE-Research-Study-Perceptions-and-Attitudes-of-Women-and-Men-in-Malta-towards-work-life-balance-with-a-specific-focus-on-family-size.pdf. Aċċessat fil-21/03/2024.*

45 *Eurofound. Leaveing and Working in the EU e-survey. Disponibbli fuq: www.eurofound.europa.eu/en/data-catalogue/leaveing-working-and-covid-19-e-survey. Aċċessat fl-10/02/2024.*

46 *Eurofound. Fifth round of the Leaveing, working and COVID-19 e-survey: Leaveing in a new era of uncertainty. Disponibbli fuq: https://www.eurofound.europa.eu/en/publications/2022/fifth-round-leaveing-working-and-covid-19-e-survey-leaveing-new-era-uncertainty. Aċċessat fl-10/02/2024.*

47 *L-NSO. L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol: K4:2023. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/labour-market/l-istharrig-dwar-is-suq-tax-xoghol-k4-2023/. Aċċessat fl-10/02/2024.*

48 *Il-Eurostat. Gender Employment Gap. Kodiċi tad-data online: lfst_r_lfe2emprtn.*

49 *NCPE. Perceptions and Attitudes of Women and Men in Malta towards work-life balance with a specific focus on family size. Disponibbli fuq: https://ncpe.*

Kwistjoni ewlenija hija d-distribuzzjoni mhux ugwali tar-responsabbiltajiet għall-għoti tal-kura. Filwaqt li jeżistu xi miżuri favur il-familja, huwa sinifikament aktar probabbli li n-nisa jużawhom, b'97.6% vs 2.4% tal-irġiel li jużaw il-leave tal-ġenituri u b'97.2% vs 2.8% tal-irġiel li jagħżlu waqfa fil-karriera.[50] Dan jipperpetwa l-piż fuq l-ommijiet u jostakola l-opportunitajiet għal karriera ugwali. Barra minn hekk, id-dominanza tal-mikrointrapriżi fis-settur privat, li ma humiex obbligati joffru tali għażliet, toħloq lakuna fl-appoġġ għal porzjon kbir tal-forza tax-xogħol.[51] Dawn il-fatturi jikkontribwixxu għal livelli għolja ta' stress fost il-ħaddiema, li jsibu diffikultà biex jiġġestixxu x-xogħol, il-familja, u l-benesseri personali.

Id-data[52] turi wkoll li 1% biss tal-irġiel irrapportaw li jieħdu ħsieb il-biċċa l-kbira tal-kura tat-tfal, u 5% irrapportaw li jieħdu ħsieb il-biċċa l-kbira tal-faċendi tad-dar. Dan l-iżbilanċ għandu impatt fuq l-ippjanar tal-familja, bi kważi nofs in-nisa jaqblu li l-qsim inġust tal-kura tat-tfal (46%) u tax-xogħol tal-faċendi tad-dar  (46.9%) jinfluwenza d-deċiżjonijiet dwar jekk ikollhomx tfal jew le.

Notevolment, iż-żgħażagħ bejn 19-24 sena huma speċjalment sensittivi għal din il-kwistjoni, b'85% jaqblu mad-dikjarazzjoni li omm li ma tkunx appoġġjata mis-sieħeb tagħha tkun iġġustifikata fid-deċiżjoni li ma jkollhiex tfal jew tfal oħra.

Fl-2023, Malta ġiet fl-24 post fl-UE fid-dominju tal-Ħin tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, fejn waqajna lura bi 11-il post mill-2020[53]. Dan id-dominju jevalwa d-distribuzzjoni tal-ħin bejn il-kura u l-attivitajiet soċjali, u jenfasizza l-bżonn għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, speċjalment bl-inugwaljanza persistenti fid-distribuzzjoni tax-xogħol bi ħlas u mhux bi ħlas bejn in-nisa u l-irġiel. Din l-inugwaljanza tikkontribwixxi għal disparitajiet usa' bejn il-ġeneri fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol, u tissottolinja l-interkonnessjoni tad-dominju tal-Ħin ma' aspetti oħra tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.[54]

## Nisa fis-Suq tax-Xogħol

Filwaqt li l-impjieg tan-nisa żdied fil-koorti tal-età kollha, l-irġiel qegħdin f'numru sinifikament akbar min-nisa fis-suq tax-xogħol fil-gruppi ta' età kollha (Illustrazzjoni 13)[55]. Din id-differenza persistenti bejn il-ġeneri fl-impjiegi tista' tiġi attribwita għal diversi fatturi, fejn ir-responsabbiltajiet inugwali tal-ġenituri għandhom rwol ewlieni. Minkejja li naqset rapidament matul dan l-aħħar deċennju, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi ta' Malta tibqa' waħda mill-ogħla fl-UE, b'differenza ta' 7.4 punti perċentwali meta mqabbla mal-medja tal-UE fl-2023.[56] Din id-differenza tikber hekk kif l-individwi jikbru, u bħala konsegwenza, Malta wkoll għandha waħda mill-akbar differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet fl-UE,[57] fejn in-nisa Maltin jirċievu pensjonijiet li huma 46% iċken minn dawk tal-irġiel Maltin, imqabbla mad-differenza medja tal-UE ta' 25.9% fl-2021.[58]

50 *NCPE. Work-Life Balance Measure in Malta. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/Work-Life-Balance-Measures-in-Malta-NCPE-Commissioner-Ms-Renee-Laiviera.pdf. Aċċessat fil-21/03/2024.*

51 *Abela, A., Sammut Scerri, C., u Grech Lanfranco, I. (2020). A Scoping Review of the current Family-friendly practices in Malta; with Recommendations for Policy and Research post Covid-19.*

52 *NCPE. Work-Life Balance Measure in Malta. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/Work-Life-Balance-Measures-in-Malta-NCPE-Commissioner-Ms-Renee-Laiviera.pdf. Aċċessat fil-21/03/2024.*

53 *EIGE. Malta Gender Quality Index 2023. Disponibbli fuq: https://eige.europa.eu/modules/custom/eige_gei/app/content/downloads/factsheets/MT_2023_factsheet.pdf. Aċċessat fit-12/02/2024.*

54 *EIGE. Malta Gender Quality Index 2023. Disponibbli fuq: https://eige.europa.eu/modules/custom/eige_gei/app/content/downloads/factsheets/MT_2023_factsheet.pdf. Aċċessat fit-12/02/2024.*

55 *L-NSO. L-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol: K4/2023. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/labour-market/l-istharrig-dwar-is-suq-tax-xoghol-k4-2023/. Aċċessat fl-04/03/2025.*

56 *Il-Eurostat. Gender Employment Gap. Kodiċi tad-data online: lfst_r_lfe2emprtn.*

57 *Id-differenza għolja bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet fost l-individwi li għandhom bejn 65-79 sena hija primarjament kwistjoni tranżizzjonali, li tirriżulta mill-miżuri tal-gvern introdotti fis-snin reċenti – bħall-Għotja għall-Irtirar Kontributorja – immirata biex iżżid l-għadd ta' nisa li jikkwalifikaw għal pensjoni tal-irtirar kontributorja. Konsegwentement, id-differenza dejjem akbar bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet ġejja primarjament minħabba li aktar nisa qed isiru eliġibbli għal tali pensjonijiet. Mingħajr tali miżuri, ħafna ma kienux jikkwalifikaw, u d-differenza kienet tibqa' iżgħar.*

58 *Il-Kummissjoni Ewropea. 2023 Country Report – Malta. Disponibbli fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/document/download/50f0b280-0035-4f28-8c35-f2d6db911cca_en?filename=ip242_en.pdf. Aċċessat fil-11/02/2024.*

**Illustrazzjoni 13:** Rata ta' Impjieg Skont l-Età u s-Sess fl-2023[59]




| | 15-19 | 25-29 | 30-34 | 40-59 | 50-64 | 65+ |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Irgiel | 22.1 | 91.4 | 94.4 | 92.2 | 76.3 | 10.4 |
| Nisa | 20.4 | 88.3 | 85.5 | 70.7 | 53 | 3.7 |
| Total | 21.3 | 90.1 | 90.5 | 82.2 | 65 | 6.9 |

In-nisa spiss jesperjenzaw interruzzjonijiet fil-karriera tagħhom minħabba responsabbiltajiet għall-kura tat-tfal, li jwasslu għal inqas kontinwità fix-xogħol u progressjoni tal-karriera meta mqabbla mal-irġiel. Dan, flimkien mad-differenza eżistenti fil-pagi bejn il-ġeneri, jenfasizza l-esperjenzi tal-ħajja distinti tan-nisa li jaħdmu. Ta' spiss huma jġorru piż sproporzjonat fir-rigward tal-kompiti tal-familja u dawk domestiċi, filwaqt li jibbilanċjaw ix-xogħol mal-kura tat-tfal u ta' persuni dipendenti oħra. Dan ta' spiss iwassal lin-nisa biex jagħżlu xogħol part-time ħalli jlaħħqu ma' dawn id-domandi opposti. Filwaqt li Malta għandha differenza fil-pagi bejn il-ġeneri taħt il-medja tal-UE (Illustrazzjoni 14), din tibqa' sfida sinifikanti. Dawn l-aħħar snin raw differenza li qed tiċkien fil-pagi bejn il-ġeneri, b'sinjali definiti ta' titjib, iżda l-għeluq totali tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri jirrikjedi sforzi dedikati.

**Illustrazzjoni 14:** Differenza fil-Pagi bejn il-Ġeneri[60]




| | 2012 | 2014 | 2016 | 2018 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| EU 27 | 16.4 | 15.7 | 15.1 | 14.4 | 12.7 | 12.3 | 12.2 | 12 |
| Malta | 15.7 | 10.6 | 11.6 | 13 | 7.9 | 7.2 | 5.8 | 5.1 |

59 *Il-Eurostat. Employment rates by sex, age and citizenship (%). Kodiċi tad-data online: lfsa_ergan.*
60 *Il-Eurostat. Gender pay gap in unadjusted form. Kodiċi tad-data online: sdg_05_20.*

Id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri hija r-riżultat ta' fatturi soċjoekonomiċi u kulturali multipli. In-nisa u l-irġiel għandhom tendenza li jaħdmu f'setturi ekonomiċi differenti, fejn in-nisa huma rrappreżentati żżejjed f'setturi bħall-kura, is-saħħa, u l-edukazzjoni. In-nisa spiss jokkupaw pożizzjonijiet ta' livell aktar baxx meta mqabbla mal-irġiel, u huma sottorappreżentati b'mod sinifikanti f'pożizzjonijiet ta' tmexxija għolja. Minbarra dan, in-nisa jġorru piż sproporzjonat ta' xogħol mhux bi ħlas mqabbla mal-irġiel, li jista' jaffettwa l-għażliet u l-prospetti tal-karriera tagħhom. Barra minn hekk, id-diskriminazzjoni fil-paga tkompli toħloq tħassib, b'istanzi fejn in-nisa jitħallsu inqas mill-irġiel għal xogħol ekwivalenti, minkejja dispożizzjonijiet legali għal paga ugwali.[61]

L-illustrazzjoni ta' hawn isfel (Illustrazzjoni 15) turi d-diżaggregazzjoni tas-setturi tal-impjieg skont is-sess għal kull impjieg. Aktar nisa kienu impjegati bħala assistenti tal-bejgħ (57% nisa meta mqabbla ma' 42% irġiel) jew f'impjiegi klerikali (57% nisa meta mqabbla ma' 43% irġiel), filwaqt li aktar irġiel jaħdmu bħala maniġers (63.8% irġiel v 36.2% nisa) u bħala tekniċi u professjonisti assoċjati (59.6% irġiel v 40.4% nisa).

**Illustrazzjoni 15:** Sehem ta' Rġiel u Nisa skont l-Impjieg[62]




[61] *Il-Kummissjoni Ewropea. The Gender Pay Gap Situation in the EU. Disponibbli minn: https://commission.europa.eu/document/download/61252380-e608-4157-818d-e81619715310_en?filename=equal_pay_day_factsheet_2022_en_1_0.pdf. Aċċessat fil-04/03/2025.*

[62] *L-NSO. Census of Population and Housing. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/wp-content/uploads/Chapter-5-vol3.xlsx. Aċċessat fl-10/02/2024.*

Mod kif jistgħu jiġu mmitigati dawn il-lakuni huwa billi jkomplu jissaħħu l-miżuri tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata hekk kif in-nisa qed jużaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli biex ilaħħqu mal-ħajja tax-xogħol u tal-familja aktar mill-irġiel.[63]

L-inizjattivi għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jistgħu jgħinu biex jagħtu spinta lill-impjieg tan-nisa u jneħħu d-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, iżda biss jekk kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikollhom l-appoġġ biex jieħdu vantaġġ minn dawn il-miżuri.

Biex iħajjar il-parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, il-Gvern introduċa l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC, Early Childhood Education and Care) b'xejn għal kulħadd. Din il-miżura hi appoġġata mill-programmi "Breakfast Club Scheme" u "Klabb 3-16" li huma offruti qabel u wara l-ħinijiet tal-iskola rispettivament. Dawn l-inizjattivi kienu maħsuba biex jeliminaw kemm l-ostakli finanzjarji kif ukoll dawk mhux finanzjarji marbuta mal-kura tat-tfal li llimitaw l-abbiltà tan-nisa li jfittxu opportunitajiet ta' xogħol. L-introduzzjoni ta' dawn is-servizzi pprovdiet l-appoġġ neċessarju għall-ibbilanċjar bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u dawk tal-familja, u għaldaqstant irriżultat f'żieda notevoli fir-rata ta' impjieg tan-nisa, u b'hekk żiedet ir-riżorsi finanzjarji tan-nisa.

## Xogħol tal-Kura Mħallas f'Malta[64]

Is-settur tal-kura f'Malta jikxef disparitajiet notevoli bbażati fuq il-ġeneru u fuq in-nazzjonalità fid-distribuzzjoni kemm tar-remunerazzjoni kif ukoll tal-impjiegi. Fl-2023, in-nisa f'impjiegi tal-kura qalgħu fuq medja ta' €7,622 inqas mill-irġiel fi rwol simili. Din id-differenza fil-pagi tista' tiġi attribwita parzjalment għall-proporzjon ogħla tal-irġiel f'irwoli maniġerjali u professjonali fi ħdan is-settur. Speċifikament, 50.5% tal-irġiel f'impjiegi tal-kura okkupaw pożizzjonijiet li jħallsu aktar, mqabbla ma' 44.4% tan-nisa. Barra minn hekk, iċ-ċans li n-nisa jaħdmu fi rwoli li jħallsu inqas huwa d-doppju minn dak tal-irġiel, bħall-assistenti fil-kura tas-saħħa u l-assistenti tal-għalliema, b'37.7% tan-nisa f'tali pożizzjonijiet imqabbla ma' 19.1% biss tal-irġiel.[65]

L-NSO identifika l-ġerarkiji okkupazzjonali bħala fattur ewlieni li jinfluwenza d-disparitajiet fil-pagi,[66] fejn il-pożizzjonijiet maniġerjali u professjonali huma kumpensati b'mod sinifikament ogħla mill-irwoli relatati mas-servizzi u mal-bejgħ. F'konformità ma' dan, is-settur tal-kura juri wkoll tendenza ogħla għall-impjieg ibbażat fuq ix-xifts, fejn il-persuni li jindokraw huma aktar probabbli li jaħdmu f'xogħol bix-xift imqabbla ma' ħaddiema mhux tal-kura, b'differenza ta' 10.9 punti perċentwali.

Id-disparitajiet l-oħra huma evidenti bejn il-persuni Maltin li jindokraw u dawk barranin. Ċittadini barranin fi rwoli tal-kura qalgħu salarju gross medju ta' €27,586 fl-2023, li kien €2,649 inqas mill-paga tal-ċittadini Maltin fi rwoli simili. Il-ħaddiema barranin, partikolarment dawk fi rwoli ta' assistenza, kienu impjegati b'mod predominanti bħala ħaddiema tas-servizzi u tal-bejgħ, li jagħmlu 48.8% tal-forza tax-xogħol tal-kura barranija. B'kuntrast ma' dan, huwa aktar probabbli li l-ħaddiema tal-kura Maltin ikunu professjonisti, b'47.4% minnhom f'tali pożizzjonijiet. Barra minn hekk, aktar minn nofs il-ħaddiema tal-kura kienu kisbu livell terzjarju ta' edukazzjoni, b'kisba ogħla sinifikanti ta' 24.9 punti perċentwali mqabbla ma' ħaddiema mhux tal-kura.[67]

63 *EIGE. Tackling the gender pay gap: not without a better work-life balance. Disponibbli fuq: Tackling the gender pay gap: not without a better work-life balance. Aċċessat fit-12/02/2024.*

64 *Ix-xogħol tal-kura mħallas jinvolvi l-forniment ta' servizzi tal-kura b'kumpens f'diversi oqsma, inkluż id-djar privati (eż. il-ħaddiema domestiċi), l-isptarijiet, id-djar tal-anzjani, l-iskejjel, u istituzzjonijiet oħra tal-kura.*

65 *L-NSO. Paid Care Work in Malta. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/statistical_insights/paid-care-work-in-malta/. Aċċessat fis-06/03/2025.*

66 *Ibid.*

### 2.3.2 Leave tal-Familja

Fl-2022 ġew introdotti emendi legali[68] fir-rigward tal-leave tal-paternità, il-leave tal-ġenituri u l-leave tal-persuni li jindokraw biex jappoġġjaw aħjar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, iħeġġu qsim aktar ugwali tal-leave tal-ġenituri, u jindirizzaw is-sottorappreżentanza tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Bl-emendi reċenti, il-leave tal-paternità żdied għal 10 ijiem imħallsa kompletament, il-leave tal-persuni li jindokraw biex jappoġġjaw il-qraba tal-familja ġie stabbilit għal 5 ijiem bla paga, u l-leave tal-ġenituri mħallas ġie implimentat għal durata ta' xahrejn (bir-rata ta' pagament tal-leave għall-mard) bl-għażla ta' estensjoni għal xahrejn addizzjonali bla pagament. Barra minn hekk, il-ġenituri ta' tfal taħt it-8 snin għandhom id-dritt jitolbu arranġamenti ta' xogħol flessibbli. Dawn l-emendi għandhom l-għan uniku li jħaffu aktar il-ħajja għall-familji, u jgħinuhom jibbilanċjaw ix-xogħol bi ħlas, il-ħajja privata u r-responsabbiltajiet tal-kura.

Filwaqt li dawn ir-riformi huma pass fid-direzzjoni t-tajba, il-politiki tal-leave tal-familja jeħtieġ li jkomplu jiġu indirizzati mill-ġdid biex jappoġġjaw bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jiżguraw li l-familji jkunu jistgħu jiġġestixxu b'mod effettiv ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-kura tagħhom b'mod effettiv, u biex jallinjaw aħjar mal-isfidi li dejjem qed jinbidlu , kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Skont ir-riżultati mill-istudju reċenti tal-NCPE msemmi qabel, 83.1% tar-rispondenti nisa u 60.1% tar-rispondenti rġiel jikkunsidraw li l-intitolament għal-leave tal-maternità kurrenti ma huwiex adegwat, u l-ommijiet jirrikjedu perjodi itwal ta' leave għall-kura tat-trabi tagħhom.[69] Barra minn hekk, is-sejbiet jindikaw ukoll li kemm ir-rispondenti rġiel kif ukoll dawk nisa jħossu li l-leave tal-paternità huwa inadegwat, b'70.1% tal-irġiel u 74.4% tan-nisa jiddikjaraw li 10 ijiem ta' leave tal-paternità ma humiex biżżejjed[70]. Meta mistoqsija jekk ir-rispondenti kienux konxji li l-ġenituri f'Malta għandhom id-dritt għal 4 xhur ta' Leave tal-Ġenituri kull wieħed, 40.0% tar-rispondenti totali ma kienux jafu li dan il-leave kien disponibbli għaż-żewġ ġenituri. Meta mistoqsija dwar it-tul u r-rata ta' pagament tal-leave tal-Ġenituri, 60.5% tar-rispondenti jemmnu li dan il-leave għandu jiġi estiż aktar, u 89.3% tar-rispondenti jemmnu li r-rata ta' pagament kurrenti ma hijiex biżżejjed[71].

## 2.4 FAMILJI LI JIFFAĊĊJAW SITWAZZJONIJIET TA' SFIDA U FAMILJI ŻVANTAĠĠATI

Permezz tal-forniment ta' appoġġ soċjali professjonali, il-Gvern jappoġġja lill-familji li qed jesperjenzaw ċikostanzi ta' sfida. Dawn is-sitwazzjonijiet spiss jirriżultaw minħabba diversi fatturi ta' riskju, li jistgħu jinkludu diffikultajiet soċjali, ekonomiċi, jew relatati mas-saħħa li għandhom impatt fuq l-istabbiltà u l-benesseri tal-familja.

### 2.4.1 Riskju ta' Faqar u Esklużjoni Soċjali

F'dawn l-aħħar snin, Malta rat xejra ta' tnaqqis fir-rata ta' Riskju ta' Faqar u Esklużjoni Soċjali (AROPE, At-Risk-Of-Poverty and Social Exclusion), li niżlet minn 22.2% fl-2015 għal 19.8% fl-2023.[72] Din ir-rata tibqa' aktar baxxa mill-medja tal-UE ta' 21.6% reġistrata fl-2023. Meta niġu għall-aspetti tal-benesseri, soċjali u tas-saħħa, il-persuni li kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali rrapportaw punteġġi medji aktar baxxi

---

67 *Ibid.*

68 *Stqarrija għall-Istampa mis-Segretarjat Parlamentari għad-Djalogu Soċjali. Enhancing the quality of life: Introducing new rights. Disponibbli fuq:* *https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2022/07/12/pr220943en.aspx. Aċċessat fl-10/02/2024.*

69 *NCPE. Work-Life Balance Measure in Malta. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/Work-Life-Balance-Measures-in-Malta-NCPE-Commissioner-Ms-Renee-Laiviera.pdf. Aċċessat fil-21/03/2024.*

70 *Ibid.*

71 *NCPE. Work-Life Balance Measure in Malta. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/Work-Life-Balance-Measures-in-Malta-NCPE-Commissioner-Ms-Renee-Laiviera.pdf. Aċċessat fil-21/03/2024.*

rigward il-ħajja ġenerali, is-sitwazzjoni finanzjarja, ix-xogħol kurrenti, u s-sodisfazzjoni fir-relazzjonijiet personali tagħhom, u punteġġi medji ogħla rigward is-sodisfazzjoni dwar l-użu tal-ħin tagħhom, meta mqabbel mal-kontropartijiet tagħhom.[73]

In-nisa nstabu li huma aktar f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, b'21.1% affettwati meta mqabbla ma' 18.7% tal-irġiel. Diżaggregazzjoni ġeografika tal-unitajiet domestiċi[74] li huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali tinnota li Għawdex u Kemmuna rreġistraw l-ogħla rata ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE, At Risk-of-Poverty or Social Exclusion) fl-2023, b'26.4%. L-aktar rata baxxa tal-AROPE kienet irreġistrata fid-distrett tax-Xlokk, bi 15.2%.




[72] *Il-Eurostat. Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex. Kodiċi tad-data online: ilc_peps01n.*
[73] *L-NSO. L-EU-SILC 2022: Indikaturi tal-Benesseri, Soċjali u tas-Saħħa. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/eu-silc-2022-well-being-social-and-health-indicators. Aċċessat fis-07/03/2025.*
[74] *L-NSO. L-EU-SILC 2023: Indikaturi Ewlenin. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/il-kundizzjonijiet-tal-ghajxien/l-eu-silc-2023-indikaturi-ewlenin/. Aċċessat fis-07/03/2025.*

### 2.4.1.1 Faqar Interġenerazzjonali

Iċ-"Ċiklu tal-Faqar Interġenerazzjonali" huwa t-terminu użat biex jirreferi għall-faqar u l-esklużjoni soċjali li jippersistu minn ġenerazzjoni għall-oħra, li jippreżenta sfida għall-prosperità ekonomika. Dawk li jitwieldu fil-faqar jiffaċċjaw sfidi sinifikanti biex jegħlbu l-ostakli soċjoekonomiċi matul ħajjithom. Dan iċ-ċiklu vizzjuż jaqbad lill-familji f'xibka ta' żvantaġġi, li jwassal għal rati ta' faqar ogħla bejn il-ġenerazzjonijiet u jżid l-ispiża tal-istat soċjali, u b'hekk ifixkel kemm ir-reżiljenza soċjali kif ukoll dik ekonomika. Il-ġlieda kontra dan il-fenomenu ssir prijorità fil-ħolqien ta' soċjetà aktar ekwa fejn permezz tal-prevenzjoni tal-faqar, kulħadd ikollu ċ-ċans li jirnexxi.

It-tfal li jikbru fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali għandhom inqas ċans li jmorru tajjeb fl-iskola, igawdu saħħa tajba u jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom aktar tard fil-ħajja.[75] Dan ipoġġihom f'riskju ogħla li jkunu qiegħda, foqra u esklużi soċjalment, u b'hekk jiġi pperpetwat iċ-ċiklu tal-faqar.[76] B'mod ġenerali, is-sehem tat-tfal fl-età ta' bejn 0-17-il sena f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied għal 25.2% fl-2023, ftit ogħla mill-medja tal-UE ta' 24.8%.[77] Xi gruppi ta' tfal għandhom riskju akbar li jkunu fil-faqar jew l-esklużjoni soċjali, inkluż dawk f'unitajiet domestiċi b'ħiliet baxxi, b'rata ta' 44%.[78]

L-isfond soċjoekonomiku jinfluwenza ħafna l-prestazzjonijiet tal-istudenti, u jżid b'mod sinifikanti r-riskju ta' faqar u esklużjoni futuri.[79] Id-differenzi fil-kisbiet jibqgħu sostanzjali bejn it-tipi ta' skejjel differenti, b'disparitajiet notevoli fil-ħiliet bażiċi tal-matematika. Il-perċentwal tal-istudenti li qed ibatu bil-matematika fundamentali hija l-ogħla fl-iskejjel tal-gvern (40.6%), segwit mill-iskejjel tal-knisja (25.5%), u l-aktar baxx fl-iskejjel indipendenti fejn titħallas miżata (16.7%).

Għal kuntrarju ta' dan, l-iskejjel indipendenti għandhom l-ogħla proporzjon tal-istudenti bl-aqwa prestazzjoni fil-matematika (17.1%), filwaqt li l-iskejjel tal-knisja u l-iskejjel tal-gvern qegħdin lura b'7.1% u 5.0%, rispettivament.[80] B'mod simili, il-profiċjenza fil-qari hija influwenzata b'mod qawwi mill-istatus soċjoekonomiku.

Madwar 51% tal-istudenti mill-kwartil soċjoekonomiku l-aktar baxx[81] jonqsu milli jaslu għal livell minimu ta' ħiliet tal-qari - ferm 'il fuq mill-medja tal-UE ta' 34.8%. Din ir-rata hija aktar mid-doppju ta' dik tal-istudenti mill-ogħla kwartil soċjoekonomiku.

Madankollu, anke fost l-ogħla kwartil, il-progress insuffiċjenti jibqa' għoli b'mod inkwetanti (24.3% v il-medja tal-UE ta' 9.3%).[82] Barra minn hekk, ir-riżultati fl-edukazzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti skont it-tip ta' skola, fejn l-istudenti mill-iskejjel privati jmorru aħjar minn sħabhom fl-iskejjel tal-gvern b'aktar minn sentejn skolastiċi f'kisba akkademika ġenerali.[83]

---

75 *L-Uffiċċju tal-UE tas-Salib l-Aħmar. Tackling child poverty together. Disponibbli fuq: https://redcross.eu/latest-news/tackling-child-poverty-together. Aċċessat fis-07/03/2025.*

76 *Il-Eurostat. Persons at risk of poverty or social exclusion by age and sex. Kodiċi tad-data online: ilc_peps01n.*

77 *Ibid.*

78 *Il-Eurostat. At-risk-of poverty rate for children by educational attainment level of their parents (population aged 0 to 17 years). Kodiċi tad-data online: ilc_li60.*

79 *Il-Kummissjoni Ewropea. Rapport tal-Pajjiż għall-2022 għal Malta. Disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/system/files/2022-05/2022-european-semester-country-report-malta_mt.pdf. Aċċessat fis-07/03/2025.*

80 *Il-Kummissjoni Ewropea. Education and Training Monitor 2024. Disponibbli fuq: https://op.europa.eu/webpub/eac/education-and-training-monitor/en/country-reports/malta.html. Aċċessat fil-05/03/2025.*

81 *Il-"kwartil soċjoekonomiku" jaqsam il-popolazzjoni f'erba' gruppi ugwali abbażi tal-istatus soċjoekonomiku tagħhom, bħall-introjtu jew il-livell ta' edukazzjoni, biex janalizza d-disparitajiet u jippjana l-interventi. Il-kwartil l-aktar baxx jirrappreżenta l-inqas sinjuri filwaqt li l-ogħla kwartil jirrappreżenta l-aktar sinjuri. Il-kwartil huwa miżura statistika li taqsam sett tad-data f'erba' partijiet ugwali, fejn kull waħda tirrappreżenta 25% tad-data.*

82 *Il-Kummissjoni Ewropea. Rapport tal-Pajjiż għall-2022 għal Malta. Disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/system/files/2022-05/2022-european-semester-country-report-malta_mt.pdf. Aċċessat fis-07/03/2025.*

83 *Ibid.*

**Il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal 2022-2030**[84] għandu l-għan li jipprevjeni l-esklużjoni soċjali tat-tfal żvantaġġati billi jiggarantixxi l-aċċess għal għadd ta' servizzi essenzjali, u b'hekk jisfratta ċikli ta' faqar interġenerazzjonali u jippromwovi l-ugwaljanza fl-opportunitajiet. Permezz ta' investiment ta' €145 miljun fuq 5 snin, il-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal għandu l-għan li jwassal għal aċċess imtejjeb għal għadd ta' servizzi diġà stabbiliti, bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni ta' kwalità u attivitajiet edukattivi bbażati fl-iskola, il-kura tas-saħħa u nutrizzjoni tajba, il-protezzjoni soċjali u l-akkomodazzjoni adegwata. Ir-rapport ta' monitoraġġ ippubblikat dan l-aħħar irreġistra tnaqqis fir-rati tal-AROPE fost it-tfal f'unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, minn 51.5% għal 43.3% bejn l-2020 u l-2022, flimkien ma' tnaqqis fir-rati tal-AROPE għal tfal f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.[85]

### 2.4.1.2 Introjti Minimi

Il-pagi minimi adegwati huma ta' importanza kbira fil-promozzjoni tal-progress ekonomiku u soċjali. L-irwol tal-pagi minimi jsir dejjem aktar importanti waqt ir-reċessjonijiet ekonomiċi. Il-prezzijiet għall-ikel żdiedu b'mod sostanzjali fl-2023. Familja ta' erbgħa (żewġ adulti + żewġt itfal) issa tonfoq €19,153, hawn ġiet rreġistrata żieda mill-istimi ta' qabel, filwaqt li ġenitur wieħed b'żewġt itfal dipendenti issa għandu bżonn €17,012.83. B'mod simili, koppja anzjana (65+) għandha bżonn €14,731.79.

Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw il-baġit essenzjali minimu għal għajxien deċenti (MEBDL, minimum essential budget for a decent leaveing) fl-2024. Jekk jiġu kkunsidrati n-nefqa addizzjonali bħall-ikel barra, is-sjieda ta' karozza privata, il-kura tal-annimali tad-dar, u l-kera kummerċjali, l-ispejjeż jiżdiedu b'mod sinifikanti — u jilħqu €33,177 għal familja ta' erbgħa, €30,724 għal unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed, u €26,556 għal koppja anzjana.[86] Fl-2023, il-livell limitu tar-riskju ta' faqar (ARPT, at-risk-of-poverty threshold) ġie stmat għal €11,364, li jirrifletti żieda ta' 4.32% mis-sena preċedenti.[87] Dan ir-riskju jissottolinja l-għoli tal-ħajja dejjem ikbar, u jagħmilha sfida dejjem ikbar li jinżamm standard bażiku ta' kumdità.

Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-ħaddiema jaqilgħu pagi adegwati biex jiġu ggarantiti kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien adegwati, kif ukoll biex jinbnew ekonomiji ġusti u reżiljenti. Sabiex jitjiebu l-introjti minimi, il-Gvern introduċa l-Benefiċċju ta' Waqt l-Impjieg maħsub biex jassisti koppji u ġenituri waħedhom li għandhom impjieg bi ħlas u għandhom tfal taħt it-23 sena, li għadhom dipendenti u jgħixu magħhom.[88] Fl-2021, ġew allokati €7 miljun biex jappoġġjaw 7,246 familja. Dan żdied għal €13.7 miljun fl-2022, fejn ibbenefikaw 24,611-il familja, u żdied aktar għal €14.5-il miljun fl-2023, b'25,110 familji jirċievu l-assistenza.[89] Ir-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu full-time f'Malta baqgħet stabbli fl-2023, b'6.9%, ftit inqas mill-medja tal-UE ta' 7.1%. Madankollu, Malta rat żieda sinifikanti fir-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu part-time, li żdiedet minn 12.3% fl-2022 għal 18.4% fl-2023.[90]

---

84 *Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għal Garanzija għat-Tfal 2022-2030. Disponibbli fuq: https://familja.gov.mt/wp-content/uploads/2023/04/National-Action-Plan-Child-Guarantee-MT-1.pdf. Aċċessat fil-11/02/2024.*

85 *Ibid.*

86 *Il-Caritas Malta. A Minimum Essential Budget for a Decent Leaveing 2024. Disponibbli fuq: https://www.caritasmalta.org/wp-content/uploads/2024/09/Minimum-Essential-Budget-for-a-Decent-Leaveing-2024-Caritas-Malta-FINAL_compressed.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

87 *L-NSO. L-EU-SILC 2023: Indikaturi Ewlenin. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/il-kundizzjonijiet-tal-ghajxien/l-eu-silc-2023-indikaturi-ewlenin/. Aċċessat fil-10/02/2024.*

88 *Aktar informazzjoni dwar il-benefiċċju ta' waqt l-impjieg: https://socialsecurity.gov.mt/mt/informazzjoni-u-applikazzjonijiet-ghal-beneficcji-u-servizzi/xoghol-incentivi-u-beneficcji-ghal-dizimpjieg/beneficcju-ta-waqt-l-impjieg/.*

89 *L-NSO. In-Nefqa tal-Gvern fuq il-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali: Jannar-Diċembru tal-2023. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/mt/uncategorized/in-nefqa-tal-gvern-fuq-il-beneficcji-tas-sigurta-socjali-jannar-dicembru-tal-2023/. Aċċessat fil-05/03/2025.*

90 *Il-Eurostat. In-work at-risk-of-poverty rate by full-/part-time work. Kodiċi tad-data online: ilc_iw07.*

Fl-2023, il-Gvern introduċa l-Mekkaniżmu Addizzjonali taż-Żieda għall-Għoli tal-Ħajja (COLA, Cost of Leaveing Adjustment) biex jappoġġja familji f'riskju ta' faqar, partikolarment matul perjodi ta' inflazzjoni aktar għolja mis-soltu.[91] Abbażi ta' dan, ġiet implimentata verżjoni riveduta tal-mekkaniżmu fl-2024 biex ittaffi aktar il-piż finanzjarju ikkawżat mill-għoli tal-ħajja li qed jiżdied. Bħala riżultat, madwar 95,000 unità domestika (149,000 individwu) qed jibbenefikaw mill-aġġustament żejjed tal-COLA fl-2024, fejn il-Gvern alloka €26 miljun biex jiffinanzja din l-għajnuna.

#### 2.4.1.3 Affordabbiltà tal-prezzijiet

Għal ħafna unitajiet domestiċi, l-isfidi finanzjarji u ekonomiċi flimkien ma' żieda fl-inflazzjoni joħolqu ostaklu sinifikanti. Il-prezzijiet ogħla jistgħu jnaqqsu l-valur tal-pagi u tat-tfaddil attwali, u jħallu lill-unitajiet domestiċi b'introjtu nett aktar baxx.[92] Dawn l-effetti ma jinħassux b'mod ugwali, fejn l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jew medju għandhom tendenza li jkunu aktar suxxettibbli għal rati ta' inflazzjoni għolja milli l-unitajiet domestiċi aktar sinjuri. Wara l-pandemija tal-COVID-19, il-limiti tal-provvista, l-avvenimenti ġeopolitiċi, u ekonomija robusta rriżultaw f'inflazzjoni rekord matul l-2022. Din l-inflazzjoni, speċjalment fl-oġġetti tal-ikel u l-prodotti għall-konsumatur, irriżultat f'nuqqas ta' affordabbiltà, li kellha impatt negattiv fuq il-familji.

Skont id-data tal-Eurostat[93], ir-rata ta' inflazzjoni fl-UE, li laħqet l-ogħla livell ta' 9.2% fl-2022, naqset b'mod sinifikanti għal 2.6% fl-2024. B'kuntrast ma' dan, Malta rreġistrat waħda mir-rati ta' inflazzjoni l-aktar baxxi fl-UE, bl-ogħla livell ta' 6.1% fl-2022, segwita minn tnaqqis ulterjuri għal 2.4% fl-2024, fejn niżlet taħt il-medja tal-UE (Illustrazzjoni 16).

**Illustrazzjoni 16:** Rata tal-Inflazzjoni f'Malta u fiż-Żona tal-Euro




| | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta | 1 | 0.8 | 1.2 | 0.9 | 1.3 | 1.7 | 1.5 | 0.8 | 0.7 | 6.1 | 5.6 | 2.4 |
| EU | 1.3 | 0.4 | 0.1 | 0.2 | 1.6 | 1.8 | 1.4 | 0.7 | 2.9 | 9.2 | 6.4 | 2.6 |

[91] *Aktar informazzjoni dwar il-benefiċċju Addizzjonali għall-għoli tal-ħajja: https://socialsecurity.gov.mt/mt/informazzjoni-u-applikazzjonijiet-ghal-beneficcji-u-servizzi/ghotjiet-bonuses-u-skemi/beneficcju-addizzjonali-ghall-oghli-tal-hajja-2025/.*

[92] *Il-Bank Ċentrali Ewropew. The impact of the recent rise in inflation on low-income households. Disponibbli fuq: https://www.ecb.europa.eu/press/economic-bulletin/focus/2022/html/ecb.ebbox202207_04~a89ec1a6fe.en.html?. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[93] *Il-Eurostat. HICP – Inflation Rate. Kodiċi tad-data online: tec00118.; l-NSO. Harmonised Index of Consumer Prices (HICP): June 2022. Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/prices/harmonised-index-of-consumer-prices-june-2022/. Aċċessat fil-05/03/2025.*

Biex jindirizza l-inflazzjoni dejjem ogħla, il-Gvern nieda l-inizjattiva Stabbiltà[94] fi Frar 2024, bl-għan li jistabbilizza l-prezzijiet tal-oġġetti tal-ikel essenzjali. Skont din l-inizjattiva, aktar minn 535 ħanut irreġistraw biex inaqqsu l-prezzijiet għall-konsumatur rakkomandati (RRP, recomended retail prices) għal aktar minn 400 prodott tal-ikel bażiku b'mill-inqas 15%, abbażi ta' prezzijiet stabbiliti f'Ottubru 2023. Dan il-pjan tfassal biex itaffi l-piż finanzjarju fuq il-konsumaturi filwaqt li jrawwem kompetizzjoni ġusta billi joffri għotjiet lin-negozji iżgħar.

### 2.4.2 Ġenituri Waħedhom u Ommijiet Adolexxenti

L-għadd ta' unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu f'Malta żdied b'mod sinifikanti matul dan l-aħħar deċennju. Fl-2021[95], total ta' 6,378 unità domestika kienu magħmula minn ġenituri waħedhom b'tifel dipendenti wieħed jew aktar, żieda ta' 922 unità domestika mqabbla ma' 10 snin qabel. L-"ommijiet" totali f'Malta kienu jammontaw għal 139,223, li fosthom, 14,491 kienu waħedhom. Ta' min jinnota wkoll, ir-rata ta' tfal mwielda barra miż-żwieġ f'Malta żdiedet b'mod mgħaġġel, minn 10.6% fis-sena 2000 għal 31.8% fl-2018.[96]

#### Ommijiet Adolexxenti

Filwaqt li l-għadd totali ta' twelid f'Malta żdied minn 3,898 fl-2010 għal 4,204 fl-2023, il-proporzjon tat-twelid minn ommijiet tfal u adolexxenti naqas b'mod sinifikanti. Fl-2010, it-twelid minn ommijiet tfal u adolexxenti kien jammonta għal 5.2% tat-twelid kollu; sal-2022, dan il-perċentwal kien naqas għal 1.85%[97] (Illustrazzjoni 17). Dan it-tnaqqis jista' jiġi attribwit għal diversi fatturi, partikolarment is-sensibilizzazzjoni ogħla tal-isfidi assoċjati mal-irwol ta' ġenitur bikri, u l-aċċess imtejjeb għal edukazzjoni sesswali komprensiva. Minkejja li n-numri qed jonqsu, għandu jiġi enfasizzat li l-ġenituri adolexxenti u tfal li fadal jiffaċċjaw sfidi ikbar biex irabbu lil uliedhom, li jwasslu għal eżiti soċjoekonomiċi, edukattivi u tas-saħħa li huma inferjuri b'mod sproporzjonat għall-koorti l-oħra. Dan għandu impatt fuq l-opportunitajiet fil-ħajja tagħhom u jwassal għal riskju ogħla ta' trażmissjoni interġenerazzjonali ta' faqar u esklużjoni soċjali.

**Illustrazzjoni 17:** Twelid Ħaj skont is-Sena tat-Twelid tal-Omm[98]




| | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 yrs | 1 | 6 | 2 | 3 | 3 | 3 | 4 | 2 | 2 | 1 |
| 16 yrs | 9 | 11 | 5 | 4 | 14 | 13 | 8 | 12 | 4 | 5 |
| 17 yrs | 20 | 22 | 15 | 15 | 11 | 17 | 12 | 11 | 17 | 15 |
| 18 yrs | 38 | 28 | 26 | 41 | 34 | 30 | 29 | 23 | 23 | 21 |
| 19 yrs | 40 | 39 | 60 | 48 | 47 | 46 | 40 | 45 | 32 | 38 |

[94] *Is-Servizz Pubbliku ta' Malta. Stabbiltà – A Key Public Service Initiative to Combat Inflation. Disponibbli fuq: https://publicservice.gov.mt/mt/news/stabbilta-a-key-public-service-initiative-to-combat-inflation. Aċċessat: fis-06/03/2025.*

[95] *L-NSO. Census of Population and Housing 2021: Final Report: Health, education, employment and other characteristics (Volume 3). Disponibbli fuq: https://nso.gov.mt/themes_publications/census-of-population-and-housing-2021-final-report-health-education-employment-and-other-characteristics/. Aċċessat fil-21/03/2024.*

[96] *Il-Eurostat. Are more babies born inside or outside marriage? Disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/-/DDN-20180416-1. Aċċessat fit-12/02/2024.*

[97] *Il-Eurostat. Leavee births by mother's year of birth (age reached) and birth order. Kodiċi tad-data online: demo_fordager.*

[98] *Ibid.*

### 2.4.3 Vizzji

Il-vizzju m'għandux impatt biss fuq l-utent tas-sustanza; dan jinfluwenza b'mod profond id-dinamika tal-familja kollha. Minn negliġenza tal-ġenituri jew abbuż għal pressjoni finanzjarja, vjolenza domestika, u saħansitra esponiment għall-kriminalità, il-konsegwenzi jistgħu jkunu severi u ta' firxa wiesgħa. Barra minn hekk, is-sentimenti ta' diżunur u stigma jistgħu jkomplu jiżolaw u joħolqu piż fuq il-membri tal-familja. Minħabba dan, is-servizzi għat-trattament tal-vizzji għandhom bżonn jadottaw approċċ olistiku li jmur lil hinn mill-individwu. Dan ifisser l-inklużjoni tat-terapija, inkluż it-terapija tal-familja u l-gruppi ta' appoġġ, l-indirizzar tat-trawma emozzjonali u l-kodipendenza, u l-forniment ta' riżorsi għall-ġestjoni ta' sfidi prattiki bħall-finanzi u l-kura tat-tfal.

Fl-2023, 2,311-il individwu fittex trattament għall-użu ħażin ta' sustanzi.[99] Dan kien l-ikbar numru rapportat tul iż-żmien. Il-maġġoranza tal-utenti tas-servizzi ta' trattament tkompli tkun magħmula b'mod predominanti mill-irġiel (82%) filwaqt li n-nisa ammontaw għat-18% li jifdal. L-aktar koorti tal-età komuni fit-trattament kienu individwi bejn l-età ta' 35 u 39 sena, u minn 40 sa 44 sena, b'433 u 443 **individwu**, rispettivament. Dan jimmarka bidla mis-snin preċedenti fejn l-età predominanti kienet spiss irrapportata li hi l-faxxi ta' età bejn il-25 u d-29 sena. Din iċ-ċifra tista' tindika popolazzjoni li qed tixjiħ fost l-individwi li qed jirċievu t-trattament, partikolarment l-individwi li jużaw l-eroina bħala d-droga primarja tagħhom. Fil-fatt, total ta' 1,579 individwu li rċevew trattament fl-2023 kellhom 'il fuq minn 35 sena. Dan juri li l-utenti ikbar fl-età ammontaw għal 68% ta' dawk li rċevew trattament.[100]

L-Illustrazzjoni 18 hawn isfel turi li l-maġġoranza tal-individwi li kienu qed jirċievu trattament fl-2023 irrapportaw li ġejjin kemm miż-żona tal-Port tan-Nofsinhar (30%) kif ukoll miż-żona tal-Port tat-Tramuntana (30%), 15% joqogħdu fix-Xlokk ta' Malta, 11% fir-reġjun tat-Tramuntana, 8% fir-reġjun tal-Punent, u 3% f'Għawdex. Dawn iċ-ċifri huma komparabbli mas-sena preċedenti.[101]

**ILLUSTRAZZJONI 18:** Individwi li qed jirċievu Trattament għad-Dipendenza (skont ir-Reġjun) 2023




99 *Ministry for Social Policy and Children's Rights. The Drug Situation and Responses in Malta: National Report 2024.*
100 *Ibid.*
101 *Ibid.*

It-trattament ibbażati fuq il-familja wrew rati ta' rkupru aħjar minn dawk tat-trattamenti bbażati fuq l-individwi jew fi gruppi. It-trattament tal-individwu mingħajr l-involviment tal-familja jista' jillimita l-effettività tat-trattament hekk kif jinjora l-impatt tal-vizzji fuq il-bqija tal-familja, filwaqt li ma jirrikonoxxix li l-familja tista' tkun sistema potenzjali ta' appoġġ għall-bidla.[102] Madankollu, wieħed għandu jirrikonoxxi li filwaqt li l-appoġġ tal-familja huwa mixtieq fil-kuntest tat-trattament, għadd ta' individwi jista' ma jkollhomx network solidu ta' appoġġ mill-familja biex jappoġġjahom matul il-vjaġġ tat-trattament tagħhom.

### 2.4.4 Vjolenza Domestika

Lil hinn mill-aggressjoni u l-abbuż fiżiċi, il-vjolenza domestika tinkludi mġiba ta' kontroll, dominanza, u umiljazzjoni, li titfa' dell konsiderevoli fuq il-ħajja tal-familja. L-impatt u l-konsegwenzi tal-abbuż domestiku jistgħu jkunu devastanti u jibqgħu tul il-ħajja kollha. It-tfal esposti għall-vjolenza domestika huma aktar probabbli li jesperjenzawha huma stess, li jipperpetwa ċiklu dannuż.[103] Għaldaqstant, huwa essenzjali li l-vittmi jirrikonoxxu s-sinjali ta' twissija, ifittxu l-għajnuna, jitgħallmu jipproteġu lilhom infushom u jevitaw li jipperpetwaw iċ-ċiklu tal-vjolenza minn relazzjoni għall-oħra. Sfortunatament, il-każijiet rapportati lill-pulizija żdiedu minn 1,741 fl-2021 għal 1,828 fl-2022 u laħqu l-2,071 fl-2023,[104] li jenfasizza l-bżonn urġenti għall-intervent u l-appoġġ.

### 2.4.5 Kwistjonijiet Relatati mas-Saħħa

Is-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa ta' Malta jipprovdi aċċess tajjeb għall-kura għall-popolazzjoni, u l-livelli ta' bżonnijiet mhux issodisfati għall-kura huma fost l-aktar baxxi fl-UE.[105] Madankollu, is-sistema tal-kura tas-saħħa ta' Malta tiffaċċja l-isfida ta' domanda dejjem ikbar minn popolazzjoni li qed tikber u tixjieħ b'mod rapidu. Fatturi oħra mhux demografiċi bħall-emerġenza ta' trattamenti ġodda (u spiss għoljin) ukoll għandhom impatt fuq is-sistema tal-kura tas-saħħa. Fi ħdan tali kuntest ta' domanda dejjem ikbar għal riżorsi tal-kura tas-saħħa, l-iżgurar tal-aċċess f'waqtu għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja — flimkien mal-garanzija tas-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tas-saħħa — huwa sfida li tirrikjedi sforzi ikbar għat-titjib tal-effiċjenza u l-effettività tas-sistemi tas-saħħa. Il-listi ta' stennija għall-kura inpatient għal għadd ta' proċeduri tnaqqsu b'mod sostanzjali fis-snin reċenti.[106] Barra minn hekk, il-listi ta' stennija fid-Dipartiment Outpatients, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex tnaqqsu b'mod sinifikanti sa Jannar 2024.[107] F'każijiet urġenti, il-persuni li għandhom bżonn il-kura jiġu skedati biex jaraw speċjalista fl-istess ġurnata jew fil-klinika outpatient li jmiss li tkun disponibbli.

Is-saħħa tajba awtodikjarata hija għolja, iżda jibqgħu jeżistu inugwaljanzi mdaqqsa fl-istat tas-saħħa bbażati fuq l-introjtu.[108] Fl-2023, il-Eurostat irrapporta li l-irġiel fl-età ta' 16-il sena u aktar irrapportaw saħħa itjeb minn dik tan-nisa, bi 82.2% tal-irġiel jirrapportaw li huma f'saħħa tajba imqabbla ma' 76.2% tan-nisa[109]. Fid-deċennji reċenti, Malta rat tnaqqis sinifikanti fil-mortalità minn mard kardjovaskulari u mill-kanċer. Madankollu, dawn il-kundizzjonijiet xorta waħda kienu responsabbli għal aktar minn nofs l-imwiet kollha fil-pajjiż fl-2020. Skont l-OECD, il-kawżi ewlenin ta' dawn l-imwiet kienu l-mard tal-qalb iskemiku, li rrappreżenta

102 *Ibid.*
103 *Sammut Scerri, C., Grech Lanfranco, I., Pace, L. u Borg, M. (2022). Safety in childhood: a prevalence study of childhood abuse experiences in Malta a quantitative research study.*
104 *Il-Parlament ta' Malta. PQ 14185. Disponibbli fuq: https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/06d013e9f9ab0283c12568f50054014f/c1257d2e0046dfa1c1258ab50042b18a!OpenDocument. Aċċessat fis-07/03/2025.*
105 *L-OECD. State of Health in the EU – Malta Country Health Profile 2023. Disponibbli fuq: www.oecd-ilibrary.org/docserver/2a821e8a-en.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*
106 *Il-Ministeru għas-Saħħa. A National Health Systems Strategy for Malta 2023 – 2033. Disponibbli fuq: https://health.gov.mt/wp-content/uploads/2024/09/A_National_Health_Systems_Strategy_for_Malta_2023_2033_September_2024.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*
107 *Il-Parlament ta' Malta. PQ 15245. Disponibbli fuq: https://pq.gov.mt/PQWeb.nsf/06d013e9f9ab0283c12568f50054014f/c1257d2e0046dfa1c1258ab5003fe6f6!OpenDocument. Aċċessat fit-12/02/2024.*
108 *L-OECD. State of Health in the EU – Malta Country Health Profile 2023. Disponibbli fuq: www.oecd-ilibrary.org/docserver/2a821e8a-en.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*
109 *Il-Eurostat. Self-perceived health by sex, age and labour status. Kodiċi tad-data online: hlth_silc_01.*

26% tal-imwiet totali, segwiti minn kanċers tas-sider u kolorettali, li kull wieħed ikkontribwixxa għal 13%. Barra minn hekk, Malta kellha waħda mill-ogħla rati ta' mortalità evitabbli permezz tal-kura tas-saħħa mid-dijabete fi ħdan l-UE, u kklassifikat fir-raba' post b'rata ta' 7%.[110]

Fl-2019, aktar minn terz tal-imwiet kollha f'Malta kien attribwit għal fatturi ta' riskju fl-imġiba, fejn ir-riskji tad-dieta u tat-tipjip kienu l-kontributuri ewlenin għall-mortalità. Malta għandha l-ogħla rati ta' piż żejjed u obeżità kemm fost l-adulti kif ukoll fl-adolexxenti fl-UE. Bħala riżultat, il-promozzjoni tal-istili ta' ħajja tajbin għas-saħħa kienet prijorità ewlenija tal-gvern fid-deċennju li għadda biex jiġġieled kontra dawn il-problemi. Id-drawwiet dijetetiċi ħżiena u l-inattività fiżika kkontribwew b'mod sinifikanti għal-livelli għolja ta' obeżità fil-pajjiż. Barra minn hekk, 21% tal-adulti f'Malta rrapportaw li jpejpu, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 19%. Dawn l-istatistiċi jenfasizzaw l-isfidi kurrenti u l-bżonn ta' interventi tal-politika kontinwi bil-għan li jtejbu s-saħħa pubblika permezz ta' nutrizzjoni aħjar, attività fiżika, u kontroll tat-tabakk.[111]

Il-familji li qed jiffaċċjaw sfidi relatati mas-saħħa, partikolarment dawk b'kundizzjonijiet fit-tul, jistgħu jesperjenzaw żvantaġġi soċjoekonomiċi sinifikanti. Filwaqt li s-sistema tal-kura tas-saħħa b'xejn ta' Malta tipprovdi appoġġ essenzjali, hemm bżonn ta' assistenza addizzjonali f'oqsma bħall-immaniġjar tal-istress emozzjonali, l-aċċess għal tagħmir speċjalizzat, l-iżgurar ta' kura kostanti, u l-adattament tal-akkomodazzjonijiet biex jiġu ssodisfati bżonnijiet speċifiċi. Dawn il-miżuri jistgħu jtejbu ħafna l-kwalità tal-ħajja għall-familji li jiffaċċjaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa fit-tul, hekk kif l-isfidi ffaċċjati minn kull familja jistgħu jvarjaw b'mod konsiderevoli. Dan huwa speċjalment kritiku meta l-familja jkollha individwi b'diżabbiltajiet, li spiss jiffaċċjaw bżonnijiet uniċi u kumplessi li jirrikjedu appoġġ imfassal. L-espansjoni tas-servizzi ta' appoġġ f'dawn l-oqsma tgħin biex tiġi indirizzata l-firxa usa' ta' bżonnijiet u biex tiġi żgurata kwalità tal-ħajja ogħla għal dawn il-familji.

### 2.4.6 Persuni b'Diżabbiltà

Grupp ieħor b'responsabbiltajiet ta' kura intensifikata huma l-familji tal-persuni b'diżabbiltà (PWD, People with Disability). F'konformità mal-istandards u l-prattiki globali, sar pass lejn il-kura fil-komunità u 'l bogħod mill-istituzzjonaliżmu.

Fis-snin reċenti, il-Gvern stabbilixxa sistema b'saħħitha ta' appoġġ formali relatat mas-saħħa għall-PWD. B'mod partikolari, is-Servizzi ta' Appoġġ fil-Komunità jipprovdu appoġġ ibbażat fuq il-komunità lil persuni b'diżabbiltà u lill-familji tagħhom. L-għan komprensiv ta' dawn is-servizzi servizzi huwa li titjieb il-kwalità tal-ħajja kemm tal-utent tas-servizz kif ukoll tal-gwardjani tiegħu filwaqt li jassistu lil persuni b'diżabbiltà biex jgħixu ħajja indipendenti fil-komunità. Ibbażati fuq pjan ta' valutazzjoni u intervent, is-servizzi personalizzati huma mmirati skont l-abbiltajiet u l-limitazzjonijiet tal-persuna. Barra minn hekk, biex jiġu appoġġjati l-familji b'PWD, ġew introdotti diversi miżuri ta' appoġġ bħal ċentri ta' solliev, ċentri għall-kura ta' matul il-jum u benefiċċji finanzjarji biex jimmitigaw dawn ir-responsabbiltajiet ta' kura.

Minkejja l-isforzi biex jitjiebu d-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom, il-persuni b'diżabbiltà għadhom jiffaċċjaw sfidi sinifikanti. Kwistjonijiet bħall-intersezzjonalità, id-deistituzzjonalizzazzjoni, u l-innovazzjoni diġitali jippersistu flimkien ma' ostakli fl-impjieg u l-edukazzjoni inkluživa. L-akkomodazzjoni aċċessibbli tibqa' ta' tħassib, u l-ħajja tal-familja tippreżenta ostakli fit-trobbija tat-tfal u fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Barra minn hekk, il-kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà jestendu għall-faċilitajiet tal-isports u t-trasportazzjoni, li għandhom impatt fuq diversi aspetti tal-ħajja ta' kuljum. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jirrikjedi sforzi miftiehma biex jiġu żgurati l-opportunitajiet ekwi u l-integrazzjoni soċjetali.[112]

110 *L-OECD. State of Health in the EU – Malta Country Health Profile 2023. Disponibbli fuq: www.oecd-ilibrary.org/docserver/2a821e8a-en.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*
111 *Ibid.*
112 *Is-CRPD. Rapport Annwali 2022. Disponibbli fuq: www.crpd.org.mt/wp-content/uploads/2023/06/CRPD-Annual-Report-2022-MT.pdf. Aċċessat fil-10/02/2024.*



# PRIJORITÀ 1



# ĠUSTIZZJA SOĊJALI GĦALL-FAMILJI

> ***Biex ikomplu jiġu pprovduti u jitjiebu l-appoġġ u s-servizzi adegwati lil familji f'sitwazzjonijiet żvantaġġati. Il-familji b'membri li għandhom bżonnijiet speċifiċi jirrikjedu appoġġ addizzjonali. Permezz tat-titjib tal-benesseri soċjali ġenerali, il-familji kollha għandu jkollhom l-opportunitajiet u l-assistenza neċessarja biex jirnexxu.***

L-inugwaljanza soċjali hija sitwazzjoni fejn il-persuni jkollhom aċċess mhux ugwali għal riżorsi, servizzi u pożizzjonijiet ta' valur fis-soċjetà[113]. F'soċjetà karatterizzata minn b'diversi realtajiet u sfidi, l-objettiv tal-ġustizzja soċjali għall-familji jidher bħala għan tal-akbar importanza. Dan il-kapitlu tal-Pjan Soċjali għall-Familja jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi soċjali għat-titjib tal-benesseri u ċ-ċansijiet tal-ħajja għal familji f'sitwazzjonijiet żvantaġġati.

### Direzzjoni tal-Politika

Filwaqt li jirrikonoxxi l-bżonnijiet uniċi tal-familji b'membri li għandhom bżonnijiet speċifiċi, il-Gvern jibqa' impenjat li jsaħħaħ aktar l-aċċess għal riżorsi u assistenza essenzjali. Fil-qofol ta' dan l-approċċ hemm impenn biex il-gruppi jingħataw is-setgħa f'sitwazzjonijiet diffiċli fi ħdan is-soċjetà. Permezz tal-indirizzar tal-bżonnijiet uniċi tagħhom, il-pjan ifittex li jrawwem kultura ta' inklużività u appartenenza kemm fi ħdan il-familja kif ukoll fi ħdan il-komunità. Permezz tal-programmi ta' appoġġ immirati u l-isforzi ta'promozzjoni, huwa għandu l-għan li jkompli jagħti lil dawn il-familji l-għodod u r-riżorsi li għandhom bżonn biex jegħlbu l-avversità u jiksbu l-potenzjal kollu tagħhom.

Il-bini ta' soċjetà ġusta u ekwa jirrikjedi l-iżgurar ta' opportunitajiet ugwali għall-familji kollha, irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, l-orjentazzjoni sesswali jew l-isfond tagħhom. Għal dan l-għan, huwa kruċjali li jkomplu jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fejn kull familja jkollha ċ-ċans li tirnexxi. Dan se jinkiseb primarjament permezz tal-investiment kontinwu fl-edukazzjoni, l-impjieg u s-servizzi soċjali, u b'hekk tiċċekken kwalunkwe lakuna eżistenti.

Huwa wkoll importanti li jiġi rikonoxxut l-irwol sinifikanti tal-appoġġ informali provdut mill-komunitajiet. It-tisħiħ tar-rabtiet fil-komunità u tar-riżorsi mhux biss se jżid ir-reżiljenza tal-familji iżda se joħloq ukoll ambjent aktar inklużiv u ta' appoġġ. Dan l-investiment fis-sistemi ta' appoġġ informali se jagħtu s-setgħa lill-familji b'firxa diversa ta' riżorsi u networks biex jisfruttaw u jrawmu sens ta' appartenenza u benesseri kollettivi. Permezz tal-kollaborazzjoni bejn servizzi formali u l-inizjattivi bbażati fuq il-komunità, se jinkiseb approċċ aktar olistiku għall-appoġġ tal-familja, li jiżgura li l-familji jirċievu assistenza komprensiva mfassla għall-bżonnijiet u ċirkostanzi uniċi tagħhom.

[113] *Kerbo, H. R. (2003). Social stratification and inequality: Class conflict in historical and global perspective.*

Il-kisba tal-ġustizzja soċjali għall-familji hija kompitu kontinwu li titlob sforzi uniti u dedikazzjoni solida. Il-Pjan Soċjali għall-Familja jiffoka fuq l-objettivi assoċjati li ġejjin bl-għan li jwassal għal soċjetà soċjalment aktar ġusta u ekwa:

> Il-Pjan Soċjali għall-Familja se jagħti importanza partikolari lill-forom tal-familja diversi, il-fażijiet tal-ħajja u s-sitwazzjonijiet ta' sfida. Fi ħdan dan il-kuntest, huwa essenzjali li t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19 jiġu kkunsidrati u li jsiru sforzi biex il-familji jkollhom ir-riżorsi u r-reżiljenza u r-riżorsi neċessarji biex jiffaċċjaw ix-xokkijiet kurrenti u futuri mingħajr ma tiddgħajjef in-nisġa soċjali, partikolarment l-impatt pożittiv fuq is-soċjetà imrawwem mill-familji.

## 3.1 ASSISTENZA GĦALL-GRUPPI FIL-MIRA L-AKTAR ŻVANTAĠĠATI

Wieħed mill-objettivi primarji tal-ġustizzja soċjali huwa l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fi ħdan is-soċjetà. Din tinvolvi l-indirizzar tal-għeruq tad-disparità ekonomika u l-marġinalizzazzjoni. Permezz ta' politiki mmirati, l-isforzi tal-promozzjoni, u l-appoġġ tal-komunità, il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tibqa' pilastru ċentrali fl-objettiv tal-ġustizzja soċjali. Il-faqar fil-familja jinfluwenza l-funzjonament u l-istabbiltà tal-familja, li jistgħu jikkontribwixxu għal fatturi oħra bħall-benesseri, is-saħħa mentali aktar batuta, u l-vjolenza. L-investiment fil-benesseri soċjali tal-familji huwa prekunduzzjoni għall-ġustizzja soċjali. Huwa fi ħdan dan il-kuntest li l-Pjan Soċjali għall-Familja għandu l-għan li jibni aktar fuq l-għarfien u l-miżuri tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis Ulterjuri tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali 2025-2035.

Fil-livell nazzjonali, is-sistema ta' protezzjoni soċjali tipprovdi xibka ta' sikurezza b'saħħitha għall-familji. Madankollu, il-kuntesti soċjali li qed jinbidlu rriżultaw fi sfidi u realtajiet ġodda għall-familji. Dan jeħtieġ konsolidazzjoni tal-miżuri diġà eżistenti u l-introduzzjoni ulterjuri ta' miżuri mmirati biex itejbu l-aċċess għall-benefiċċji soċjali u s-servizzi tal-familja, fost l-oħrajn. L-indirizzar tal-faqar interġenerazzjonali huwa wkoll importanti ħafna għat-trawwim ta' soċjetà soċjalment ġusta. Il-faqar interġenerazzjonali jipperpetwa ċikli ta' żvantaġġ, jillimita l-opportunitajiet u jostakola l-mobbiltà għall-aħjar għall-ġenerazzjonijiet suċċessivi. Il-faqar interġenerazzjonali jimmina l-prinċipji tal-ġustizzja soċjali billi jissoda d-disparitajiet u jipperpetwa l-inugwaljanzi sistemiċi. Għaldaqstant, bl-implimentazzjoni ta' interventi mmirati u ta' politiki ekwi mmirati lejn l-indirizzar tal-għeruq tal-faqar interġenerazzjonali, l-għan huwa li tinħoloq soċjetà aktar ġusta u inklużiva fejn kull individwu jkollu ċ-ċans li jirnexxi irrispettivament mill-isfond jew miċ-ċirkostanzi tiegħu.

Huwa essenzjali li jiġi rrikonoxxut li lil hinn mill-individwi li qed jiffaċċjaw ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, jeżistu gruppi żvantaġġati oħra li jiltaqgħu ma' sfidi sinifikanti u realtajiet differenti. Minn persuni akbar fl-età li jibqgħu għaddejjin minkejja l-iżolament u l-pressjonijiet finanzjarji għal ġenituri adolexxenti u waħedhom li qed jimmaniġjaw il-kura tat-tfal flimkien max-xogħol fuq baġits limitati, diversi ċirkostanzi jikkontribwixxi għal riskji ogħla ta' ħsara, emarġinazzjoni, jew żvantaġġ. Il-familji bi problemi tas-saħħa, diżabbiltà, jew vizzju, kif ukoll familji ta' immigranti li qed jadattaw għal soċjetà ġdida, ukoll jiffaċċjaw sfidi uniċi. Dawn il-vulnerabbiltajiet inkroċjati jissottolinjaw l-importanza li jiġu indirizzati l-bżonnijiet diversi ta' dawn il-gruppi fl-objettiv tal-ġustizzja soċjali, li jiżguraw opportunitajiet ekwi u appoġġ għal kulħadd.

Biex il-gruppi fil-mira jiġu assistiti b'mod effettiv fis-sitwazzjonijiet l-aktar żvantaġġati, hemm bżonn ta' approċċ multidimensjonali. L-interventi mmirati mfassla biex jissodisfaw il-bżonnijiet uniċi tal-gruppi ewlenin fis-sitwazzjonijiet l-aktar diffiċli huma tal-ikbar importanza. B'mod partikolari, l-investiment fis-servizzi tas-saħħa mentali u fin-networks ta' appoġġ huwa kruċjali għall-familji li qed jitħabtu ma' problemi bħal saħħa mentali batuta, diżabbiltajiet, jew vizzju. Permezz tal-iżgurar tal-aċċess għall-kura tas-saħħa ta' kwalità, inkluż is-servizzi tas-saħħa mentali, il-Pjan Soċjali għall-Familja jippromwovi l-benesseri u l-istabbiltà ta' dawn il-familji.

It-titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità u programmi ta' taħriġ għall-ħiliet (kif enfasizzat aktar fil-kapitli li jmiss) huwa strumentali biex tingħata s-setgħa lill-persuni fis-sitwazzjonijiet l-aktar diffiċli biex itejbu l-istatus soċjoekonomiku tagħhom, titnaqqas l-emarġinazzjoni tagħhom u eventwalment jitkisser iċ-ċiklu ta' żvantaġġ. Fl-istess ħin, l-appoġġ tas-sistema ta' protezzjoni soċjali fil-livell nazzjonali jibqa' importanti ħafna biex tinżamm xibka ta' sikurezza robusta għall-familji li qed jiffaċċjaw id-diffikultajiet, li tiżgura li jirċievu l-appoġġ u r-riżorsi essenzjali li hemm bżonn għall-benesseri u l-istabbiltà tagħhom. Essenzjalment, l-indirizzar tal-bżonnijiet diversi tal-gruppi żvantaġġati fi ħdan il-familji jirrikjedi approċċ komprensiv u kkoordinat, li jgħaqqad l-interventi mmirati, is-servizzi ta' appoġġ, u l-miżuri ta' politika biex jiġu żgurati opportunitajiet ekwi u appoġġ għal kulħadd. Billi jagħti prijorità lill-benesseri soċjali tal-familji, dan il-pjan għandu l-għan li javvanza l-kawża tal-ġustizzja soċjali u joħloq soċjetà aktar inklużiva.

## 3.2 INDIRIZZAR BIKRI TAL-ISFIDI PERMEZZ TAT-TITJIB TAL-AĊĊESS GĦAL SERVIZZI AĦJAR

L-intervent bikri jirreferi għall-appoġġ professjonali proattiv u f'waqtu provdut lil-familji li jaf ikunu qed jesperjenzaw diffikultajiet f'diversi aspetti ta' ħajjithom. Dan jinvolvi l-identifikazzjoni ta' sfidi jew riskji potenzjali fi stadju bikri u t-teħid ta' azzjoni fil-pront biex tindirizzahom. L-intervent bikri huwa importanti ħafna għall-promozzjoni tal-iżvilupp pożittiv, il-benesseri, u r-reżiljenza fost il-familji.

L-indirizzar bikri tal-isfidi qabel ma jeskalaw għal kriżijiet, u l-għoti tal-appoġġ meħtieġ lill-familji għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni tal-impatt fit-tul ta' dawn l-isfidi — kemm jekk fl-edukazzjoni, l-imġiba, is-saħħa, jew l-iżvilupp soċjali — huwa importanti ħafna. L-intervent bikri jagħti s-setgħa lill-familji biex jibqgħu reżiljenti u jgħixu ħajjiet sodisfaċenti, filwaqt li fl-istess ħin inaqqas il-possibbiltà ta' diffikultajiet aktar severi li joħorġu fil-futur. Billi jħaddan l-istrateġiji tal-intervent bikri, il-pjan għandu l-għan li jwitti t-triq għal familji u komunitajiet aktar b'saħħithom u aktar reżiljenti.

L-istrateġiji tal-intervent bikri fi ħdan dan il-kuntest jeħtieġu approċċ komprensiv. Dan jinvolvi mhux biss l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji, iżda wkoll it-tisħiħ tar-reżiljenza għall-familji żvantaġġati. Permezz tal-adozzjoni ta' pożizzjoni proattiva u tal-investiment fil-miżuri ta' intervent bikri, l-għan aħħari huwa li tinħoloq soċjetà aktar ekwa fejn il-familji kollha jkollhom l-appoġġ li għandhom bżonn biex jegħlbu l-avversità.

## 3.3 TITJIB TAL-AĊĊESS GĦAL SERVIZZI AĦJAR

Il-ħolqien ta' sistemi ekwi fejn familji diversi jkunu jistgħu jaċċessaw servizzi essenzjali huwa fundamentali. Madankollu, l-aċċess irid mhux biss ikun disponibbli, iżda wkoll effiċjenti, trasparenti, u jirrispondi għall-bżonnijiet speċifiċi ta' kull familja.

L-aċċess imtejjeb għas-servizzi għandu impatt pożittiv fuq is-soċjetà. Il-kura bbażata fil-komunità hija essenzjali għall-appoġġ tal-familji billi toffri assistenza lokalizzata u aċċessibbli mfassla għall-bżonnijiet tagħhom. Il-programmi ta' taħriġ fil-kura bbażata fil-komunità huma kruċjali biex il-membri tal-komunità jingħataw is-setgħa ħalli jieħdu f'idejhom ir-riedni tas-soluzzjonijiet li jibbenefikaw lill-familji diversi. Dan is-sens ta' responsabbiltà jrawwem sens aktar b'saħħtu ta' appartenenza u benesseri fi ħdan il-komunità, jinkoraġixxi parteċipazzjoni ikbar taċ-ċittadini f'inizjattivi li jappoġġjaw lill-familji u jippromwovi l-prosperità ġenerali fil-komunità.

L-istrateġiji biex jintlaħqu n-nies għandhom rwol ċentrali fit-titjib u t-twassil tal-aċċess, u jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, workshops edukattivi, innovazzjonijiet teknoloġiċi, u servizzi multilingwi, li jiżguraw li ħadd ma jintesa.

Billi jippromwovi aċċess imtejjeb għal servizzi essenzjali, il-pjan għandu l-għan li jwitti t-triq għal soċjetà fejn kull familja tista' tirnexxi. Dan il-Pjan jippromwovi wkoll is-servizzi soċjali futuri biex ikunu mfassla bil-għan li l-individwi jingħataw is-setgħa, minflok ma jrawwem dipendenza li tista' taggrava l-isfidi eżistenti. L-għan huwa li jinħolqu programmi li jipprovdu appoġġ, riżorsi, u opportunitajiet għat-tkabbir personali u l-awtosuffiċjenza. Billi jiffokaw fuq l-awtonomizzazzjoni, is-servizzi soċjali jistgħu jgħinu lill-individwi biex jirċievu l-appoġġ neċessarju ħalli jegħlbu l-ostakli, jibnu r-reżiljenza, u jiksbu s-suċċess fit-tul, biex fl-aħħar ikissru ċ-ċikli tad-dipendenza u jikkontribwixxu għall-benesseri ġenerali tal-komunità.

## 3.4 TISĦIĦ TAT-TFASSIL TAL-POLITIKA BBAŻAT FUQ L-EVIDENZA

It-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza jibbenefika lill-familji direttament billi jiżgura li l-politiki jitfasslu biex jindirizzaw b'mod effettiv il-bżonnijiet u sfidi speċifiċi tagħhom. Billi jibbażaw ruħhom fuq ir-riċerka solida u l-analiżi tad-data, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jfasslu l-interventi biex itejbu l-eżiti f'oqsma kruċjali għall-benesseri tal-familja, bħall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, u s-servizzi soċjali. Dan l-approċċ iwassal għall-iżvilupp ta' programmi mmirati li jipprovdu lill-familji b'aċċess għall-kura tas-saħħa ta' kwalità, akkomodazzjoni affordabbli, u opportunitajiet edukattivi, li jtejbu l-kwalità ġenerali tal-ħajja tagħhom.

L-investiment fit-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza huwa kruċjali għall-promozzjoni tat-trasparenza u tar-responsabbiltà sabiex jinżamm renidkont, u jiżgura li l-familji jistgħu jafdaw fl-effettività u l-ekwità tal-politika li għandhom impatt fuqhom.



## 3.5 MIŻURI RELATATI MA L-EWWEL PRIJORITÀ

F'konformità mal-għan ġenerali li tiġi promossa l-ġustizzja soċjali għall-familji kollha, qed jiġu proposti l-miżuri li ġejjin sabiex jikkonkretizzaw id-direzzjonijiet ta' politika deskritti f'dan il-kapitolu. Dawn il-miżuri jfittxu li jsarrfu l-impenn lejn l-inklużjoni, l-ekwità, u l-appoġġ f'azzjonijiet tanġibbli li jindirizzaw ir-realtajiet u l-isfidi diversi li jiffaċċjaw il-familji f'sitwazzjonijiet ta' żvantaġġ.

| Nru. Tal-Miżuri | Miżura | Ministeru Ewlieni | Sena ta' Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1.1 | Jinbeda Proġett Pilota għall-iżvilupp ta' Fond ta' Assistenza għall-Familji. Billi jiffoka fuq il-bżonnijiet l-aktar kritiċi tal-familji l-aktar żvantaġġati, il-Fond se jissussidja primarjament oġġetti ta' privazzjoni, li jinkludu neċessitajiet kritiċi bħal oġġetti għall-akkomodazzjoni, u titjib fl-effiċjenza tal-enerġija bħal fl-apparat domestiku, u oġġetti fundamentali oħra deskritti fl-indikatur tal-Privazzjoni Materjali Soċjali (SMD, Social Material Deprivation) b'mod partikolari (iżda mhux biss). Il-persuni li għandhom bżonnijiet speċifiċi (b'mod partikolari l-persuni b'diżabbiltà) għandhom bżonn appoġġ addizzjonali u għaldaqstant għandhom jingħataw prijorità. Dan l-approċċ immirat jiżgura li l-assistenza provduta tindirizza l-aktar forom severi tal-privazzjoni materjali, bl-għan li jkollu impatt sinifikattiv fuq il-benesseri tal-familji żvantaġġati li qed jiffaċċjaw tbatija ekonomika akuta. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2027 |
| 1.2 | Jiġu kkunsidrati studji u miżuri ulterjuri biex jindirizzaw l-introjtu baxx mill-pensjoni, inkluż żidiet potenzjali fil-benefiċċji u fl-iskemi tal-kreditu mill-pensjoni. L-isforzi għandhom ukoll jiffokaw biex itejbu l-aċċess għal pjanijiet ta' tfaddil għall-irtirar u biex iżidu l-litteriżmu finanzjarju fost l-irtirati ħalli jiżguraw irtirar sikur u dinjituż għal kulħadd. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2026 |
| 1.3 | Jiġu żviluppati inizjattivi bħal programmi biex jintlaħqu l-komunitajiet, inkluż inizjattivi interġenerazzjonali u skemi ta' assistenza finanzjarja għal persuni akbar fl-età li jiffaċċjaw l-iżolament u pressjonijiet finanzjarji. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għall-Anzjanità Attiva | 2027 |
| 1.3.1 | Jiġi introdott Programm ta' Appoġġ għall-Familji bl-Anzjani fejn individwi akbar fl-età jistgħu jagħtu pariri u jassistu lil familji, joffru gwida u appoġġ filwaqt li jrawmu rabtiet interġenerazzjonali. Din l-inizjattiva tippromwovi l-involviment attiv tal-komunità u tnaqqas is-solitudni fost l-anzjani. | Il-Ministeru responsabbli għall-Anzjanità Attiva | 2028 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.4 | Jinbeda proġett pilota għall-iżvilupp ta' programmi ta' mentoraġġ li jassenjaw familji f'sitwazzjonijiet diffiċli ma' konsulenti mħarrġa minn sfondi simili li rnexxielhom jinnavigaw sfidi simili b'suċċess. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2028 |
| 1.4.1 | Permezz ta' enfasi partikolari fuq il-persuni b'diżabbiltà, il-programm jista' jiffoka fuq oqsma bħall-ippjanar fis-servizzi ta' diżabbiltà, l-aċċess għal teknoloġiji assistivi, u t-trawwim tal-kunfidenza tal-persuni fihom infushom. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | 2028 |
| 1.4.2 | Għal individwi li qed jiffaċċjaw sfidi ta' dipendenza, programm ta' mentoraġġ jista' jipprovdi appoġġ u gwida kruċjali fi triqthom lejn l-irkupru. Il-konsulenti mħarrġa li għelbu l-vizzji huma stess jistgħu joffru għarfien ta' valur, strateġiji biex ikampaw, u inkoraġġiment għall-individwi u l-familji li qed ibatu mill-abbuż tad-drogi. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | 2028 |
| 1.5 | Jissaħħu u jkomplu jiġu żviluppati miżuri, politiki, u skemi, bil-għan li jinħoloq suq tal-akkomodazzjoni aktar inklużiv u ekwu fejn l-individwi u l-familji tal-livelli kollha ta' introjtu jkollhom aċċess għal alternattivi ta' akkomodazzjoni sikuri, deċenti, u affordabbli. | Il-Ministeru responsabbli għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | GĦADHA GĦADDEJJA |
| 1.5.1 | Jinbdew diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ippjanar għall-emenda tal-"Klassijiet tal-Użu" kif definiti fl-Ordni dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (il-Klassijiet tal-Użu), biex tkun permessa l-kostruzzjoni tal-istrutturi ta' akkomodazzjoni innovattivi u affordabbli b'faċilitajiet kondiviżi. Din l-emenda se tiffaċilita l-iżvilupp ta' spazji ta' koabitazzjoni, u soluzzjonijiet oħra ta' akkomodazzjoni moderna li jippromwovu l-użu effiċjenti tal-art u l-affordabbiltà. Permezz tad-definizzjoni mill-ġdid tal-klassijiet tal-użu, l-assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, l-assoċjazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali bi profitt limitat jistgħu jiżviluppaw strutturi residenzjali ta' koabitazzjoni li jintegraw faċilitajiet komunali bħal kċejjen, spazji tax-xogħol, u żoni għar-rikreazzjoni, li jrawmu sens ta' komunità filwaqt li jnaqqsu l-ispejjeż tal-għajxien individwali. Dan l-approċċ mhux biss jindirizza n-nuqqas ta' akkomodazzjoni iżda wkoll jappoġġja l-iżvilupp urban sostenibbli, u jieħu ħsieb il-bżonnijiet li qed jevolvu tal-gruppi tal-popolazzjoni diversi inkluż il-professjonisti żgħażagħ, l-istudenti, u r-residenti anzjani. | Il-Ministeru responsabbli għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli/ Il-Ministeru responsabbli għall-Ippjanar | 2028 |
| 1.5.1.1 | Introduzzjoni ta' pjanijiet ta' kura u appoġġ għal individwi li qed jistennew akkomodazzjoni soċjali, li jindirizzaw il-bżonnijiet immedjati tagħhom, jiżguraw appoġġ koordinat fil-waqt u transizzjoni aktar faċli għall-akkomodazzjoni hekk kif tiġi disponibbli. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2028 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.5.2 | Art u strutturi vakanti jitpoġġew għad-disponibbiltà ta' assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u ta' assoċjazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali bi profitt limitat bl-iskop li jiġu żviluppati jew konvertiti f'akkomodazzjoni affordabbli li ssir disponibbli għax-xiri jew il-kiri għal familji u individwi li jaħdmu b'introjtu baxx jew medju. Dan għandu jgħolli l-istokk ta' unitajiet tal-kiri affordabbli. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli** | **2028** |
| 1.5.3 | L-iffaċilitar tax-xiri tad-djar bi prezzijiet aktar baxxi minn dawk tas-suq permezz ta' forom alternattivi ta' żamma, bħall-enfitewsi, bl-għażla li eventwalment tiġi kkonvertita fi sjieda libera. Din l-inizjattiva għandha l-għan li żżid l-aċċessibbiltà għas-sjieda tad-djar għal familji li bħalissa ma jaffordjawhiex billi tnaqqas l-ispiża bil-quddiem tal-akkomodazzjoni. Il-prezzijiet aktar baxxi tal-proprjetà jistgħu jinkisbu billi jitbaxxew il-prezzijiet tal-art, fejn il-gvern jalloka art pubblika għal tali proġetti. Biex tkun żgurata l-affordabbiltà fit-tul u jiġi imwaqqaf il-bejgħ mill-ġdid spekulattiv, dawn il-propjetajiet se jkunu soġġetti għal użu residenzjali esklużiv u għal fidi taċ-ċens bir-rati tas-suq. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli** | **2027** |
| 1.5.4 | Issir kollaborazzjoni mal-Awtorità tad-Djar biex jiġi żviluppat u implimentat programm ta' akkomodazzjoni tranżitorja speċifikament għal dawk li ħarġu mill-kura alternattiva u l-gruppi oħra żvantaġġati, filwaqt li jiġi żgurat li jkollhom aċċess għal akkomodazzjoni stabbli fit-tul stabbli u għal servizzi ta' appoġġ. L-għan huwa li tiġi ffaċilitata transizzjoni bla xkiel lejn għajxien indipendenti għal dawk li ħarġu mill-kura, bit-tnaqqis tar-riskju li jispiċċaw bla dar u l-promozzjoni tal-istabbiltà fit-tul u l-awtosuffiċjenza. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli** | **2027** |
| 1.6 | Jiġi stabbilit Network għas-Saħħa Mentali tat-Tfal u taż-Żgħażagħ, biex jixpruna djalogu kontinwu, il-qsim tar-riżorsi, u inizjattivi konġunti, u biex jindirizza s-saħħa mentali tat-tfal u taż-żgħażagħ, b'enfasi fuq il-prevenzjoni, il-protezzjoni, u l-appoġġ. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa/ Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **2025** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.6.1** | Ikomplu jissaħħu s-servizzi ta' appoġġ essenzjali fi ħdan l-ambjenti edukattivi għat-titjib tal-benesseri tal-familja. Dan jinkludi l-għoti ta' appoġġ minn professjonisti tas-saħħa mentali speċjalizzati, u terapisti tal-familja fl-iskejjel. | **Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa/ Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **GĦADHA GĦADDEJJA** |
| **1.6.2** | Jinbeda proġett pilota mfassal biex joffri terapija mmirata fi ħdan faċilitajiet residenzjali speċifiċi għat-tfal fil-kura alternattiva u biex jiġi jevalwat l-impatt tiegħu. | **Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa/ Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali** | **2025** |
| **1.6.3** | Jissaħħu l-iskrinjar u s-servizzi tas-saħħa mentali matul il-perjodu ta' qabel it-twelid (mill-qwiebel fil-Gynae Out-Patients) u wara t-twelid (mill-Well Baby Clinics), inkluż l-iskrinjar waqt it-tieni trimestru, ta' 6 xhur, u sena wara t-twelid, kif ukoll għar-relazzjonijiet bejn l-omm u t-tarbija u għall-missirijiet. L-appoġġ terapewtiku se jkun offrut mill-Klinika tas-Saħħa Mentali Perinatali f'Mater Dei u mit-Trobbija Pożittiva.<br><br>Barra minn hekk, għandu jiġi pprovdut it-taħriġ, tiżdied il-forza tax-xogħol u l-ħin dedikat għall-iskrinjar u l-kura effettiva. | **Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa** | **2026** |
| **1.7** | Jiġu żviluppati servizzi ta' appoġġ aktar immirati u bbażati fuq ir-riċerka bir-reqqa u l-informazzjoni, fejn l-approċċi preventivi jingħataw prijorità, b'mod partikolari biex jiġu appoġġjati l-programmi għat-tfal affettwati mill-użu ħażin tad-drogi mill-ġenituri u mill-vjolenza domestika, filwaqt li jiġu żgurati s-sikurezza u l-iżvilupp olistiku tagħhom. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/CDV (OPM-EES)** | **2027** |
| **1.8** | Jitwettaq studju lonġitudinali komprensiv għall-analiżi tal-korrelazzjonijiet bejn il-kura tat-tfal, ir-rabta mal-ġenituri, l-iżvilupp tat-tfal, u s-saħħa mentali maż-żmien, b'kunsiderazzjoni ta' varjabbli bħall-gruppi ta' età, id-durata tal-attendenza fiċ-ċentri tal-kura tat-tfal, u l-ħin ta' interazzjoni mal-ġenituri, b'monitoraġġ u rapportar regolari biex jikkaratterizzaw il-politika u l-prattika. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni/ Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali** | **2027** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1.9 | Jittejbu s-servizzi tas-saħħa fil-komunità għal familji bi tfal taħt is-16-il sena, partikolarment għal dawk b'introjti aktar baxxi. | **Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa** | **2027** |
| 1.10 | Jitnedew kampanji multilingwi permezz tat-TV, ir-radju, il-midja soċjali, u avvenimenti tal-komunità biex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar l-iskemi tal-familja disponibbli, u l-benefiċċji u s-servizzi relatati, speċjalment dawk offruti mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS, Foundation for Welfare Services). | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali** | **2026** |
| 1.11 | Minħabba żieda fid-domanda, issir aktar investiment mill-gvern għat-tisħiħ tal-kopertura tas-servizzi provduti mill-FSWS u l-NGOs. Dan l-investiment ikollu l-għan li jespandi l-kapaċità, itejjeb l-aċċessibbiltà, u jtejjeb il-kwalità tal-appoġġ interprofessjonali provdut lil individwi u familji żvantaġġati. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali** | **2028** |
| 1.12 | Jitwettaq studju fuq livell nazzjonali għall-identifikazzjoni tal-isfidi ewlenin iffaċċjati mill-familji inkluż il-familji b'membri li għandhom diżabbiltà, bħall-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, id-disponibbiltà tal-kura tat-tfal, l-edukazzjoni, u l-impjieg. L-analiżi sensittiva u bir-reqqa tad-data miġbura b'mod rigoruż mill-istħarriġ, l-intervisti kwalitattivi u l-gruppi fokali tista' tgħin lil dawk li jfasslu l-politika biex jiżviluppaw interventi effettivi u mmirati li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet speċifiċi. Dan l-approċċ xprunat mid-data se jikkaratterizza aħjar id-deċiżjonijiet tal-politika, u jiżgura li r-riżorsi jintbagħtu fejn l-aktar li hemm bżonnhom. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2028** |
| 1.12.1 | Jitwettqu studji speċifiċi għall-benefiċċji biex jivvalutaw l-aċċess u l-adegwatezza tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali. L-għan huwa li tiġi pprovduta analiżi dettaljata tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali kurrenti, filwaqt li tiġi identifikata kwalunkwe inadegwatezza jew lakuna potenzjali. L-istudji se jikkaratterizzaw it-teħid tad-deċiżjonijiet strateġiċi u jiżguraw titjib immirat fil-qafas tal-protezzjoni soċjali ta' Malta. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2025** |
| 1.13 | Jiġi stabbilit programm għall-għoti ta' servizzi ta' appoġġ bikri lill-familji fl-isptarijiet u fil-klinikikliniċi tas-saħħa, li jiżgura li dawn is-servizzi jkunu aċċessibbli u kkaratterizzati minn sensibilizzazzjoni dwar id-diżabbiltajiet. Dan jinkludi l-provdiment ta' gwida f'waqtha, appoġġ emozzjonali, u riferimenti lejn servizzi xierqa mis-sistema tas-saħħa lill-familji—speċjalment dawk b'tfal f'riskju jew b'diżabilità. | **Il-Ministeri responsabbli għas-Saħħa u għall-Persuni b'Diżabilità.** | **2027** |
| 1.14 | Jiġi kkunsidrat jekk l-impjegati li qed jistennew tarbija jistgħux jingħataw ħin liberu mħallas biex jattendu appuntamenti prenatali, sa għadd ta' sigħat deżinjat. | **Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi /Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2026** |



# PRIJORITÀ
# 2



# RELAZZJONIJIET B'SAĦĦITHOM

*Għat-trawwim ta' ambjent tal-familja pożittiv li jgħin lill-individwi biex jiġġestixxu aħjar il-fatturi ta' stress tal-ħajja permezz ta' serħan, gwida u saħħa kostanti.*

*Ir-relazzjonijiet familjali f'saħħithom itejbu u jwasslu għall-benesseri matul il-kors tal-ħajja.*

Ir-relazzjonijiet familjali f'saħħithom huma rikonoxxuti universalment li għandhom effetti profondi u dejjiema fuq il-benesseri tal-individwi u tas-soċjetà. Il-familji robusti huma msejsa f'relazzjonijiet pożittivi, karatterizzati minn elementi bħas-sigurtà, il-komunikazzjoni effettiva, ir-rabtiet b'saħħithom, u l-istabbiliment ta' regoli tal-familja. Id-dinamiċi pożittivi tal-familja huma msejsa fuq valuri importanti, ħin ta' kwalità dedikat, ħidma kollaborattiva, u apprezzament reċiproku.

In-nuqqas ta' relazzjonijiet familjali b'saħħithom jippreżenta theddid bħal tensjonijiet emozzjonali, kunflitti fi ħdan ir-relazzjonijiet, u effetti avversi fuq is-saħħa mentali. Bil-maqlub, l-indukrar ta' dawn ir-relazzjonijiet huwa ta' benefiċċju mhux biss għall-familja immedjata u l-formazzjoni tal-membri tagħha, iżda ttejjeb ukoll l-abbiltà li jiġu fformati rabtiet onesti u sinifikattivi barra mill-ambjent tal-familja, kemm jekk waqt ix-xogħol, l-iskola, kif ukoll jekk x'imkien ieħor.

Il-bini ta' relazzjonijiet b'saħħithom jista' jkun ta' sfida fid-dinja mgħaġġla tal-lum, speċjalment minħabba l-isfidi u l-aspettattivi li ġejjin mid-dimensjoni internazzjonali. Id-domandi tax-xogħol, l-impenji soċjali, u l-objettivi individwali jistgħu iħallu ħin u enerġija minimi għat-trawwim tar-rabtiet tal-familja. Sfidi bħall-kunflitt fiż-żwieġ inkluż il-vjolenza domestika, il-vizzji, il-kriminalità fost iż-żgħażagħ, it-tfal żvantaġġati, u l-ġenituri waħedhom ma humiex biss l-eżiti ta' familji li ma jiffunzjonawx sew iżda ġejjin ukoll mit-tensjoni imposta mill-influwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi fuq relazzjonijiet familjali speċifiċi.

**Direzzjoni tal-Politika**

Biex jindirizzaw dawn l-isfidi, il-familji għandhom bżonn strutturi ta' appoġġ, opportunitajiet, u kapaċitajiet bi gwida esperta għat-tisħiħ tar-rabtiet u r-relazzjonijiet familjali. Il-Gvern huwa ddedikat biex jappoġġja r-relazzjonijiet familjali b'saħħithom billi jnaqqas il-fatturi ta' stress u jsaħħaħ ir-reżiljenza tas-soċjetà Maltija. Permezz ta' intervent adegwat, dan il-Pjan Soċjali għall-Familja huwa mistenni jsaħħaħ u jsostni r-relazzjonijiet familjali b'saħħithom, b'mod partikolari billi:

- Itejjeb il-benesseri tat-tfal u jrawwem ta' sens ta' sigurtà u mħabba, li jippermettilhom jinnavigaw id-dinja b'kunfidenza, u li jwassal għal ħajja ħielsa minn vizzji u attitudnijiet negattivi.

- Jagħti s-setgħa lill-familji ħalli jsolvu l-problemi, jiġġestixxu l-kunflitti, u japprezzaw id-differenzi fl-opinjonijiet.

- Inissel fit-tfal il-valuri, l-esperjenzi, u l-ħiliet neċessarji għall-fehim u l-bini ta' relazzjonijiet preżenti u futuri b'saħħithom u robusti.

Filwaqt li l-appoġġ finanzjarju u l-edukazzjoni għandhom rwol vitali biex jinżammu relazzjonijiet familjali b'saħħithom, dawn ma humiex l-uniċi determinanti. Minbarra l-istabbiltà finanzjarja u l-edukazzjoni, fatturi oħra jikkontribwixxu b'mod ugwali għall-benesseri ġenerali tad-dinamiċi tal-familja. L-għanijiet identifikati li ġejjin huma mfassla biex jipprovdu lill-familji l-appoġġ, il-ħin, u r-riżorsi essenzjali biex irawmu rabtiet b'saħħithom, u jippromwovu l-benesseri fi ħdan l-unità tal-familja. Billi dawn l-għanijiet jingħataw prijorità, il-familji jkunu jistgħu jistabbilixxu ambjent pożittiv li jrawwem il-kura, il-fehim, u t-tkabbir.

Dan il-Pjan Soċjali għall-Familja ma huwiex xi ħaġa kompletament ġdida. Minflok, dan joħroġ mill-**Qafas ta' Politika għat-Tfal 2024-2030** li identifika "L-Appoġġ lill-Familji bit-Tfal" bħala Prijorità Nazzjonali b'enfasi speċifika fuq l-"Appoġġ għal Ambjent tal-Familja Pożittiv", "Bilanċ Aħjar bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata għall-Ġenituri" u talab aktar "Ħin ta' Kwalità u Ħin Liberu".

## 4.1 BILANĊ BEJN IX-XOGĦOL U L-ĦAJJA TAL-FAMILJA GĦALL-ĠENITURI

Il-kisba ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja hija fundamentali għall-appoġġ ta' relazzjonijiet familjali b'saħħithom. Dan il-bilanċ jippermetti lill-individwi biex jallokaw ħin dedikat għall-familja, u b'hekk irawwem il-komunikazzjoni u r-rabtiet emozzjonali filwaqt li jippermetti li l-individwi jkunu emozzjonalment disponibbli u ta' appoġġ fi ħdan l-unità tal-familja. Il-bilanċ bejn ix-xogħol u r-responsabbiltajiet tal-familja jippromwovi distribuzzjoni ġusta tal-kompiti, inaqqas l-istress u jadotta sens ta' ħidma f'tim. Il-flessibbiltà u l-adattabbiltà fil-ġestjoni tal-impenji tal-familja jsaħħu aktar ir-rabtiet familjali. Il-prijoritizzazzjoni tal-benesseri u tal-kura personali tikkontribwixxi għall-abbiltà tal-individwu li jkollu interazzjonijiet pożittivi u jikkomunika b'mod effettiv fi ħdan il-familja. Barra minn hekk, il-kisba ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata isservi bħala mudell ta' rwol pożittiv għat-tfal u għal membri oħra tal-familja, u tgħalimhom l-importanza tal-kura personali, il-ġestjoni tal-ħin, u t-trawwim tar-relazzjonijiet. Permezz tar-rikonoxximent tal-importanza tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-impenji tal-familja, il-Pjan Soċjali għall-Familja għandu l-għan li jrawwem ambjent fejn l-individwi jkunu jistgħu jagħtu prijorità lill-familji tagħhom filwaqt li jiġġestixxu b'mod effettiv ir-responsabbiltajiet l-oħrajn tagħhom.

Filwaqt li s-servizzi li jiffaċilitaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bħall-faċilitajiet għall-kura tat-tfal b'xejn, huma bla dubju importanti, huwa daqstant kruċjali li jiġi rikonoxxuti l-irwol kritiku tal-esperjenzi tat-tfulija bikrija u l-impatt potenzjalment negattiv fuq it-tfal li jqattgħu sigħat twal 'il bogħod mill-ġenituri jew l-indokraturi primarji. Is-sigħat twal f'ambjenti tal-kura tat-tfal, speċjalment waqt is-snin formattivi, jista' jkollhom impatt fuq ir-rabta tat-tfal mal-indokraturi u jistgħu jikkontribwixxu għal sfidi emozzjonali u ta' mġiba aktar tard fil-ħajja.[114] Bl-appoġġ ta' politiki li jippermettu lill-familji jqattgħu aktar ħin ta' kwalità flimkien, l-għan huwa l-mitigazzjoni tar-riskji potenzjali assoċjati ma' ħinijiet estiżi fiċ-ċentri għall-kura tat-tfal. Dan l-impenn mhux biss irawwem żvilupp tat-tfal b'saħħtu iżda jsaħħaħ ukoll il-pedament għal rabtiet siguri u relazzjonijiet pożittivi matul it-tfulija u l-adolexxenza. Ir-rabtiet jagħtu lit-tfal il-"bażi sigura" neċessarja biex jesploraw, jitgħallmu u jirrelataw, u l-benesseri, il-motivazzjoni u l-opportunità biex jagħmlu dan. Dawn huma importanti għas-sigurtà, ir-regolazzjoni tal-istress, l-adattabbiltà, u r-reżiljenza.

[114] *Vandell, D. L., Belsky, J., Burchinal, M., Steinberg, L., Vandergrift, N., & NICHD Early Child Care Research Network. (2010). Do effects of early child care extend to age 15 years? Results from the NICHD study of early child care and youth development. Child development, 81(3), 737-756.*

## 4.2 SERVIZZI TA' ASSISTENZA GĦALL-FAMILJA

L-isfidi familjali huma mifruxa sew u spiss jistgħu jkunu profondi. Huwa fundamentali li s-servizzi tal-Gvern.[115] ikunu allinjati mal-firxa ġdida u li qed tevolvi ta' bżonnijiet u forom tal-familja sabiex jipprovdu appoġġ effettiv. B'mod ġenerali, l-enfasi tas-servizzi tal-Gvern b'rabta mal-familji għandha tkun fuq it-tisħiħ tal-kapaċità tal-familja li tipprovdi ambjent ta' trawwim għall-membri kollha tal-familja filwaqt li jintervjenu wkoll biex jindirizzaw problemi li żviluppaw u jevidenzjaw ruħhom. Il-modi kif jingħata l-appoġġ u l-kwalità tas-servizz huma importanti u għandhom impatt dirett fuq l-eżiti.

Matul is-snin, tfasslet firxa ta' servizzi ta' appoġġ u dawn huma disponibbli għall-familji kollha, speċjalment dawk fis-sitwazzjonijiet l-aktar vulnerabbli. Madankollu, huwa rrikonoxxut li hemm bżonn ta' aktar informazzjoni u ħidma biex jintlaħqu n-nies (b'mod partikolari tas-Servizzi Komunitarji u tas-Servizzi Terapewtiċi Bbażati mid-Dar) biex jiġi żgurat li dawk l-aktar fil-bżonn ikunu jafu bl-appoġġ eżistenti.

Xi għadd ta' sfidi tal-ħajja jistgħu jkunu "ta' darba", iżda diffikultajiet oħrajn jista' jkollhom natura aktar dejjiema u jistgħu joħolqu sfida għall-ħiliet ta' kwalunkwe familja biex din tkun tista' tkampa. Permezz tal-indirizzar tal-lakuni eżistenti fis-servizzi ta' assistenza għall-familja, il-Pjan Soċjali jippromwovi miżuri u approċċi biex jiżgura li s-servizzi ta' appoġġ ikunu kemm jista' jkun disponibbli u effettivi.

## 4.3 FOKUS FUQ IR-RELAZZJONI BEJN IL-ĠENITURI U T-TFAL

Stili differenti ta' trobbija jinfluwenzaw l-iżvilupp soċjali u emozzjonali tat-tfal, kif ukoll l-imġiba, l-edukazzjoni, u s-saħħa mentali u fiżika tagħhom. Ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal hija importanti għall-iżvilupp tat-tfal daqs l-introjtu jew l-istruttura tal-familja. L-evidenza xjentifika stabbilita fuq diversi snin tissuġġerixxi li l-kwalità tal-interazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal hija l-aqwa fattur predittiv ta' żvilupp b'saħħtu normali tat-tfal.[116] Kwalunkwe intervent għat-titjib tal-benesseri tal-ġenituri huwa wkoll probabbli li jtejjeb il-benesseri tat-tfal.

Fi ħdan dan il-kuntest, il-Pjan Soċjali għall-Familja jappoġġja l-fatturi li għandhom impatt fuq ir-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal bħall-personalità, is-saħħa mentali, il-valuri, u l-appoġġ soċjali tal-ġenitur kif ukoll il-karatteristiċi tat-tfal infushom. Dan huwa mistenni li jsaħħaħ il-kapaċità tal-familji biex irawmu t-tfal u biex jiffunzjonaw sew għall-membri kollha. Il-fokus fuq il-prevenzjoni effettiva u l-intervent bikri huwa importanti ħafna.

### 4.3.1 Relazzjonijiet mal-Imsieħba

Il-ġenituri jmorru 'l quddiem meta jkollhom relazzjonijiet ta' kwalità tajba. Relazzjoni b'saħħitha mas-sieħeb/sieħba għandha impatt fuq l-aġġustament tal-ġenituri u tista' tkun fattur predittiv għall-isfidi ta' wara t-twelid. L-imġiba ta' persuna u dik tas-sieħeb/sieħba tagħha ta' kif ħadu ħsieb ir-relazzjoni tagħhom waqt it-tqala għandha l-ħila tbassar jekk ir-relazzjoni tagħhom marritx tmurx lura jew le[117]. Dawk li jiffaċċjaw problemi tas-saħħa mentali spiss jirrapportaw relazzjonijiet batuti mas-sieħeb/sieħba.

---

115 *B'mod partikolari, is-servizzi soċjali, is-servizzi edukattivi, is-servizzi tas-saħħa fiżika u mentali, is-servizzi tal-vjolenza domestika, is-servizzi tad-droga u tal-vizzji.*

116 *Child Trends. The Parent-Child Relationship: A Family Strength. Disponibbli fuq: https://www.childtrends.org/publications/the-parent-child-relationship-a-family-strength. Aċċessat fit-22/02/2024.*

117 *Ter Kuile H, Finkenauer C, van der Lippe T, Kluwer ES. Changes in Relationship Commitment Across the Transition to Parenthood: Pre-pregnancy Happiness as a Protective Resource. Frontiers in Psychology. 2021; 12:132.*

Il-fehim tal-bżonnijiet tal-ġenituri mill-bidu nett huwa importanti u jista' jvarja skont il-kuntesti soċjali differenti. Il-Pjan Soċjali għall-Familja propost se jkollu l-għan li jappoġġja lill-ġenituri mill-bidu nett fl-istadju ta' qabel it-twelid. Fil-każijiet ta' ġenituri li ma humiex iktar flimkien, il-kunċett tat-trobbija kondiviża[118] għandu jiġi spjegat iktar u jingħata prominenza. It-trobbija kondiviża għandha titħeġġeġ iktar f'tali każijiet bil-għan li jiġi żgurat, sa fejn huwa possibbli, li t-tfal ikollhom l-opportunità jiżviluppaw relazzjonijiet mill-qrib maż-żewġ ġenituri, li huwa fl-aħjar interess kemm tat-tfal kif ukoll tal-ġenituri tagħhom. Madankollu, huwa wkoll importanti li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' tħassib tal-aljenazzjoni tal-ġenituri, li hija ferm ta' tħassib.

Għandhom isiru sforzi biex il-ġenituri jiġu edukati dwar l-effetti dannużi tal-aljenazzjoni tal-ġenituri fuq il-benesseri tat-tfal u r-relazzjoni bejn il-ġenituri u t-tfal. Il-promozzjoni tas-sensibilizzazzjoni dwar l-aljenazzjoni tal-ġenituri u tal-fehim tagħha tista' tgħin biex din tiġi pprevenuta u biex jiġu ssalvagwardjati protetti r-rabtiet bejn it-tfal u l-ġenituri.

Għaldaqstant, skont il-pjan għall-appoġġ tal-familji, l-inizjattivi li jinkoraġġixxu prattiki b'saħħithom ta' trobbija kondiviża filwaqt li jiġġieldu kontra l-aljenazzjoni tal-ġenituri għandhom ikunu fuq quddiem, biex jiżguraw li t-tfal jitrabbew f'ambjenti li jagħtu prijorità lill-bżonnijiet emozzjonali u psikoloġiċi tagħhom fuq kollox.

## 4.4 AWTONOMIZZAZZJONI PERMEZZ TAL-VALURI, IS-SENSIBILIZZAZZJONI U L-FEHIM

Il-familja sservi bħala katalizzatur għall-valuri billi trawwem ambjent fejn virtujiet bħall-integrità, l-empatija, ir-rispett, u r-responsabbiltà ma humiex biss mgħallma iżda wkoll prattikati. L-interazzjoni bejn ir-relazzjonijiet familjali, it-tradizzjonijiet, u l-mudelli ta' komunikazzjoni toħloq kuntest uniku għall-kultivazzjoni u t-tisħiħ tal-valuri li jikkontribwixxu għall-karattru u l-benesseri ġenerali tal-membri tiegħu.

Il-forniment tal-edukazzjoni u tal-informazzjoni huwa komponent kritiku biex l-individwi jitgħammru bl-għarfien u bl-għodod essenzjali għall-kultivazzjoni ta' dinamiċi familjali b'saħħithom. L-awtonomizzazzjoni tal-individwi b'valuri morali u ħiliet għat-teħid ta' deċiżjonijiet informati tippermettilhom jadottaw prattiki li jikkontribwixxu għal interazzjonijiet familjali pożittivi u għal benesseri ġenerali.

F'dan l-isforz, huwa importanti ħafna li jiġu inkorporati s-sensittività u l-inklużività kulturali għall-indirizzar tal-bżonnijiet u tal-esperjenzi diversi ta' familji minn sfondi differenti. Dan il-Pjan Soċjali għall-Familja jirrikonoxxi u jirrispetta l-istrutturi tal-familja, il-prattiki kulturali, u l-bżonnijiet individwali u jrawwem ambjent fejn il-familji kollha jħossuhom stmati. Dan l-approċċ jiżgura li l-inizjattivi edukattivi u informattivi ma jkunux biss rilevanti iżda wkoll inklużivi, u jirriflettu r-rikkezza tad-diversità fi ħdan kuntest soċjetali usa'.

## 4.5 APPOĠĠ GĦAL ĦIN TA' KWALITÀ PERMEZZ TA' AMBJENT DEDIKAT

L-iżgurar ta' ħin ta' kwalità fi ħdan l-ambjent tal-familja huwa importanti ħafna għat-trawwim ta' relazzjonijiet b'saħħithom u għall-benesseri ġenerali. Fl-ispazji limitati li spiss jinstabu f'pajjiż bħal Malta, fejn ir-restrizzjonijiet tal-ispazju jistgħu jkunu ta' sfida, il-ħolqien ta' ambjent adegwat isir dejjem aktar kruċjali. Il-ħin ta' kwalità mhuwiex sempliċement dwar il-kwantità, iżda dwar ir-rikkezza tal-interazzjonijiet u l-atmosfera pożittiva kultivata fi ħdan l-ispazju limitat disponibbli.

[118] *It-trobbija kondiviża hija arranġament fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu flimkien u jaqsmu r-responsabbiltajiet għat-trobbija tat-tfal tagħhom, għalkemm ma jkunux għadhom miżżewġin jew f'relazzjoni romantika.*

F'dawn l-ambjenti, it-titjib tal-ispazju fejn ngħixu jsir aktar sinifikanti. Ambjent maħluq tajjeb imur lil hinn mill-arranġamenti fiżiċi; dan jinvolvi t-tfassil ta' spazji li mhux biss jakkomodaw il-bżonnijiet tal-familja iżda wkoll li jikkontribwixxu għall-arrikkiment emozzjonali u l-armonija tal-familja ġenerali.

Permezz tal-ħin dedikat intenzjonalment għall-attivitajiet, il-konverżazzjonijiet, u l-esperjenzi flimkien, il-familji jistgħu jamplifikaw l-effetti pożittivi tal-ħin ta' kwalità fi ħdan l-ispazju ottimizzat fejn jgħixu. Dan l-approċċ intenzjonat jestendi lil hinn mis-sempliċi koeżistenza, u jittrasforma l-mumenti kondiviżi f'opportunitajiet għar-rabtiet u l-konnessjoni. It-tqassim u t-tfassil tal-ispazju fejn jgħixu jista' jappoġġja dawn l-isforzi, u jipprovdi ambjenti komdi u li jilqgħu lill-membri tal-familja biex jinġabru u jkollhom interazzjonijiet sinifikattivi.

Barra minn hekk, l-impatt tal-ħin ta' kwalità fuq is-saħħa mentali f'tali arranġamenti ristretti ta' għajxien ma jistax jiġi enfasizzat biżżejjed. Qalb skedi mimlijin, il-ħolqien intenzjonat ta' mumenti għal konnessjoni ġenwina jservi bħala wens kruċjali mill-fatturi ta' stress tal-ħajja ta' kuljum. Ambjent tal-għajxien imfassal sew jista' jkun bħal santwarju, u joffri lill-membri tal-familja post għall-kwiet fejn jistgħu jirrilassaw, jaqsmu ħsibijiethom, u jipprovdu appoġġ emozzjonali lil xulxin.

Il-ħin ta' kwalità, arrikkit minn ambjent tal-għajxien tajjeb, isir għodda b'saħħitha għat-tnaqqis tal-istress. L-effetti kumulattivi tal-istress jittaffew hekk kif il-membri tal-familja jkollhom konversazzjonijiet sinifikattivi, li jrawmu fehim u unità emozzjonali.

Ir-rikonoxximent tal-importanza ta' dawn il-mumenti jmur lil hinn mill-kunsiderazzjoni tagħhom bħala lussu; dan isir neċessità għall-benesseri ġenerali tal-unità tal-familja. F'postijiet bħal Malta, fejn l-ispazju huwa limitat, l-enfasi fuq l-ottimizzazzjoni tal-ambjent disponibbli ssir aktar sinifikanti. Spazju tal-għajxien organizzat sew mhux biss jiffaċilita l-ħin ta' kwalità, iżda jikkontribwixxi wkoll għall-bini tar-reżiljenza, il-promozzjoni ta' drawwiet għal stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa, u jrawwem sens aktar b'saħħtu ta' appartenenza fost il-membri tal-familja.

#### 4.5.1 Attivitajiet Inklużivi

L-iffaċilitar ta' attivitajiet jew avveniment inklużivi għandu implikazzjonijiet soċjali sinifikanti. Permezz tal-ħolqien ta' spazji deżinjati fi ħdan il-lokalitajiet għal laqgħat komunali, dan il-Pjan Soċjali għall-Familja ser irawwem il-koeżjoni soċjali u jsaħħaħ ir-rabtiet tal-komunità. Il-familji li jieħdu sehem f'attivitajiet flimkien jikkontribwixxu għal sens ta' appartenenza u rabta fost ir-residenti.

Fuq kollox, l-aspett soċjali tal-attivitajiet inklużivi jestendi lil hinn mill-unità tal-familja immedjata, u joħloq komunità vibranti u interkonnessa li tapprezza l-esperjenzi kondiviżi u l-appoġġ reċiproku.

### 4.6 MIŻURI PROPOSTI RELATATI MAT-TIENI PRIJORITÀ

Il-miżuri li ġejjin huma mfassla sabiex jagħtu effett prattiku lill-għanijiet tat-Tieni Prijorità billi jsaħħu l-pedament ta' relazzjonijiet familjali b'saħħithom. Dawn il-miżuri jirrikonoxxu l-importanza tas-sigurtà emozzjonali, il-komunikazzjoni, u l-konnessjoni sinifikanti fi ħdan l-unità tal-familja, filwaqt li jindirizzaw id-diversi pressjonijiet soċjali u ekonomiċi li l-familji jiffaċċjaw illum. Billi jappoġġjaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, itejbu r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-imsieħba, jipprovdu servizzi aċċessibbli, u joħolqu spazju għal ħin ta' kwalità, dawn il-miżuri għandhom l-għan li jrawmu familji reżiljenti u konnessi li kapaċi jappoġġjaw it-tkabbir u l-benessri ta' kull membru tul il-kors tal-ħajja.

| Nru. Tal-Miżuri | Miżura | Ministeru Ewlieni | Sena ta' Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|
| 2.1 | Jitwettaq studju nazzjonali dwar it-teħid ta' leave favur il-familja biex jiġi indirizzat kwalunkwe ostaklu jew tfixkil. Dan l-istudju se jipprovdi għarfien kruċjali dwar il-fatturi li jinfluwenzaw l-aċċesibbilità u l-użu tal-leave tal-ġenituri, tal-paternità, u tal-persuni li jindokraw fost l-individwi eliġibbli. Permezz ta' analiżi tar-rati ta' parteċipazzjoni, tar-raġunijiet għan-nuqqas ta' utilizzazzjoni, u tal-isfidi ffaċċjati mill-impjegati u mill-impjegaturi, l-istudju se jikkaratterizza r-riformi tal-politika mmirati. Dawn ir-riformi se jimmiraw eventwalment li jtejbu l-aċċessibbiltà, is-sensibilizzazzjoni, u l-effettività tal-politiki tal-leave favur il-familja, filwaqt li jiżguraw li dawn jallinjaw mal-bżonnijiet li qed jevolvu tal-familji u jippromwovu bilanċ tajjeb għas-saħħa bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Permezz ta' għarfien xprunat mid-data, l-għan huwa li jinħoloq ambjent inklużiv u ta' appoġġ għall-familji kollha, li jrawwem parteċipazjoni ikbar fi programmi tal-leave favur il-familja u li jippromwovi l-benesseri kemm tal-individwi kif ukoll tal-familji. | Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi | 2026 |
| 2.2 | Isiru diskussjonijiet mal-Imsieħba Soċjali biex tiġi kkunsidrata l-estensjoni tal-leave tal-maternità u tal-paternità. | Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi/ Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2026 |
| 2.3 | Isir reviżjoni tal-politika tal-leave tal-ġenituri kurrenti bil-ħsieb tat-tisħiħ u r-riforma. Jiġu vvalutati aspetti bħall-aċċessibbiltà, l-adegwatezza tal-pagament, in-nontrasferibbiltà, l-approċċ ta' "uża jew itlef", u l-kopertura ġenerali, bl-għan ta' appoġġ aħjar għall-bżonnijiet tal-familji. | Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi/ Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2026 |
| 2.4 | Bażat fuq prattiki pożittivi fil-ħidma pubblika, tibda diskussjoni mal-imsieħba soċjali sabiex jiġi żgurat li l-ġenituri li jaħdmu fis-settur privat ikollhom l-għażla li jaħdmu sigħat flessibbli jew mnaqqsa, inkluż telework fejn fattibbli, mingħajr ir-riskju li jitilfu xogħolhom, bħala parti minn approċċ għal impjieg favur il-familja. | Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi | 2027 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 2.5 | Il-forniment ta' riżorsi addizzjonali u l-kunsiderazzjoni tar-riforma tas-sistema għas-servizzi ta' terapija tal-familja b'xejn (diġà provduti mill-Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi (ACTS, Aġenzija għas-Servizzi Komunitarji u Terapewtiċi) tal-FSWS) sabiex l-individwi ma jkollomx bżonn riferiment biex jaċċessaw is-servizz. Immirata lejn il-promozzjoni tas-saħħa mentali u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet familjali, din l-inizjattiva għandha l-għan li tneħħi l-ostakli għall-aċċess ta' appoġġ terapewtiku vitali. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2027** |
| 2.5.1 | Fi ħdan dan il-kuntest, jiġu integrati suġġetti speċifiċi fi ħdan is-servizzi ta' terapija tal-familja b'xejn li jiffokaw fuq id-dinamiċi tal-familji li għandhom membri b'diżabbiltà, u jindirizzaw kwistjonijiet komuni ffaċċjati minn dawn il-familji, bħal sentimenti ta' iżolament, ġestjoni tal-istress u strateġiji tal-komunikazzjoni. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għall-Persuni b'Diżabilità** | **2026** |
| 2.6 | Tiġi introdotta "App għall-Familja" biex tirrevoluzzjona kif il-familji jaċċessaw l-informazzjoni, is-servizzi, u r-riżorsi. Din l-applikazzjoni tal-mowbajl mobile faċli għall-utent se sservi bħala hub ċentralizzat, li joffri pletora ta' karatteristiċi li jappoġġjaw il-benesseri u l-konvenzjenza tal-familja (bħal kalendarju tal-avvenimenti u l-attivitajiet, pariri għat-trobbija f'format ta' vidjow, kuntatti u servizzi ta' emerġenza, networking u gruppi ta' appoġġ għall-familji, kollaborazzjoni ma' negozji u NGOs). | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2027** |
| 2.7 | Il-Programm Pilota Perinatali, li dalwaqt jispiċċa, wera potenzjal sinifikanti fl-appoġġ ta' koppji u familji f'riskju ta' separazzjoni. Il-Programm Perinatali bħalissa jinkludi 12-il sessjoni online, biex joffri assistenza kontinwa lil koppji vulnerabbli. Permezz ta' valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa qabel it-twelid, il-koppji fil-bżonn jiġu identifikati u mħeġġa jipparteċipaw fil-programm, immirat lejn l-indirizzar ta' kwistjonijiet ta' tħassib u t-titjib ta' ħiliet relazzjonali. Fi ħdan dan il-kuntest, il-Programm Perinatali għandu jitkompla u jitwessa' aktar bl-għan li jipprovdi appoġġ kontinwu lil dawn il-familji, irawwem relazzjonijiet aktar tajbin għas-saħħa u fl-aħħar jikkontribwixxi għal unitajiet tal-familja aktar b'saħħithom. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa** | **2026** |
| 2.8 | Bħala parti mir-Riforma tal-Qrati tal-Familja, jiġu diskussi mar-Ministeru għall-Ġustizzja r-rwol u l-funzjonijiet tal-Boards tal-Familja biex jassistu lill-qrati fl-indirizzar ta' kwistjonijiet kritiċi bħall-kustodja, id-drittijiet għall-aċċess, u r-responsabbiltajiet tal-ġenituri. Billi jressqu flimkien kumitat ta' esperti diversi fil-liġi tal-familja, terapija tal-familja il-psikoloġija, u l-assistenza soċjali, bl-għan li jappoġġjaw lill-qrati fil-proċeduri ta' separazzjoni. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja** | **2026** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.8.1** | Jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' linji gwida komprensivi għall-Boards tal-Familja, billi jiġu kkunsidrati u inkorporati dispożizzjonijiet li jirrikonoxxu l-importanza li t-tfal ikollhom il-ħin li jsostnu relazzjonijiet ma' "persuni sinifikanti" oħra — bħal membri tal-familja estiża — li kienu parti integrali u preżenti matul ħajjithom. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja** | **2026** |
| **2.8.2** | Tissaħħaħ ir-Riforma tal-Qorti tal-Familja bit-taħriġ ta' professjonisti ddedikati dwar il-fenomenu tal-aljenazzjoni tal-ġenituri, sabiex dawn ikunu jistgħu jassistu lill-qrati jagħrfu u jindirizzaw każijiet ta' Aljenazzjoni tal-Ġenituri, jipproteġu il-benesseri tat-tfal u jippromwovu deċiżjonijiet ġusti u ekwi fi kwistjonijiet tal-liġi tal-familja. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja** | **2026** |
| **2.8.3** | Jiġu provduti korsijiet ta' taħriġ imposti mill-qorti dwar l-aljenazzjoni tal-ġenituri għal ġenituri li għaddejjin minn separazzjoni. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Ministeru responsabbli għall-Ġustizzja** | **2027** |
| **2.9** | Tiġi żviluppata "Strateġija ta' Relazzjonijiet Tajbin għas-Saħħa" biex jiġu identifikati u deskritti l-prinċipji u l-valuri ewlenin li huma importanti għal relazzjonijiet tajbin għas-saħħa u kif dawn jistgħu jitwasslu u jiġu integrati fi ħdan il-kultura lokali tal-familja. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2028** |
| **2.10** | Tkompli tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar ir-relazzjonijiet fil-kurrikulu tal-iskola primarja. Minn età bikrija, it-tfal jirċievu lezzjonijiet xierqa għall-età tagħhom dwar il-valuri u l-imġiba pożittiva fir-relazzjonijiet, b'enfasi fuq l-importanza ta' interazzjonijiet tajbin għas-saħħa mal-familja, il-ħbieb, u l-persuni tal-istess età. Bl-introduzzjoni ta' edukazzjoni dwar ir-relazzjonijiet fil-livell primarju, din il-miżura għandha l-għan li tgħammar lit-tfal bil-ħiliet u l-fehim neċessarji għall-bini u ż-żamma ta' relazzjonijiet pożittivi matul ħajjithom. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **Għadha għaddejja** |
| **2.11** | Jitwettqu kampanji ta' informazzjoni permezz ta' attivitajiet tal-familja dwar l-importanza ta' relazzjonijiet familjali tajbin għas-saħħa. Il-kampanji ta' informazzjoni, biex jimmiraw anke lit-tfal, għandhom jinkludu messaġġi ċari dwar l-effetti negattivi tal-użu tad-drogi u l-vjolenza domestika b'mod partikolari. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2026** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.11.1** | Kampanja dedikata għandha tiffoka fuq il-Ħin ta' Kwalità fil-Familja għall-promozzjoni, l-edukazzjoni u l-inkoraġġiment ta' interazzjonijiet sinifikattivi, attivitajiet li joħolqu rabta, u esperjenzi kondiviżi bejn il-familji. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tenfasizza l-importanza li jinżamm ħin dedikat għall-familja u l-ħolqien ta' memorji dejjiema flimkien. Tiġi kkunsidrata l-inklużjoni ta' materjali edukattivi, posts fuq il-midja soċjali, u workshops fil-komunità għall-għoti ta' pariri, ideat, u riżorsi għall-familji biex jiġi sfruttat kemm jista' jkun il-ħin tagħhom flimkien. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2026** |
| **2.11.2** | Kampanja dedikata għandha tiffoka fuq it-tneħħija tal-istigma fuq problemi ta' saħħa mentali u l-promozzjoni ta' relazzjonijiet familjali aktar tajbin għas-saħħa. Il-kampanja tinkludi stejjer li tista' tirrelata magħhom u xenarji mill-ħajja reali li jintlaqgħu mill-udjenza, li jenfasizzaw l-impatt tas-saħħa mentali fuq id-dinamiċi tal-familja. Il-kampanja għandha jkollha l-għan li teduka lill-pubbliku dwar l-isfidi tas-saħħa mentali, l-immanipjar tal-istress, li tinkoraġġixxi konverżazzjonijiet miftuħa fi ħdan il-familji, u tipprovdi riżorsi għat-tfittxija tal-għajnuna. Permezz ta' narrattivi empatiċi u li jiġbduk, il-miżura tfittex li trawwem ambjent ta' appoġġ u li tnaqqas l-istigma assoċjata mat-tfittxija tal-appoġġ għas-saħħa mentali fi ħdan il-familji u fil-komunità usa'. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa** | **2027** |
| **2.12** | Isir investiment ulterjuri fl-infurzar u fil-konformità taċ-ċentri għall-kura tat-tfal mal-istandards nazzjonali għas-servizzi tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **2028** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2.13** | Tiġi introdotta kaxxa ċentralizzata għas-suġġerimenti għas-servizzi tal-kura tat-tfal biex jinkiseb feedback mill-ġenituri, l-indokraturi, u l-membri tal-komunità. Din il-pjattaforma se tippermetti l-ġbir ta' għarfien u suġġerimenti ta' valur, filwaqt li tiżgura li s-servizzi tal-kura tat-tfal jirrispondu għall-bżonnijiet u t-tħassib tal-familji, u trawwem kollaborazzjoni kontinwa għat-titjib fil-kwalità tas-servizzi. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **2028** |
| **2.14** | Tinbeda l-"Inizjattiva tal-Villaġġi għan-Nies" (permezz ta' fond nazzjonali dedikat), bl-għan li jinħolqu ambjenti sikuri u inklużivi għall-attivitajiet tal-familja f'lokalitajiet magħżula f'Malta u Għawdex. Billi tibni fuq il-kunċett ta' Slow Streets, din l-inizjattiva tinvolvi l-għeluq temporanju tat-Toroq fi ġranet magħżula biex jittellgħu avvenimenti organizzati u tippermetti lit-tfal jilagħbu b'mod sigur. Din l-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb is-saħħa fiżika, il-ħiliet soċjali, u s-sens ta' appartenenza tagħhom fi ħdan il-komunità. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2027** |



# PRIJORITÀ
# 3



# L-GĦOTI TAS-SETGĦA PERMEZZ TA' GĦARFIEN U ĦILIET

> ***Il-prijoritizzazzjoni tal-iżvilupp ta' abbiltajiet fundamentali biex il-familji jkunu jistgħu jinnavigaw l-isfidi u jaħtfu l-opportunitajiet.***
>
> ***L-awtonomizzazzjoni tal-familji permezz ta' ħiliet bażiċi essenzjali se toħloq il-pedament għal transizzjoni lejn livell aktar avvanzat ta' soċjetà bbażata fuq l-għarfien.***

L-unità tal-familja jservi bħala l-post ewlieni tat-trawwim għat-tagħlim, it-tkabbir, u l-iżvilupp. Il-prijoritizzazzjoni ta' ħiliet bażiċi essenzjali għandha sinifikanza enormi. Il-ħiliet u l-għarfien iwittu t-triq li fuqha l-familji jistabbilixxu r-reżiljenza, il-flessibbiltà, u l-kisbiet fis-soċjetà kontemporanja tagħna. Kemm jekk waqt il-ġestjoni tal-affarijiet tad-dar ta' kuljum kif ukoll fi kwistjonijiet usa' bħall-użu tat-teknoloġija, diversi ħiliet u kapaċitajiet fundamentali huma kruċjali għall-benesseri tal-familja. Il-ħakma ta' dawn il-punti bażiċi tgħammar lill-familji biex jiffaċċjaw l-ostakli tal-ħajja u jikkapitalizzaw fuq l-opportunitajiet tagħha.

L-awtonomizzazzjoni tal-familji b'ħiliet bażiċi essenzjali ser tixpruna bidla trasformattiva li tkompli tinfirex. Il-familji li għandhom il-ħiliet u l-għarfien neċessarji huma aktar kapaċi jrabbu individwi li min-naħa tagħhom jiżviluppaw ukoll ħiliet ta' valur, u fl-aħħar ikollhom rwol kruċjali fit-trawwim tal-avvanz ekonomiku u tal-unità soċjali.

### Direzzjoni tal-Politika

Fit-trawwim ta' kultura ta' tagħlim u titjib tal-ħiliet fi ħdan il-familji, dan il-Pjan Soċjali jipprovdi l-appoġġ u riżorsi neċessarji. L-objettiv tiegħu huwa li jassisti lill-familji fin-navigazzjoni tal-intriċċi tal-ħajja kontemporanja billi joffri modi ta' kif l-individwi jakkwistaw ħiliet vitali, b'hekk jixprunahom 'il quddiem lejn għarfien aktar avvanzat. Dan l-isforz kruċjali jistabbilixxi l-pedament li fuqu kull membru tal-familja jista' jibni vjaġġ tul il-ħajja ta' tagħlim u żvilupp personali.

Biex tiġi kkultivata soċjetà msejsa fuq l-għarfien u biex il-potenzjal kollu tagħha jiġi sfruttat, il-Gvern għandu rwol indispensabbli bħala l-faċilitatur primarju. Il-bini fuq l-akkwist ta' ħiliet u għarfien bażiċi jimmarka l-ewwel pass kruċjali fil-progress lejn soċjetà bbażata fuq l-għarfien.

Huwa fi ħdan dan il-kuntest li permezz tal-forniment ta' riżorsi, appoġġ, u opportunitajiet, dan il-Pjan Soċjali għall-Familja jippromwovi aktar il-ħiliet għat-trobbija, il-ħiliet għall-ħajja, il-kompetenza diġitali, u l-litteriżmu finanzjarju. Permezz tal-inizjattivi strateġiċi identifikati, il-Gvern jaspira li joħloq il-pedamenti għal soċjetà fejn kull familja mhux biss tkun mgħammra bil-ħiliet neċessarji, iżda wkoll attivament impenjata lejn l-objettiv dinamiku tal-għarfien u l-progress.

## 5.1 TRAWWIM TA' ĦILIET GĦAT-TROBBIJA EFFETTIVA

Kif diġà enfassizat fil-qosor fil-kapitli preċedenti, il-trobbija tippreżenta diversi sfidi, speċjalment matul it-transizzjoni lejn l-istat ta' ġenitur, li tirrikjedi lili-ġenituri jieħdu ħsieb il-benesseri mentali tagħhom filwaqt li jadattaw għal responsabbiltajiet ġodda. Għaldaqstant, l-istabbiliment ta' pedament sod ta' ħiliet adegwati huwa pass kruċjali għall-ġenituri biex iħarsu l-ulied b'mod effettiv.

It-trobbija tinkludi numru kbir ta' responsabbiltajiet, li tirrikjedi li l-ġenituri jiksbu għarfien mifrux fuq diversi dominji bħal:

- **Il-fehim ta' stadji importanti fl-iżvilupp:** Il-fehim tal-istadji tal-iżvilupp tat-tfal huwa essenzjali għar-rikonoxximent u l-appoġġ għall-formazzjoni tat-tfal. Mill-infanzja sal-adolexxenza, il-ġenituri għandhom jiġu appoġġati biex ikunu konxji tal-istadji importanti fil-ħiliet motoriċi, l-akkwist tal-lingwa, l-iżvilupp soċjoemozzjonali, u l-abbiltajiet konjittivi. L-istudji indikaw li meta l-ġenituri jkollhom għarfien ikbar dwar l-iżvilupp tat-trabi u tat-tfal, dawn juru livelli ogħla ta' ħiliet għat-trobbija, it-tfal tagħhom ikollhom ħiliet konjittivi ogħla, u jkun hemm inqas problemi fl-imġiba tat-tfal.[119]

- **Is-sikurezza:** Il-ħolqien ta' ambjent sikur huwa essenzjali għall-benesseri tat-tfal. Il-ġenituri jeħtiġilhom ikunu mħarrġa sew dwar it-tekniċi għall-ħarsien tat-tfal, il-prattiki sikuri għat-trabi, il-prekawzjonijiet ta' sigurtà fid-dar, u dwar kif jagħrfu perikli potenzjali.[120] B'mod partikolari, huwa wkoll kruċjali għall-ġenituri li jkunu kapaċi jagħrfu u jipproteġu lit-tfal kontra kwalunkwe forma ta' vjolenza u abbuż, u li jiżguraw ambjent sikur u ta' trawwim għall-benesseri tagħhom. L-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-ħiliet tista' tnaqqas b'mod sinifikanti r-riskji ta' korriment fi ħdan l-ambjent tad-dar.[121]

- **Il-promozzjoni tas-saħħa:** Il-promozzjoni tas-saħħa fiżika u mentali tat-tfal tinvolvi firxa ta' prattiki, mid-drawwiet ta' ikel bnin għar-rikonoxximent ta' sinjali tas-saħħa mentali, il-ġestjoni ta' mard komuni fit-tfal, u t-trawwim ta' drawwiet tajbin għas-saħħa għall-benesseri tul il-ħajja. Ir-rikonoxximent mill-ġenituri ta' sinjali bikrin ta' problemi ta' saħħa mentali ġie marbut ma' eżiti mtejba fl-interventi għas-saħħa mentali tat-tfal, li jenfasizza l-irwol kritiku li għandhom il-ġenituri fid-detezzjoni u l-intervent bikri.[122]

- **Ir-regolazzjoni tal-emozzjonijiet:** L-għajnuna għat-tfal biex jinnavigaw l-emozzjonijiet tagħhom hija aspett kruċjali tat-trobbija. Il-ġenituri għandhom jiżviluppaw ħiliet biex jirrikonoxxu u jivvalidaw is-sentimenti tat-tfal, jgħallmu strateġiji dwar kif ikampaw, u jimmudellaw espressjoni emozzjonali tajba għas-saħħa. Il-ħolqien ta' ambjent sikur u ta' appoġġ, l-iffissar ta' restrizzjonijiet u limiti xierqa, u t-tfittxija tal-għajnuna professjonali fejn hemm bżonn huma modi kif il-ġenituri jistgħu jgħinu lill-uliedhom jiżviluppaw ħiliet ta' regolazzjoni emozzjonali.[123]

[119] *Matthew R Sanders, Alina Morawska (2014). Can Changing Parental Knowledge, Dysfunctional Expectations and Attributions, and Emotion Regulation Improve Outcomes for Children. Disponibbli fuq: Parenting skills: Impact of parental knowledge and expectations | Encyclopedia on Early Childhood Development. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[120] *Mark Pearson, Ruth Garside (2010). Preventing unintentional injuries to children in the home: a systematic review of the effectiveness of programmes supplying and/or installing home safety equipment. Disponibbli fuq: (PDF) Preventing unintentional injuries to children in the home: A systematic review of the effectiveness of programmes supplying and/or installing home safety equipment. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[121] *Gielen AC, McDonald EM, Wilson ME, Serwint JR, Andrews JS, Hwang WT (2010). Preventing Unintentional Injuries in Children: A Review of the Literature. Health Promotion Practice.*

[122] *Maria E. Pagano, Linden J. Cassidy, Michelle Little, J.Michael Murphy, Michael S. Jellinek. (2000). Identifying psychosocial dysfunction in school-age children: the pediatric symptom checklist as a self-report measure. Disponibbli fuq: https://pmc.ncbi.nlm.nih.gov/articles/PMC3274771/. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[123] *Gottman, J. M. (1997). Raising an emotionally intelligent child: The heart of parenting. Simon u Schuster.*

- **Il-komunikazzjoni effettiva mat-tfal:** Il-komunikazzjoni miftuħa u b'rispett twitti l-pedament għal relazzjonijiet b'saħħithom bejn il-ġenituri u t-tfal. Il-ġenituri għandhom jitgħallmu jisimgħu b'mod attiv, jikkomunikaw l-aspettattivi b'mod ċar, u jieħdu sehem f'konverżazzjonijet xierqa skont l-età ma' uliedhom. It-tfal li għandhom komunikazzjoni miftuħa u effettiva mal-ġenituri tagħhom huma aktar probabbli li jkollhom awtostima ogħla, ħiliet aħjar ta' regolazzjoni emozzjonali, u abbiltajiet imtejba għas-soluzzjoni tal-problemi.[124]

- **It-tekniċi ta' dixxiplina:** Id-dixxiplina mhijiex mezz ta' kastig iżda ta' tagħlim u ggwidar tat-tfal lejn imġiba pożittiva. Il-ġenituri għandhom jifhmu l-metodi tad-dixxiplina pożittivi, il-ħolqien ta' limiti, u l-użu ta' konsegwenzi li jippromwovu t-tagħlim u l-iżvilupp. Permezz tal-implimentazzjoni ta' strateġiji tad-dixxiplina pożittiva, il-ġenituri jistgħu jgħallmu u jiggwidaw lil uliedhom b'mod effettiv lejn imġiba pożittiva filwaqt li jżommu relazzjoni ta' appoġġ u kura bejn il-ġenituri u t-tfal.[125]

- **It-trawwim tar-reżiljenza fit-tfal:** Il-bini tar-reżiljenza jgħin lit-tfal jinnavigaw l-isfidi u l-intoppi. Il-ġenituri jistgħu jikkultivaw ir-reżiljenza billi jrawmu ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi, jinkoraġġixxu mentalità ta' żvilupp, u jipprovdu ambjent ta' appoġġ fejn it-tfal jistgħu jitgħallmu mill-fallimenti. Diversi proċessi ta' reżiljenza u fatturi protettivi jikkontribwixxu għal eżiti pożittivi fit-tfal minkejja l-avversità, u għaldaqstant huma aspett kritiku ta' żvilupp b'saħħtu.[126]

Din il-firxa wiesgħa ta' għarfien tippermetti lill-ġenituri jieħdu deċiżjonijiet informati u jipprovdu l-aħjar kura għat-tfal tagħhom filwaqt li jrawmu l-iżvilupp u l-benesseri ġenerali tagħhom. [127]

Ambjent pożittiv tal-familja għandu rwol vitali fit-tiswir tal-iżvilupp tat-tfal. L-għarfien tal-ġenituri jista' jkollu impatt sinifikanti fuq id-dinamiċi tal-familja, speċjalment permezz tal-promozzjoni ta' prattiki tat-trobbija pożittiva. Meta l-ġenituri jkollhom informazzjoni preċiża, huma joħolqu atmosfera ta' trawwim li ttejjeb ir-reżiljenza u l-benesseri ġenerali ta' uliedhom.[128] Dan l-ambjent tal-familja jaġixxi bħala forza b'saħħitha fit-tkabbir olistiku tat-tfal, u jissottolinja l-influwenza profonda tal-metodi ta' trobbija pożittiva fuq l-eżiti fit-tul tagħhom.

## 5.2 ĦILIET GĦALL-ĦAJJA

Il-ħiliet għall-ħajja huma l-abbiltajiet għal imġiba adattiva u pożittiva li tippermetti lill-individwi jiffaċċjaw id-domandi u l-isfidi tal-ħajja ta' kuljum b'mod effettiv.[129] Il-ħiliet għall-ħajja jikkontribwixxu b'mod fundamentali għall-benesseri mentali u għall-kompetenza tal-individwi li huma essenzjali biex jippermettu lill-familji jinnavigaw il-ħajja b'suċċess u jrawmu relazzjonijiet pożittivi. Il-ġenituri, bħala l-indokraturi primarji, għandhom rwol kruċjali fl-għoti ta' ħiliet għall-ħajja lil uliedhom, u jservu bħala mudelli ta' riferiment u jiżguraw ir-reżiljenza tal-familja.

Il-kultivazzjoni tal-ħiliet għall-ħajja fi ħdan l-unità tal-familja tikkontribwixxi għall-koeżjoni u l-armonija ġenerali tal-familja. Il-programmi mfassla biex itejbu l-ħiliet għall-ħajja rriżultaw f'inqas imġiba vjolenti, imġiba soċjali mtejba, abbiltajiet aħjar għas-soluzzjoni tal-problemi, u awtostima

124 *Seph Fontane Pennock (2023). Effective Communication with Children: Nurturing Strong Bonds and Understanding. Disponibbli fuq: https://quenza.com/blog/effective-communication-with-children/. Aċċessat fil-05/03/2025.*
125 *Nelsen, J. (n.d.). What is positive discipline? Positive Discipline. Disponibbli fuq: https://www.positivediscipline.com/sites/default/files/what-is-positive-discipline.pdf. Aċċessat fil-05/05/2025.*
126 *Masten, A. S. (2001). Resilience processes in development. Disponibbli fuq: https://psycnet.apa.org/record/2001-00465-004. Aċċessat fil-05/03/2025.*
127 *American Academy of Pediatrics. (2019). Discipline and guidance for children. In Bright Futures: Guidelines for Health Supervision of Infants, Children, and Adolescents (ir-4a' ed.). Disponibbli fuq: https://www.ncbi.nlm.nih.gov/books/NBK402020/. Aċċessat fil-05/03/2025.*
128 *Matthew R Sanders, Alina Morawska (2014). Can Changing Parental Knowledge, Dysfunctional Expectations and Attributions, and Emotion Regulation Improve Outcomes for Children. Disponibbli fuq: Parenting skills: Impact of parental knowledge and expectations | Encyclopedia on Early Childhood Development. Aċċessat fil-05/03/2025.*
129 *L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organisation). Module 7 Life Skills. Disponibbli fuq: https://www.unodc.org/pdf/youthnet/action/message/escap_peers_07.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

u aġġustament emozzjonali aħjar fost l-individwi.[130] Meta membri tal-familja jkollhom ħiliet għall-ħajja b'saħħithom, dawn ikunu mgħammra aħjar biex jiġġestixxu l-istress, jikkomunikaw b'mod effettiv, u jsolvu kunflitti b'mod kostruttiv, u b'hekk irawmu ambjent ta' appoġġ u trawwim.

Filwaqt li ma hemmx lista fissa jew definittiva tal-ħiliet għall-ħajja, hekk kif jistgħu jvarjaw skont il-kuntest, il-kultura, u l-bżonnijiet individwali, hemm kategoriji wiesgħa ta' ħiliet għall-ħajja li huma rrikonoxxuti komunement u kkunsidrati essenzjali għall-iżvilupp u l-benesseri personali. Fil-qalba tal-benesseri tal-familja hemm tliet ħiliet għall-ħajja fundamentali: il-komunikazzjoni, is-soluzzjoni tal-problemi, u l-ġestjoni tal-istress. Dawn l-abbiltajiet essenzjali mhux biss jassistu lill-familji biex jegħlbu l-isfidi iżda joħolqu wkoll atmosfera pożittiva u ta' trawwim fejn kull membru jista' jiffjorixxi u jiżviluppa flimkien.

**Il-Ħiliet ta' Komunikazzjoni:** Il-komunikazzjoni effettiva twitti l-pedament għal relazzjonijiet tajbin għas-saħħa fi ħdan il-familji. Il-komunikazzjoni ċara u miftuħa tippermetti lill-membri tal-familja jesprimu l-ħsibijiet, is-sentimenti, u t-tħassib tagħhom, filwaqt li trawwem il-fehim u l-empatija. Meta jkun hemm il-kunflitti, il-ħiliet ta' komunikazzjoni b'saħħithom jippermettu lill-familji jindirizzaw il-problemi b'mod kostruttiv, isibu soluzzjonijiet b'mod kollaborattiv, u jsaħħu r-rabtiet tagħhom. Is-smigħ attiv, l-assertività, u l-abbiltà li l-emozzjonijiet jiġu espressi b'rispett huma aspetti ewlenin tal-komunikazzjoni effettiva fi ħdan il-familji. [131]

**Il-Ħiliet għas-Soluzzjoni tal-Problemi:** Il-ħajja hija mimlija sfidi mhux mistennija, u l-iżvilupp ta' ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi jgħammar lill-familji bl-abbiltà li jindirizzaw id-diffikultajiet b'mod metodiku u kreattiv. Il-familji li jikkultivaw abbiltajiet għas-soluzzjoni tal-problemi jistgħu jiffaċċjaw l-isfidi b'sens ta' reżiljenza u adattabbiltà. Din il-ħila tinvolvi l-identifikazzjoni tal-għeruq ta' problema, id-diskussjoni fi grupp dwar soluzzjonijiet potenzjali, il-kunsiderazzjoni tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi, u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni.[132] Li t-tfal jitgħallmu l-ħiliet għas-soluzzjoni tal-problemi minn età żgħira jagħtihom is-setgħa li jsiru individwi kunfidenti u mimlijin riżorsi li jistgħu jinnavigaw il-kumplessitajiet tal-ħajja.[133]

**Il-Ġestjoni tal-Istress u r-Reżiljenza:** Fid-dinja mgħaġġla tal-lum, il-ġestjoni effettiva tal-istress hija essenzjali għall-benesseri ġenerali. Il-familji li jitgħallmu jikkumbattu l-istress b'modi tajbin għas-saħħa jistgħu jżommu ambjent armonjuż anke waqt żminijiet ta' sfida. Dan jinkludi tekniċi bħall-mindfulness, l-eżerċizzji ta' rilassament, il-ġestjoni tal-ħin, u t-tfittxija għal appoġġ mingħand xulxin. Il-bini tar-reżiljenza bħala familja jinkludi li wieħed iqum fuq saqajh wara d-diffikultajiet, jitgħallem mill-fallimenti, u jadatta għat-tibdil b'viżjoni pożittiva. Il-familji reżiljenti huma mgħammra aħjar biex jegħlbu d-diffikultajiet tal-ħajja u joħorġu aktar b'saħħithom mill-avversità.[134]

Kuntrarjament, filwaqt li l-midja soċjali ġiet irrikonoxxuta talli żiedet il-kumplessità fl-interazzjonijiet u r-relazzjonijiet soċjali umani, din tista' tostakola l-interazzjonijiet familjali awtentiċi. Il-midja soċjali tista' twassal għal effetti avversi fuq id-dinamiċi tal-familja hekk kif il-membri tal-familja spiss iqattgħu ammont sinifikanti mill-ħin liberu tagħhom f'attivitajiet online, minflok ma jinvestu ħinhom f'mumenti ta' kwalità mal-familja. Is-sejbiet xjentifiċi varji dwar l-irwol pożittiv jew negattiv tal-midja soċjali fuq l-interazzjonijiet mal-familja jkomplu jikkontribwixxu għall-fehim bi sfumaturi differenti tal-impatt tagħha fuq il-funzjonament tal-familja.[135]

130 *bid.*

131 *William J. Pfeiffer (1998). Conditions that Hinder Effective Communication. Disponibbli fuq: https://home.snu.edu/~jsmith/library/body/v06.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

132 *Allison C. Paolini. Social Emotional Learning: Key to Career Readiness. Disponibbli fuq: https://files.eric.ed.gov/fulltext/EJ1249147.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

133 *William J. Pfeiffer (1998). Conditions that Hinder Effective Communication. Disponibbli fuq: https://home.snu.edu/~jsmith/library/body/v06.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

134 *The National Child Traumatic Stress Network. Family Resilience and Traumatic Stress: A Guide for Mental Health Providers. Disponibbli fuq: https://www.nctsn.org/sites/default/files/resources/family_resilience_and_traumatic_stress_providers.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

135 *Montalbano-Phelps, L. J. (2019). Families and social media use: The role of parents' perceptions about social media impact on family systems in the relationship between family collective efficacy and open communication. ResearchGate. Disponibbli fuq: https://www.researchgate.net/publication/337853207. Aċċessat fil-05/03/2025.*

Relattivament, it-tfal jiġu esposti b'mod kostanti għal firxa vasta ta' kontenut, riskji online potenzjali u logħob mhux moderat. In-nuqqas ta' edukazzjoni dwar il-litteriżmu medjatiku kemm għall-ġenituri kif ukoll għat-tfal jagħmel lill-individwi vulnerabbli biex jaċċettaw informazzjoni mingħajr l-iċken dubju u jippermettu li t-tagħmir tagħhom ikollu influwenza sproporzjonata fuq ħajjithom.[136] Għaldaqstant, dan it-tip ta' esponiment jitfa' pressjoni fuq il-ġenituri biex ikunu ġenituri diġitali effettivi, u biex jimmonitorjaw u jikkontrollaw il-preżenza ta' uliedhom fuq il-midja soċjali. Biex din il-pressjoni tittaffa' u l-ġenituri jingħataw l-għajnuna ħalli joħolqu ambjent online aktar sikur għal uliedhom, il-familji għandhom jingħataw l-għodod neċessarji biex jiżviluppaw il-ħiliet diġitali proprji tagħhom u ta' uliedhom. Il-ġenituri jeħtieġ li jgħallmu lit-tfal kif jużaw it-teknoloġija b'mod responsabbli, jiżviluppaw drawwiet diġitali tajbin għas-saħħa, u jippromwovu interazzjonijiet pożittivi online.

## 5.3 ĦILIET GĦALL-ĠESTJONI FINANZJARJA

Il-ġestjoni finanzjarja ta' unità domestika tista' tkun ta' sfida u tirrikjedi ippjanar bir-reqqa u altruwiżmu biex jiġi żgurat il-benesseri tal-membri kollha tal-familja. Il-familji b'membri akbar fl-età, l-individwi bi bżonnijiet speċifiċi, u l-familji kbar jiffaċċjaw ostakli addizzjonali u diffikultajiet finanzjarji. Il-familji għandhom jingħataw is-setgħa biex jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji prudenti meta jiġu għall-ibbaġitjar, it-tfaddil, u l-investiment. Biex jinkiseb dan, huwa essenzjali għall-individwi li jkollhom litteriżmu finanzjarju, definit bħala *"l-kapaċità li l-għarfien u l-ħiliet jiġu applikati biex ir-riżorsi finanzjarji jiġu ġestiti b'mod effettiv għal benesseri finanzjarju fit-tul"*.[137]

Il-ġestjoni finanzjarja tinkudi aktar milli s-sempliċi ġestjoni tal-ispejjeż ta' kuljum; din tinvolvi wkoll il-ħolqien ta' pjanijiet finanzjarji fit-tul, bħall-ippjanar tal-pensjoni, li jirrikjedu strateġija komprensiva u approċċ li jħares 'il quddiem għall-ġestjoni tal-finanzi. Il-prijoritizzazzjoni u l-ibbilanċjar tal-bżonnijiet u x-xewqat u l-kontabbiltà għal spejjeż mhux mistennija li jistgħu jinqalgħu huma komponenti vitali ta' bbaġitjar effettiv.

L-għoti tal-għarfien finanzjarju lill-ġenituri u lil uliedhom minn età żgħira jgħammar lill-familja kollha b'ħiliet vitali għat-teħid ta' deċiżjonijiet imtejjeb.[138] L-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni tat-tfal f'diskussjonijiet u deċiżjonijiet finanzjarji jrawwem prattiki f'saħħithom għall-ġestjoni tal-flus minn kmieni u jtejjeb il-ħiliet tal-ħsieb kritiku.

### Azzjoni permezz ta' ĠEMMA

ĠEMMA hija t-taqsima dedikata għall-kapaċità finanzjarja fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. ĠEMMA stabbiliet il-pedamenti tal-litteriżmu finanzjarju f'Malta permezz tal-ħolqien tal-portal dedikat tagħha https://gemma.gov.mt/, il-paġni tal-midja soċjali, l-għodod edukattivi għal nies ta' etajiet u bżonnijiet differenti, l-apps, il-pubblikazzjonijiet immirati lejn it-tfal u l-adulti, it-taħriġ, ir-riċerka u l-webinars.

Permezz ta' ĠEMMA, Malta pparteċipat għat-tieni darba fl-istħarriġ internazzjonali dwar il-litteriżmu finanzjarju fost l-adulti tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi/tan-Network Internazzjonali għall-Edukazzjoni Finanzjarja (OECD, Organisation for Economic Cooperation and Development/INFE, International Network for Financial Education). [139] L-istudju jenfasizza:

---

[136] *Jessie Curell. Why Media Literacy is Important for Parents. Disponibbli fuq: https://cefa.ca/parent-resource/becoming-a-media-literate-parent/. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[137] *Stephen Molchan (2022). Importance of Developing Financially Literate Families and Communities: Opportunities for FCS Educators. Journal of Educational Research and Practice. Disponibbli fuq: https://files.eric.ed.gov/fulltext/EJ1346507.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[138] *Adiandari, A. M. (2022). Financial literacy education and its role in promoting family economic welfare. Journal for Educators, Teachers and Trainers, 13(6), 678–688. Disponibbli fuq: https://doi.org/10.47750/jett.2022.13.06.068. Aċċessat fil-05/03/2025.*

[139] *L-OECD. OECD/INFE 2023 International Survey of Adult Financial Literacy. Disponibbli fuq: https://www.oecd.org/content/dam/oecd/en/publications/reports/2023/12/oecd-infe-2023-international-survey-of-adult-financial-literacy_8ce94e2c/56003a32-en.pdf. Aċċessat fil-05/03/2025.*

- Filwaqt li tnejn minn kull tliet residenti Maltin (67 %) jistgħu jaffordjaw spiża kbira, ekwivalenti għall-introjtu ta' kull xahar tagħhom, wieħed minn kull erbgħa (25 %) ma jistax. Saħansitra, ġew irreġistrati punteġġi ogħla fil-koorti iżgħar, tal-etajiet bejn 18-39 sena, fejn medja ta' wieħed minn kull tnejn (53 %) fost dawn it-tliet koorti tal-età ma jistgħux jaffordjaw spiża kbira, ekwivalenti għall-introjtu ta' kull xahar tagħhom.
- Fir-rigward tal-istabbiliment u l-kisba ta' għanijiet finanzjarji, wieħed minn kull tnejn (54 %) biss ipprepara pjan ta' azzjoni u 46% oħra faddlu jew investew il-flus biex jiksbu l-għan finanzjarju l-aktar importanti tagħhom.
- Wieħed minn kull ħamsa biss għandu pjan tal-pensjoni privat.

Is-sejbiet tar-riċerka ta' hawn fuq jikkonfermaw li Malta għandha bżonn tkabbar l-investimenti u l-isforzi tagħha biex tkompli tgħammar, teduka u tinforma liċ-ċittadini Maltin dwar il-kapaċità finanzjarja. L-akkwist ta' ħiliet finanzjarji kmieni fil-ħajja jwassal għal benefiċċji sinifikanti fit-tul. L-individwi b'litteriżmu finanzjarju jinnavigaw l-isfidi finanzjarji tal-ħajja b'mod aktar effettiv. Kuntrarjament, nuqqas ta' ħiliet ta' ġestjoni finanzjarja jista' jkabbar anke problemi finanzjarji żgħar, li jwassal għal stress kbir. Dan l-istress spiss jinfirex għal oqsma oħra tal-ħajja, u jkollu impatt fuq ir-relazzjonijiet personali. L-istudji jissuġerixxu li l-problemi finanzjarji jikkontribwixxu għad-divorzju f'90 % tal-każijiet.[140]

## 5.4 MIŻURI RELATATI MAT-TIELET PRIJORITÀ

Fid-dawl tad-direzzjonijiet ta' politika deskritti fuq, is-sensiela ta' miżuri li ġejjin qed jimmiraw li jagħtu s-setgħa lill-familji permezz ta' inizjattivi ta' għarfien u kisba ta' ħiliet. Dawn il-miżuri jsarrfu l-politika f'azzjoni billi jrawmu trobbija effettiva, itejbu l-ħiliet tal-ħajja, jappoġġaw il-litteriżmu diġitali u finanzjarju, u jsaħħu kultura ta' tagħlim kontinwu fi ħdan l-unità tal-familja. Billi jipprovdu lill-familji bl-għodod, l-opportunitajiet, u l-ambjenti meħtieġa biex jiżviluppaw dawn il-ħiliet, dawn il-miżuri jfittxu li jsaħħu r-reżiljenza tal-familja, itejbu l-benessri ġenerali, u jwittu t-triq għal soċjetà aktar inklużiva u bbażata fuq l-għarfien.



140 *Maria Paula Calamato (2010). Learning Financial Literacy in the Family. Disponibbli fuq: https://scholarworks.sjsu.edu/cgi/viewcontent.cgi?article=4846&context=etd_theses. Aċċessat fil-05/03/2025.*

| Nru. Tal-Miżuri | Miżura | Ministeru Ewlieni | Sena ta' Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|
| 3.1 | Ikomplu jiġu implimentati u rfinuti programmi għat-trobbija inklużiva bbażati fuq l-evidenza mmirati biex il-ġenituri jitgħammru b'ħiliet essenzjali għat-trawwim ta' uliedhom. Dan se jsir billi jiġu offruti taħditiet u workshops online dwar, fost affarijiet oħra, l-iżvilupp tat-tfal, it-tekniċi tad-dixxiplina pożittiva, il-bini ta' relazzjonijiet b'saħħithom bejn il-ġenituri u t-tfal, il-ħiliet tal-komunikazzjoni effettivi, it-tekniċi għall-ġestjoni tal-istress u l-istrateġiji għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Trobbija Pożittiva | 2026 |
| 3.2 | Jiġu inċentivati l-impjegaturi biex jipprovdu sigħat adegwati ta' leave tal-ġenituri jew ta' ħin liberu lil "ġenituri ġodda" jew "li qed jistennew tarbija" biex jipparteċipaw fil-kors online "Parents as Partners Programme". Permezz tal-iffaċilitar tal-aċċess għal dan il-kors, li jiffoka fuq il-ħiliet għat-trobbija essenzjali u l-komunikazzjoni effettiva, il-politika għandha l-għan li tgħammar lill-ġenituri bl-għodod neċessarji għat-trawwim ta' relazzjonijiet pożittivi ma' uliedhom. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi | 2027 |
| 3.3 | Jittejbu networks ta' appoġġ għall-ġenituri, inkluż gruppi ta' appoġġ bejn il-pari, forums online, u helplines, biex jipprovdi opportunitajiet għall-ġenituri ħalli jaqsmu l-esperjenzi, ifittxu pariri, u jirċievu appoġġ emozzjonali. Il-konnessjoni tal-ġenituri ma' professjonisti jew konsulenti esperjenzati tista' wkoll tkun ta' benefiċċju fl-indirizzar ta' sfidi tat-trobbija speċifiċi. | Trobbija Pożittiva | 2028 |
| 3.4 | Jissaħħu l-inizjattivi edukattivi biex jipprovdu lill-ġenituri u lit-tfal l-għarfien u l-ħiliet neċessarji ħalli jinnavigaw il-pajsaġġ diġitali b'mod sikur. Permezz tal-offerta ta' workshops jew seminars għall-ġenituri fuq suġġetti bħas-sikurezza online, il-protezzjoni tal-privatezza, u t-theddid online. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Trobbija Pożittiva/ Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni | 2026 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.5 | F'konformità mal-Qafas ta' Politika għat-Tfal 2024-2030, issir kollaborazzjoni ma' kumpaniji tat-teknoloġija u pjattaformi online għall-iżvilupp ta' għodod u riżorsi li jippromwovu esperjenzi online aktar sikuri għall-familji. Dan jista' jinkludi filtri tal-kontenut xierqa skont l-età, linji gwida għall-ħallieqa ta' kontenut, u materjali edukattivi dwar il-prevenzjoni tal-bullying ċibernetiku. | Il-Ministeru responsabbli għas-Sigurtà | 2027 |
| 3.6 | Jitnedew kampanji pubbliċi ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji potenzjali tal-konsum diġitali eċċessiv u l-importanza tal-istabbiliment ta' drawwiet diġitali tajbin għas-saħħa. Dawn il-kampanji jistgħu jimmiraw kemm lill-ġenituri kif ukoll lit-tfal, filwaqt li jenfasizzaw il-bżonn għal ħin quddiem skrin bilanċjat, komunikazzjoni miftuħa dwar l-attivitajiet online, u ħiliet ta' ħsieb kritiku għall-evalwazzjoni tal-kontenut online. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Trobbija Pożittiva/ Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni | 2026 |
| 3.7 | Tinħoloq sensibilizzazzjoni dwar helplines jew hotlines eżistenti li l-ġenituri jistgħu jċemplu għal gwida dwar kwistjonijiet ta' trobbija diġitali fejn professjonisti mħarrġa jistgħu jipprovdu pariri u riżorsi mfassla għat-tħassib tal-ġenituri. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali | 2026 |
| 3.8 | Jiġu promossi ħiliet tal-kapaċità finanzjarja fost il-familji permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri u inċentivi mfassla biex jappoġġjaw il-litteriżmu finanzjarju u l-prattiki finanzjarji responsabbli. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Ġemma | 2026 |
| 3.9 | Jiġu żviluppati programmi fl-iskejjel għall-integrazzjoni tal-kapaċità finanzjarja fil-kurrikulu biex jiġi żgurat li t-tfal jiġu introdotti għal kunċetti ta tfaddil u ġestjoni ta' flus minn età bikrija. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Ġemma Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni | 2026 |
| 3.10 | Jibdew diskussjonijiet dwar l-infurzar ta' restrizzjonijiet ta' età għall-użu tal-midja soċjali, b'enfasi fuq miżuri biex jitnaqqas l-aċċess għat-tfal ta' taħt it-13-il sena, u l-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi effettivi ta' monitoraġġ u infurzar f'kollaborazzjoni mal-ġenituri u partijiet interessati oħra rilevanti. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2026 |
| 3.11 | L-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu mħeġġa biex joffru rati tal-imgħax preferenzjali jew benefiċċji oħrajn lill-familji li juru litteriżmu finanzjarju u ġestjoni tal-flus responsabbli. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Ġemma | 2026 |
| 3.12 | Jiġu appoġġjati l-organizzazzjonijiet li joffru pariri finanzjarji, assistenza għall-ġestjoni tad-dejn, jew servizzi bankarji affordabbli mfassla għall-bżonnijiet tal-familji u tal-koppji żvantaġġati li qed ibatu biex jiġġestixxu l-finanzi tagħhom. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Ġemma | 2027 |



# PRIJORITÀ 4



# TITJIB TAR-RATA TAL-FERTILITÀ F'MALTA

***Għall-indirizzar ta' diversi fatturi soċjoekonomiċi li jinfluwenzaw l-ippjanar tal-familja.***

Malta qed tiffaċċja sfida demografika urġenti kkaraterizzata minn rati persistenti ta' fertilità baxxa. Din ix-xejra toħloq implikazzjonijiet sinifikanti għan-nisġa soċjali, is-sostenibbiltà ekonomika, u l-prosperità fit-tul tal-pajjiż. L-istat kurrenti tar-rata tal-fertilità l-aktar baxxa f'Malta ilha ġejja snin, u tirrifletti l-evoluzzjoni gradwali tan-normi soċjetali u l-imġiba individwali (id-deċiżjonijiet tal-istil ta' ħajja).

Malta osservat bidla fid-dinamiċi tal-familji fuq medda ta' żmien, fejn imxejna 'l bogħod minn strutturi tradizzjonali għal arranġamenti aktar diversi. Fl-istess ħin, evolvew il-perċezzjonijiet soċjetali taż-żwieġ u tat-trobbija, bl-individwi dejjem qed jagħtu aktar prijorità lill-objettivi personali u professjonali u mhux li jibdew familja. Fatturi ekonomiċi, bħall-instabbiltà tax-xogħol (speċjalment matul perjodi ta' kriżi ekonomika bħall-pandemija tal-COVID) u sfidi fl-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, ikkontribwew aktar għad-dewmien fil-formazzjoni tal-familji u t-twelid tat-tfal. In-nuqqas ta' ħin disponibbli għall-individwi li qed isegwu l-karriera tagħhom, aggravat mill-fatturi ta' stress tal-ħajja, ukoll kellu rwol sinifikanti f'din ix-xejra.

L-impatt tal-korsijiet edukattivi twal dwar il-fertilità ma jistax ikun issottovalutat, partikolarment għal tfajliet li huma ddedikati biex ikomplu l-edukazzjoni għolja. Id-durata estiża tal-perkorsi edukattivi spiss tfisser li dawn l-individwi jaf idumu biex jidħlu f'relazzjoni bl-intenzjoni li jibdew familja. Dan id-dewmien jista' jkollu implikazzjonijiet sinifikanti fuq il-kronoloġija għall-ippjanar tal-familja, hekk kif l-aħjar etajiet għat-tqala isiru aktar ristretti.

Dan it-tibdil multidimensjonali kkontribwixxa b'mod kollettiv għat-tnaqqis gradwali fir-rati tal-fertilità, li jissottolinja l-bżonn għal fehim bi sfumaturi differenti tad-dinamiċi sottostanti.

### Direzzjoni tal-Politika

Ir-rati tat-twelid li qed jonqsu jaffettwaw lill-pajjiżi madwar id-dinja, mhux biss lil Malta. Madankollu, li dan jiġi sempliċement injorat u meqjus bħala "inevitabbli" jostakola l-abbiltà li jinstabu soluzzjonijiet. Minkejja li pajjiż żgħir, Malta għandha identità unika u distinta. Il-Gvern iqis li huwa kruċjali li jittieħdu l-passi neċessarji għas-salvagwardja tal-identità tagħna minn kwalunkwe erożjoni potenzjali. Biex tittella' r-rata tal-fertilità, kienet neċessarja analiżi bir-reqqa tal-kawżi ta' fertilità baxxa. Fi ħdan dan il-kuntest, il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal wettaq studju intern biex ikollu aktar għarfien dwar il-Fertilità Baxxa ta' Malta, filwaqt li ħa wkoll inkonsiderazzjoni riċerka oħra disponibbli [141] u l-konklużjonijiet ewlenin tal-konferenzi lokali.[142] L-indirizzar tas-sitwazzjoni tal-fertilità baxxa f'Malta jirrikjedi approċċ komprensiv li jirrikonoxxi n-natura estiża ta' dan it-tibdil. Dan il-Pjan Soċjali jindirizza l-fatturi multidimensjonali tal-fertilità baxxa filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-appoġġ għall-formazzjoni tal-familja u l-promozzjoni ta' ambjent li jwassal biex ikun hemm it-tfal. Dan jirrikjedi sforzi kkoordinati fost diversi setturi tas-soċjetà.

---

[141] *NCPE. Perceptions and Attitudes of Women and Men in Malta towards work-life balance with a specific focus on family size. Disponibbli fuq: https://ncpe.gov.mt/wp-content/uploads/2024/03/NCPE-Research-Study-Perceptions-and-Attitudes-of-Women-and-Men-in-Malta-towards-work-life-balance-with-a-specific-focus-on-family-size.pdf Aċċessat fil-05/03/2025.*

[142] *F'konformità mal-konklużjonijiet ewlenin tal-Konferenza organizzata mill-Malta Employers Association bit-titlu "Malta's Low Birth Rate: An Existential Challenge".*

Bil-prijoritizzazzjoni ta' politiki tal-postijiet tax-xogħol favur il-familja, investiment f'aktar skemi ta' akkomodazzjoni u titjib tad-djar, bl-implimentazzjoni ta' programmi ta' edukazzjoni/sensibilizzazzjoni, u bit-tisħiħ tal-kapaċitajiet għall-ġbir ta' data, Malta tista' toħloq ambjent li jappoġġja l-formazzjoni tal-familja u t-trobbija. L-għan aħħari huwa li jinħolqu l-kundizzjonijiet neċessarji biex l-individwi u l-koppji jingħataw is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet informati dwar il-bidu jew l-espansjoni tal-familji tagħhom ħalli jiżguraw futur aħjar għall-ġenerazzjonijiet li jmiss.

Iż-żieda tar-rata tal-fertilità f'Malta ma tistax tiġi indirizzata biss mill-Gvern, mill-impjegaturi, jew is-soċjetà ċivili waħedha. Kulħadd għandu rwol biex tiġi indirizzata din l-isfida. Il-kumplessità tagħha tirrikjedi soluzzjonijiet olistiċi diversi. Filwaqt li l-ebda miżura waħedha ma tista' ssolviha, bl-adozzjoni ta' perspettiva olistika u bl-implimentazzjoni ta' interventi mmirati, Malta tista' taħdem lejn trajettorja għat-tkabbir tal-popolazzjoni sostenibbli.

Sal-2030, se jsiru valutazzjonijiet bir-reqqa dwar l-impatt tal-miżuri msemmija permezz ta' ġbir ta' data u r-riċerka rigorużi. Abbażi ta' dawn ir-riżultati, se jkunu kkunsidrati interventi u possibbilment rikalibrazzjonijiet biex jiġu żgurati l-effettività u r-rilevanza tal-inizjattivi għall-kisba tal-eżiti mixtieqa sal-2035.

Permezz ta' dan l-approċċ gradwali, Malta tista' taħdem lejn it-trawwim ta' trajettorja għat-tkabbir tal-popolazzjoni sostenibbli u tiżgura l-benesseri ta' ġenerazzjonijiet futuri.

## 6.1 POLITIKI TAL-POST TAX-XOGĦOL FAVUR IL-FAMILJA

F'konformità mal-kapitlu preċedenti b'rabta mar-"Relazzjonijiet Familjali", qasam ewlieni ta' intervent għall-promozzjoni ta' rati tal-fertilità ogħla huwa l-implimentazzjoni ta' politiki tal-post tax-xogħol favur il-familja. Il-ħtiġijiet ta' bilanċ bejn ir-responsabbiltajiet tax-xogħol mal-ħajja tal-familja jistgħu joħolqu sfidi sinifikanti għall-ġenituri li jaħdmu, partikolarment għan-nisa li spiss iġorru l-biċċa l-kbira tar-responsabbiltajiet tal-indukrar. Il-politiki tal-post tax-xogħol favur il-familja huma fundamentali biex itaffu dawn l-isfidi billi joħolqu ambjent tax-xogħol ta' appoġġ u flessibbli li jakkomoda l-bżonnijiet tal-impjegati b'responsabbiltajiet tal-indukrar.

Biex jintlaħaq bis-sħiħ il-potenzjal tal-politiki tal-post tax-xogħol favur il-familja, il-Pjan Soċjali jirrikonoxxi l-bżonn għal bidla kulturali usa'. Permezz tal-ħolqien ta' ambjent fejn l-individwi jħossuhom appoġġjati fl-irwoli tagħhom kemm bħala indokraturi kif ukoll bħala professjonisti, il-politiki tal-post tax-xogħol favur il-familja jinkoraġġixxu bidla fin-normi u fl-attitudnijiet soċjetali lejn l-ippjanar tal-familja. L-għan huwa li tittaffa l-biża' tal-għażla bejn l-avvanz fil-karriera u l-bidu ta' familja, u b'hekk ikun aktar fattibbli għall-individwi li jsegwu t-tnejn li huma mingħajr kompromess. Din il-bidla kulturali hija essenzjali għat-trawwim ta' soċjetà fejn id-deċiżjoni li jkollok it-tfal tidher kompatibbli ma' aspirazzjonijiet tal-karriera u fejn l-individwi jingħataw is-setgħa biex jibbilanċjaw ix-xogħol u l-ħajja tal-familja b'mod effettiv. Bidla kulturali se toħloq ambjent aktar inklużiv u ta' appoġġ li mhux biss jibbenefika l-benesseri tal-familji iżda wkoll jikkontribwixxi għal rati tal-fertilità ogħla u futur sostenibbli għas-soċjetà tagħna.

Fi ħdan dan il-kuntest, il-Pjan Soċjali jitlob aktar sforzi biex l-impjegaturi[143] jiġu mħeġġa joffru benefiċċji bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli, arranġamenti tax-xogħol part-time, l-inkorporazzjoni ta' mudell ibridu għat-telework u ħinijiet flessibbli tax-xogħol, u l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet tal-ġenituri biex jirritornaw għax-xogħol. Huwa kruċjali li jinstab il-bilanċ it-tajjeb li jappoġġja dawn l-inizjattivi mingħajr ma jikkomprometti l-kompetittività. Permezz tal-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol ta' appoġġ li jakkomoda l-bżonnijiet tal-ġenituri li jaħdmu (jew tal-ġenituri li se jkollhom it-tfal), Malta tista' tagħti s-setgħa lill-individwi biex isegwu kemm is-suċċess professjonali kif ukoll is-sodisfazzjon tal-familja.

Huwa kruċjali wkoll li tiġi żgurata l-ugwaljanza bejn iż-żewġ ġenituri fir-responsabbiltajiet tal-kura u tal-familja għat-trawwim ta' rati tal-fertilità ogħla fi ħdan s-soċjetà. Dan l-approċċ huwa essenzjali fl-indirizzar tal-isterjotipi assoċjati mar-responsabbiltajiet tal-indukrar, partikolarment fir-rigward tal-kompiti fl-unità domestika. Li ż-żewġ imsieħba jaqsmu r-responsabbiltajiet tal-indukrar u dawk domestiċi b'mod ugwali, mhux biss jippromwovi l-ekwità iżda joħloq ukoll ambjent aħjar għall-ippjanar tal-familja. Din l-ugwaljanza tippermetti flessibbiltà ikbar fil-ġestjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja, u tnaqqas il-piż tal-indukrar fuq kwalunkwe individwu waħdu.

## 6.2 AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI U STABBILTÀ FINANZJARJA

Fattur kritiku ieħor li jinfluwenza r-rati tal-fertilità huwa l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-istabbiltà finanzjarja. Il-kostijiet għoljin tal-akkomodazzjoni u n-nuqqas ta' sigurtà finanzjarja jistgħu jżommu lil koppji żgħażagħ lura milli jibdew jew jespandu l-familji tagħhom. It-tensjoni biex jiġu bbilanċjati l-kostijiet tal-akkomodazzjoni u n-neċessitajiet bażiċi, u l-biża li ma jkunux jistgħu jipprovdu b'mod adegwat għat-tfal jistgħu jwasslu għal dewmien fl-ippjanar tal-familja jew deċiżjoni li jkollhom inqas tfal milli jixtiequ.

Biex jindirizzaw din l-isfida, l-interventi tal-politika jiffokaw fuq iż-żieda tal-aċċess għal għażliet ta' akkomodazzjoni affordabbli permezz, b'mod partikolari permezz tal-introduzzjoni ta' aktar skemi ta' akkomodazzjoni u ta' titjib fid-djar għal koppji żgħażagħ u appoġġ ulterjuri għal min qed jixtri dar għall-ewwel darba. Barra minn hekk, l-isforzi biex tkompli tittejjeb l-istabbiltà finanzjarja, inkluż ħolqien tax-xogħol, introjtu aħjar, aktar investiment fil-programmi tal-edukazzjoni u tal-ħarsien soċjali, se jkomplu jingħataw prijorità mill-Gvern biex jittaffew il-pressjonijiet finanzjarji fuq l-unitajiet domestiċi u jitrawwem ambjent li jwassal għall-formazzjoni tal-familja.

## 6.3 PROGRAMMI TA' EDUKAZZJONI U SENSIBILIZZAZZJONI

Il-programmi ta' edukazzjoni u sensibilizzazzjoni għandhom rwol kruċjali fl-awtonomizzazzjoni tal-individwi biex jagħmlu għażliet informati dwar l-ippjanar tal-familja u t-trobbija. Dan il-Pjan Soċjali għall-Familja jitlob aktar sensibilizzazzjoni u edukazzjoni biex tiġi enfasizzata l-importanza tal-familja bħala skop għal ħajja sodisfaċenti, u jrawwem fehim u apprezzament aktar profondi tas-sinifikanza tagħha.

Huwa fundamentali li nixħtu d-dawl fuq il-valuri, il-virtujiet, il-pjaċiri u l-premjijiet tal-bini ta' rabtiet familjari b'saħħithom, li jrawmu l-imħabba, l-appoġġ, u r-reżiljenza fi ħdan l-unità tal-familja. Permezz tas-sensibilizzazzjoni dwar l-impatt profond tal-ħajja tal-familja, dawn l-inizjattivi se jispiraw lill-individwi biex iħarsu lejn il-bidu u t-trawwim ta' familja bħala vjaġġ ferm sodisfaċenti u sinifikattiv.

Huwa ugwalment importanti li jiġu indirizzati l-isfidi u r-responsabbiltajiet tat-trobbija, u li l-individwi jiġu megħjuna biex jifhmu l-impatt sinifikanti tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq ħajjithom u fuq it-tfal futuri. L-għan huwa l-kultivazzjoni ta' ambjent ta' appoġġ, li jnissel kunfidenza biex jiġi nnavigat il-vjaġġ riproduttiv. Dan japprofondixxi wkoll il-fehim ta' fatturi soċjali u ekonomiċi li jinfluwenzaw l-ippjanar tal-familja, u li jagħtu s-setgħa lill-individwi biex jagħmlu għażliet allinjati mal-valuri u l-aspirazzjonijiet futuri tagħhom.

Għandhom jiġu introdotti inizjattivi edukattivi komprensivi dwar l-ippjanar tal-familja u l-valuri fi ħdan il-familja fl-iskejjel, fil-postijiet tax-xogħol, u fl-ambjenti tal-komunità.

## 6.4 ĠBIR TA' DATA U RIĊERKA

Għalkemm is-suċċess soċjali spiss jitkejjel permezz ta' parametri ekonomiċi, li huma bla dubju vitali, hemm sejħa dejjem akbar biex l-ambitu jitwessa'. Huwa kruċjali li jiġu kkunsidrati dimensjonijiet addizzjonali tal-ħajjiet tagħna li jinfluwenzaw b'mod sinifikanti t-tkabbir u s-sostenibbiltà tas-soċjetà.

---

143 *Ibid*

Id-data u r-riċerka huma elementi kruċjali fil-fehim u l-indirizzar tax-xejriet tal-fertilità. Permezz tal-ġbir u l-analiżi ta' data komprensivi, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jiksbu għarfien ta' valur dwar fatturi li jinfluwenzaw ir-rati tal-fertilità, bħall-età fl-ewwel twelid, l-aċċess għall-kura tas-saħħa riproduttiva, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, u n-normi kulturali. Din l-informazzjoni sservi bħala pedament għat-tfassil ta' interventi u politiki effettivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-fertilità u l-appoġġ tal-formazzjoni tal-familja. Id-data aġġornata hija wkoll fundamentali għall-evalwazzjoni tal-impatt ta' programmi eżistenti u għall-identifikazzjoni ta' xejriet emerġenti, li tiżgura li l-istrateġiji jibqgħu rilevanti u jirrispondu għall-bżonnijiet li qed jevolvu tal-popolazzjoni.

Fi ħdan dan il-kuntest, il-Gvern għandu l-għan li jistabbilixxi reġistru tal-popolazzjoni biex jittraċċa l-bidliet fid-daqs u l-istruttura tal-popolazzjoni, li jippermetti l-monitoraġġ tax-xejriet u d-determinanti tal-fertilità. Se jsiru wkoll sforzi biex jingħalqu l-lakuni tad-data fil-bażijiet tad-data nazzjonali, billi jiġi żgurat rapportar komprensiv ta' indikaturi demografiċi bħar-rati taż-żwieġ, ir-rati tal-fertilità, u r-rati tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol. Permezz tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-ġbir ta' data u tar-riċerka, Malta tista' żżid il-fehim tagħha tax-xejriet tal-fertilità u tfassal interventi tal-politika biex tindirizza b'mod effettiv l-ixprunaturi sottostanti tal-fertilità baxxa.

## 6.5 MIŻURI RELATATI MAR-RABA' PRIJORITÀ

Is-sensiela ta' miżuri li jmiss tindirizza r-rati baxxi ta' fertilità ta' Malta u toħoloq ambjent li jwassal għall-formazzjoni tal-familja. Dawn il-miżuri jiffokaw fuq diversi fatturi soċjoekonomiċi, minn politiki tal-post tax-xogħol favur il-familja għal inċentivi finanzjarji u appoġġ edukattiv. Permezz ta' inizjattivi bħal kampanji ta' għarfien nazzjonali, żieda fl-allowances tat-tfal għal kull familja, u introduzzjoni ta' aktar skemi ta' akkomodazzjoni u titjib tad-djar, Malta għandha l-għan li tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għall-individwi u l-familji. Barra minn hekk, dawn il-miżuri jiffokaw fuq it-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-espansjoni tal-aċċess għal trattamenti tal-fertilità, u t-tisħiħ tal-appoġġ finanzjarju għall-familji bit-tfal.

| Nru tal-Miżura | Miżura | Ministeru Ewlieni | Sena ta' Implimentazzjoni |
|---|---|---|---|
| 4.1 | Jiġi stabbilit Task Force Nazzjonali dwar il-Perkorsi Edukattivi u l-Ippjanar tal-Familja li jkun magħmul minn esperti minn Ministeri tal-Gvern, Imsieħba Soċjali, u NGOs. L-għan huwa li titwettaq riċerka u jiġu identifikati l-ostakli ffaċċjati miż-żgħażagħ li jibbilanċjaw l-għanijiet tal-edukazzjoni u tal-ippjanar tal-familja. Id-diskussjoni għandha tinvolvi wkoll valutazzjoni mill-ġdid tad-durata tal-programmi edukattivi. Is-sejbiet għandhom iwasslu għall-iżvilupp ta' riformi tal-politika. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni /Imsieħba Soċjali | 2027 |
| 4.2 | Jinbdew kampanji ta' sensibilizzazzjoni nazzjonali kif ukoll programmi edukattivi biex irawmu kultura li tapprezza u tiċċelebra l-importanza tal-familja. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali | 2026 |
| 4.3 | Jinbeda l-ħolqien ta' reġistri tal-popolazzjoni għall-monitoraġġ kontinwu tad-daqs u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni, li jiffaċilita l-intraċċar f'ħin reali tax-xejriet u l-fatturi tal-fertilità. Barra minn hekk, għandha tittejjeb il-kompletezza tad-data fil-bażijiet tad-data nazzjonali billi jiġi żgurat rapportar komprensiv tal-metriċi demografiċi ewlenin bħar-rati taż-żwieġ, ir-rati tal-fertilità, u r-rati tal-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol, filwaqt li jinbdew ukoll diskussjonijiet dwar l-istabbiliment ta' korp demografiku dedikat għat-tisħiħ tal-ġbir, l-analiżi, u l-użu ta' tali data għall-ippjanar tal-politika. | Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/ Uffiċċju tal-Istatistika Nazzjonali / Il-Ministeru Responsabbli għall-Affarijiet Interni | 2028 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4.4 | Tiġi implimentata għodda tal-awditjar għall-miżuri nazzjonali dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata biex jiġu evalwati u vvalutati politiki li jappoġġjaw bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja personali. Jiġi kkunsidrat l-għoti ta' marka ta' kwalità għal postijiet tax-xogħol favur il-familja. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali /Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi** | **2028** |
| 4.5 | Allowance tat-Tfal: Tkompli tiżdied l-allowance tat-tfal għal kull familja biex titnaqqas il-piż finanzjarju u jiġi appoġġjat it-tkabbir tal-familji. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2026** |
| 4.6 | Tinbeda diskussjoni għall-introduzzjoni ta' rati tat-taxxa aktar favorevoli għal ġenituri b'aktar minn wild wieħed u perjodi itwal ta' eżenzjoni tat-taxxa għal kull wild addizzjonali. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi** | **2026** |
| 4.7 | Jiġu kkunsidrati l-introduzzjoni ta' skemi addizzjonali ta' akkomodazzjoni u ta' titjib tal-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni sabiex tgħin lill-familji li għandhom tfal. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi** | **2027** |
| 4.8 | Tisħiħ tal-Appoġġ għal Attivitajiet Extrakurrikulari: Jinbdew diskussjonijiet biex jiġu kkunsidrati modi possibbli ta' appoġġ ulterjuri għall-finanzjament ta' attivitajiet extrakurrikulari għat-tfal sa 14-il sena, li jippromwovu l-iżvilupp olistiku tagħhom u jnaqqsu l-piż finanzjarju fuq il-familji. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni/ Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali / Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi** | **2026** |
| 4.9 | Appoġġ lill-Familji għall-Edukazzjoni: Inkomplu fuq ir-riżultati pożittivi tal-Iskema 9 (limitata għall-familji b'introjtu baxx), u niżviluppaw Programm ta' Appoġġ Edukattiv għal Familji Kbar biex jassisti lill-familji bi tlitt itfal jew aktar fil-ġestjoni tal-ispejjeż relatati mal-iskola. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **2026** |
| 4.9.1 | Jissaħħaħ l-appoġġ għall-familji matul id-durata kollha tal-perkors post-sekondarju jew tal-edukazzjoni terzjarja tat-tfal tagħhom. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali/Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni** | **2027** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **4.10** | Trattamenti tal-Fertilità: Ikompli jiġi estiż l-aċċess għal trattamenti tal-fertilità u servizzi relatati tal-kura tas-saħħa, li jsaħħaħ l-impenn tal-Gvern lejn appoġġ aċċessibbli u komprensiv. | **Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa/ Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi** | **2028** |
| **4.11** | Skema ta' Donazzjoni tal-Leave jew tal-Jiem Liberi mix-Xogħol bħala Kumpens (TOIL, Time-Off-In-Lieu): L-impjegaturi jiġu inċentivati biex jikkunsidraw l-implimentazzjoni ta' Skema ta' Donazzjoni tal-Leave jew tal-Jiem Liberi mix-Xogħol bħala Kumpens (TOIL, Time-Off-In-Lieu) li tippermetti lill-kollegi jagħmlu donazzjoni ta' leave mhux użat u TOIL biex jappoġġjaw lil ġenituri li kellhom tarbija jew li għandhom marda serja. Permezz tal-promozzjoni tar-responsabbiltà kondiviża u tas-solidarjetà fost l-impjegati, din il-miżura għandha l-għan li tipprovdi lill-ġenituri l-flessibbiltà u l-appoġġ li hemm bżonn biex jiffokaw fuq il-benesseri tal-wild tagħhom. | **Il-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi** | **2026** |
| **4.12** | Tiġi kkunsidrata l-introduzzjoni ta' allowance għall-indukrar tat-tfal lill-qraba ta' 65 sena u iktar li jipprovdu kura għan-nepputijiet tagħhom li għandhom ma jmorrux skola waqt li l-ġenituri jkunu f'impjieg full-time. | **Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali** | **2026** |


#TEEN
BEST



# MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni effettiva u l-monitoraġġ kontinwu tal-eżiti mistennija tal-Pjan Soċjali għall-Familja, huwa importanti li tiġi stabbilita sistema robusta għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni.

Se jinħoloq **Grupp ta' Livell Għoli għall-Implimentazzjoni u l-Monitoraġġ** li se jingħata l-kompitu li jieħu ħsieb il-progress tal-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-impatt tal-inizjattivi deskritti fil-pjan. Dan il-grupp se jinkludi rappreżentanti minn ministeri ewlenin,[144] partijiet ikkonċernati rilevanti mis-soċjetà ċivili, u esperti fil-ħarsien tal-familja. L-ħiliet speċjalizzati u l-perspettivi diversi kollettivi tagħhom se jipprovdu għarfien ta' valur fl-implimentazzjoni reali tal-pjan. Il-Grupp ta' Livell Għoli se jkollu wkoll l-awtorità li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma tematiċi biex jiffokaw fuq komponenti speċifiċi tal-Pjan Soċjali għall-Familja.

Il-grupp se jkun responsabbli għall-iżvilupp ta' qafas ta' monitoraġġ komprensiv b'indikaturi kwantitattivi ċari — allinjati mal-miżuri proposti ta' dan il-pjan — u skadenzi definiti għal kull inizjattiva fi ħdan il-Pjan Soċjali. Il-qafas ta' monitoraġġ se jiżgura li l-progress ikun jista' jitkejjel b'mod effettiv, u li l-eżiti jiġu vvalutati. Se jiġu stabbiliti laqgħat regolari u mekkaniżmi ta' rapportar biex isegwu il-progress tal-inizjattivi, jidentifikaw l-isfidi, u jipproponu aġġustamenti skont il-bżonn.

Flimkien mal-indikaturi kwantitattivi, il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Implimentazzjoni u l-Monitoraġġ se jenfasizza wkoll l-importanza tal-valutazzjonijiet kwalitattivi. Dan se jinvolvi t-twettiq ta' stħarriġ, diskussjonijiet fil-gruppi fokali, u intervisti fil-fond mal-familji, il-fornituri ta' servizzi, u partijiet ikkonċernati oħra biex jinġabar feedback dwar l-impatt tal-interventi tal-pjan. Dan l-għarfien kwalitattiv se jipprovdi fehim aktar profond dwar kif il-familji qed jesperjenzaw l-inizjattivi, u li jippermetti li jsiru aġġustamenti bbażati fuq l-esperjenzi u l-bżonnijiet tal-ħajja reali.

It-trasparenza u r-responsabbiltà se jkunu l-prinċipji ewlenin li se jiggwidaw il-proċess ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. Ir-rapporti dwar il-progress tal-Pjan Soċjali se jsiru disponibbli għall-pubbliku kull sentejn, li jiżgura t-trasparenza fil-proċess ta' implimentazzjoni.

Se jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi ta' feedback biex jippermettu lill-familji u l-komunitajiet jipprovdu input, jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, u jqajmu kwalunkwe tħassib li jista' jkollhom. Dan l-approċċ parteċipattiv se jippermetti t-tagħlim kontinwu, l-irfinar tal-istrateġiji, u r-rispons għall-bżonnijiet li qed jevolvu tal-popolazzjoni.

Fl-aħħar mill-aħħar, l-istabbiliment ta' Grupp ta' Livell Għoli għall-Implimentazzjoni u l-Monitoraġġ jirrifletti l-impenn tal-Gvern biex jiżgura li l-Pjan Soċjali għall-Familja jikseb l-għanijiet maħsuba tiegħu u jagħmel differenza tanġibbli fil-ħajjiet tal-familji f'Malta. Permezz tat-traċċar sistematiku tal-progress, il-valutazzjoni tal-impatt, u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, se noħolqu qafas dinamiku u adattiv li jevolvi kontinwament biex jissodisfa l-bżonnijiet li qed jinbidlu tal-familji u l-komunitajiet.

143 *Dan il-grupp se jikkonsisti minn rappreżentanti fil-livell ta' Maniġer Superjuri jew 'il fuq.*





# ĦSIEB FINALI

Il-Pjan Soċjali għall-Familja jenfasizza l-irwoli kruċjali kemm tal-Gvern kif ukoll tas-soċjetà ċivili fit-tfassil ta' soċjetà fejn kull familja tista' tiffjorixxi. Dan il-qafas komprensiv, li jiffoka fuq it-temi tal-ġustizzja soċjali, it-trawwim ta' relazzjonijiet, it-tisħiħ tal-ħiliet, u t-titjib tar-rata tal-fertilità ta' Malta, ifassal perkors lejn futur reżiljenti u prosperu għall-familji kollha.

Il-kisba tas-suċċess tiddependi mir-responsabbiltà konġunta li kollha nġorru magħna f'din il-missjoni. L-inizjattivi tal-Gvern iridu jissaħħu permezz tal-involviment attiv u l-appoġġ ta' kull Ministeru u d-dipartimenti u l-entitajiet rispettivi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità, u fl-aħħar il-familji u l-individwi.

Il-Pjan Soċjali għall-Familja jirrappreżenta aktar minn sempliċi ġabra ta' politiki, dan se jservi bħala pjan direzzjonali lejn viżjoni kondiviża ta' bidla pożittiva dejjiema, li tiżgura li l-ebda familja ma tintesa. L-għan aħħari hu l-kultivazzjoni ta' ambjent fejn il-familji jingħataw is-setgħa biex jirnexxu.

f / familjagovmt